# L-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Marzu 2009 **✱ LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 64 SENA ✱** Nru. 906



GOZO CATHEDRAL PUBLIC LIBRARY
donated by ....Fr. Tony....
on.......3/13......
GAD 193509

## *"Għandi l-għatx!... Meta ser tifhem kemm inħobbok?!..."*

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

## GĦAL EWRO FIX-XAHAR!




### *Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin*

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil- posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2009, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",
Lumen Christi Media Centre,
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria VCT 2579, Għawdex.















Isem ______________________________

Indirizz ______________________________

______________________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ☐ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2009* ☐

☐ €10 Abbonament Regolari

☐ €20 Abbonament Benefattur (b'rigal tal-ktieb ġdid: '***Il-Vanġelu ta' San Pawl***')

Data ______________ Firma ______________



# IL-ĦAJJA f'Għawdex

L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945
*Ħarġa nru. 906*
*Marzu 2009*
Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex

*Direzzjoni u Amministrazzjoni:*
Lumen Christi Media Centre
Triq Fortunato Mizzi,
Victoria - Għawdex VCT 2579
Tel. 21560496/7 Fax. 21561860

*e-mail:* gozopress@onvol.net

Abbonament: €10 (Lm 4.30)
Benefattur: €20 (Lm 8.60)

Issettjata u Stampata:
*"Gozo Press" Tel.21551534*

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 5
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Għawdex fil-Ġurnali • 16
Għawdex fil-Parlament • 17
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 18
Osservazzjonijiet • 20
Speċjali Sena Pawlina (9) • 22
Kummentarju (2) • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Il-Misteru tal-Knisja (21) • 28
Snajja Qodma (18) • 30
Kummentarju (3) • 32
Fundazzjoni Isqof N. Cauchi • 34
Kotba minn Għawdex • 35
Intervista • 36
Passiġġata Biblika (44) • 38
Kummentarju (4) • 40
Għawdex Qabel ir-Ritratti (13) • 42
Għawdex 300 sena ilu (172) • 43
Xhieda Nisranija • 44
Għawdex "On-Line" (8) • 45
Tieqa fuq l-Ambjent (7) • 46
Apprezzament • 48
Mix-Xena Sportiva f'Għawdex • 49



**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Lynda Caton Roseblade, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex, Godfrey Xuereb.*
**Ritratt tal-Qoxra:** *"Il-Kurċifiss tas-Seba' Kelmiet" fil-Knisja Arċipretali tal-Qala, xogħol ta' Michael Camilleri Cauchi (1986). Ħajr lil John Cordina.*





# Id-Dekadenza tasal Għawdex

***Is-sinjali taż-żminijiet qegħdin juru xejra lejn id-dekadenza tal-valuri u d-degradazzjoni tal-gosti. Il-Karnival spontanju tan-Nadur kien din is-sena sintomu ta' dan. Sintomu ta' kankru blasfemiku!***

*Fil-kultura moderna, iżda superfiċjali tagħna, qed issir moda li biex iddaħħak trid titpastas u tkun oxxen – u biex jagħtu kasek trid titpastas ftit aktar minn dak li tpastas qablek.* ***Kuntest midgħi jew il-profanazzjoni tas-sagru saru mezzi ta' divertiment u arti... u jsibu udjenza.*** *Għax l-arti trid taħsad – u taħsad u tixxokkja biss billi tipprofana llum aktar milli kien ipprofanat ilbieraħ. Għalhekk iddur anke għas-Sagru!*

*Hawn ukoll f'Malta min irid idaħħal il-mentalità li biex tkun persuna ta' gosti tabilħaqq artistiċi ma trid tkun imħaxken mill-ebda kodiċi ta' etika. Dan hu dak l-istat li Ortega y Gasset isejjaħ* ***"l-avvent tal-barbariżmu".*** *Saħansitra, skont x'uħud, artist għandu jkollu l-liċenzja li jfattar u jagħġen opra mill-ħmieġ moqżież biex jiġbed in-nies ħalli jxommuha. Imbagħad, quddiem xi opra bħal din, id-dinja żgħira tal-kultura Maltija tinqasam f'żewġ fronti: wieħed favur il-libertà ta' l-espressjoni u l-liċenzja artistika bla rażan, u l-front l-ieħor ta' kontra, li jqajjem oġġezzjonijiet fosthom li l-arti wkoll għandha r-responsabbiltà. Iżda, fis-soċjetà tar-reklami, aktar ma dawk ta' kontra jiddiskrivu xi opra "artistika" b'aġġettivi dispreġjattivi, aktar jagħtuha l-aqwa pubbliċità. Kliem oxxen ukoll sar "arti"?*

*L-arti, jgħidu, ma tridx ċensura. Imma f'isem l-arti nistgħu, per eżempju, nesibixxu, jekk mhux ukoll neżaltawhom minflok nikkundannawhom, xeni ta' nisa msawta, ta' tfal abbużati sesswalment, xeni ta' żina bestjali? U l-libertà ta' l-espressjoni, jgħidu, m'għandha bl-ebda mod tkun imxekkla. Imma nistgħu, f'isem il-libertà ta' l-espressjoni nħallu tidħol, per eżempju, l-pornografija fl-iskejjel u fil-libreriji pubbliċi? Nistgħu jew le? Għax jekk le, din tkun ċensura! U jekk iva, allura ma teżistix pornografija!*

*Imbagħad, hemm dawk li jsostnu li attività ssir anormali jekk fil-konsiderazzjoni popolari titqies li hija hekk. Jekk naqilbu l-argument, attività ssir normali jekk il-konsiderazzjoni popolari taċċettaha li hija hekk. U dan li qiegħed jiġri fostna.* ***Il-propagandisti tad-dekadenza saru arditi biżżejjed biex, bi strateġija fina u gradwali, jgħaddu l-modi tagħha bħala n-normal.*** *Barra minn hekk, id-dekadenza qed tirnexxi għaliex tagħmel ħafna aktar ħoss mill-maġġoranza siekta li tkun urtata. Il-maġġoranza, kbira imma siekta, f'Għawdex tagħna jeħtieġ turi bi prudenza, iżda b'leħen sod u azzjoni kostanti, li mhix lesta tilqa' modi ġodda ta' valuri pagani estremi.*

***Dak li hu għażiż għalina jeħtieġ niddefenduh aktar milli għamilna fil-kas ta' l-iskandli tal-Karnival tan-Nadur. Jekk naqla' daqqa ta' ħarta, jien, bħala nisrani, lest li ndawwar wiċċi u noffri ħaddejja tan-naħa l-oħra, iżda miniex lest li jekk id-daqqa jaqlagħha Kristu, indawwar wiċċi n-naħa l-oħra qisni ma ntbaħt b'xejn u nibqa' sieket...!***

**Joseph W. Psaila**






***Żjara ta' korteżija mill-Kummissarju Ingliż lill-Isqof Grech***

Ms. Louise Stanton, il-Kummissarju Għoli Ingliż għal Malta, nhar l-20 ta' Frar 2009, għamlet żjara ta' korteżija lill-Isqof Mario Grech fl-uffiċċju tiegħu fil-Kurja ta' Għawdex. Ms. Stanton inħatret Kummissarju għal pajjiżna dan l-aħħar.

***Il-Ġimgħa tal-Morda***

Tul ix-xahar li għadda, mill-Ħadd 8 ta' Frar sal-Ħadd 15 ta' Frar, id-Djoċesi ta' Għawdex iċċelebrat il-Ġimgħa tal-Morda. Din il-ġimgħa tinżamm f'rabta ma' Jum il-Morda, li jaħbat fil-11 ta' Frar u li jiġi mfakkar mal-Knisja kollha. Din il-Ġimgħa tinżamm fl-għan li tinħoloq iktar sensibbiltà favur il-morda, l-bżonnijiet tagħhom, u dawk kollha li jieħdu ħsiebhom. Diversi parroċċi f'Għawdex fakkru din il-Ġimgħa b'għadd ta' attivitajiet, b'mod speċjali billi ġie amministrat is-sagrament tal-Griżma tal-Morda. Il-Ħadd 15 ta' Frar, l-Isqof Grech mexxa konċelebrazzjoni ġewwa l-parroċċa tal-Munxar f'għeluq ta' din il-Ġimgħa, fejn fl-omelija li għamel saħaq fuq l-importanza li l-marid ma jiġix mitluq għal rieħu meta l-marda fiżika tibda ssir piż fuqu u fuq ta' madwaru u dawk li jieħdu ħsiebu, iżda hemm bżonn ta' iktar solidarjetà mal-marid u ma' familtu. Din is-solidarjetà tagħmel l-Imħabba ta' Alla iktar konkreta għall-marid.

***Velja tan-Nawfraġju ta' San Pawl fil-Munxar***

Fid-9 ta' Frar, lejlet is-Sollenità tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta, fil-parroċċa tal-Munxar, iddedikata lil San Pawl Nawfragu, ġiet organizzata velja ta' talb bis-sehem speċjali taż-żgħażagħ u l-adolexxenti. Din il-velja kienet maqsuma



fi tlett partijiet. l-ewwel parti kienet tikkonsisti f'*powerpoint presentation* dwar San Pawl bil-kliem u l-mużika ta' l-innu l-kbir li jindaqq fil-festa ta' San Pawl ġewwa din il-parroċċa; imbagħad dawk preżenti fil-knisja ħarġu fil-pjazza tar-raħal u madwarha nqrat is-silta mill-Atti ta' l-Appostli li titkellem minn Pawlu f'Malta. Wara, kulħadd xegħel fjamma mill-ħuġġieġa u reġa' lura fil-knisja fejn kien hemm mumenti ta' talb quddiem Ġesù fl-Ewkaristija li ntemmu bil-barka sagramentali.



*L-Eċċ. Tiegħu, Mons. Isqof Mario Grech jidher flimkien ma' Christine Attard, Maria Demanuele, Gabrielle Portelli u Sylvana Cardona.*

***Jiltaqgħu ma' Mons. Isqof Grech***

Studenti li jattendu l-iskola Sekondarja fil-Konservatorju ta' l-Isqof, fir-Rabat, żaru l-Kurja Djoċesana fejn barra li daru l-post intervistaw lill-Eċċ. Tiegħu. Mons. Isqof Mario Grech dwar l-iskeda tax-xogħol tiegħu ta' kuljum u l-ħidma pastorali fid-Djoċesi Għawdxija. Il-laqgħa kienet tinkludi anke ffilmjar ta' dak li kien għaddej u jintqal fid-diskussjoni.

. Iż-żjara kienet konnessa ma' proġett ta' l-Ingliż li l-istudenti kienu qed jagħmlu bħala parti mill-istudji tagħhom.



## *X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# Sejħa għal Bidla Sħiħa u Vera



***Siltiet mill-Omelija ta' Mons Isqof fil-Knisja ta' San Pawl l-Appostlu, Rabat Malta, fl-okkażjoni tal-Festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl - 15.01.2009***

**Ippermettuli nagħmel domanda: 'Hawn xi ħadd fostna li għadu juża l-lira bħala munita? Hawn xi ħadd fostna li għadu juża ċ-ċenteżmi tal-lira? Ma naħsibx, u dan għaliex il-lira hija valuta li m'għadiex tgħodd u meta ndunajna li l-flus li kellna kienu ser jitilfu l-valur u allura kienu ser isiru bla valur, aħna għaġġilna biex għamilna l-bidla tal-munita u llum kulħadd juża l-Ewro. Din il-ħaġa fhimniha. Imma jien nistgħaġeb kif għandna ċerti sistemi u li qegħdin ngħixu ċerti atteġġamenti u hemm ċerti stili ta' ħajja li l-esperjenza tixhdilna li ma għandhomx valur għaliex huma atteġġamenti u stili li meta napplikawhom, inħaddmuhom u ngħixuhom qed ikollna nħallsu prezz għoli għalihom u bqajna fihom. Nieħdu l-eżempju ta' familji li ma jitkellmux u aħwa illi ma jistgħux jaraw lil xulxin. Għiduli intom jekk fostna hawnx mibgħeda, għira u inġustizzji?**

### *Ir-realtà tal-familja*

Jien naf b'realtà oħra li fiha ħutna Maltin u Għawdxin qed jgħixu din is-sistema. Huwa ta' stagħġib kif meta dawn jaraw u jmissu b'idejhom li din is-sistema hija valuta vojta, ma għamlux bħal ma għamlu għal valur tal-lira u biddluha imma bqajna nwebbsu rasna u rridu nibqgħu b'din is-sistema. Qiegħed nirreferi għall-istorja tal-familja. Veru **li l-istorja tal-familja qatt ma kienet ward u żahar imma lanqas qatt ma kienet pjaga bħal ma hija llum.** Imma llum nistaqsi lilkom. **Hawn xi familja fostkom li m'għandhiex ġerħa minħabba l-mard u t-tifrik li hawn fil-familji tagħna u fiż-żwiġijiet tagħna?** Imma hekk qegħdin aħna! Għadu jidhrilna llum li hemm ċerti stili ta' ħajja u hemm ċerti mudelli ta' ħajja miżżewġa u familjari, li minkejja li nafu li jiswew ħafna u jiswew il-għaraq tad-demm, aħna xorta għadna inħaddnuhom u għadu ma ġiniex id-dawl li nbiddlu bħalma biddilna l-lira. Qed nežaġera jew qed naqra r-realtà?

### *Ir-realtà tas-Soċjetà*

Materja oħra li forsi ma tolqotniex tant fil-qrib fil-ħajja tagħna ta' kuljum imma hija **realtà fis-soċjetà tagħna hija dik tal-manipulazzjoni bil-ħajja tal-bniedem, it-traffikar li jsir bil-ħajja umana, il-proposti li qed isiru jew jistgħu jsiru biex il-bniedem jimmanipula l-ħajja speċjalment fil-bidu tagħha.** Jidhrilkom li dawn huma fatti newtrali li ma jaffettwawniex?

### *Esperjenzi ta' Bidliet fil-Ħajja ta' Pawlu*

Nista' nsemmilkom eżempji oħrajn li tistgħu ukoll issemmu intom għax intom tgħixu l-ħajja ta' kuljum. Allura meta qegħdin naraw din id-diżordni, meta qegħdin naraw dan l-għatx għas-sewwa, għall-paċi u għar-rispett lejn id-dinjità ta' kull wieħed u waħda minna, x'ser nagħmlu? Nixtieq nistedinkom dalgħodu biex tirriflettu dwar kif Pawlu għamel diversi esperjenzi ta' bidliet fil-ħajja tiegħu.

Imma nibda minn dik il-bidla li seħħet fil-ħajja personali ta' Pawlu li ma kinitx bidla sempliċi u ordinarja. Aktar milli nitkellem dwar il-konverżjoni ta' Pawlu fiha nfisha, jien nixtieq nirrifletti magħkom dwar min wassal lil Pawlu biex jagħmel dik il-bidla. Xi ġrajja kien hemm li kienet tant qawwija biex tibdel lil Pawlu? Naf li r-risposta qegħda fuq fommkom u tirrisponduni u tgħiduli li kienet l-esperjenza ta' Damasku. Tgħiduli ukoll li kienet l-esperjenza ta' Kristu. Lanqas din ma hija għal kollox ir-risposta eżatta. Veru li kien Kristu msebbaħ, irxuxtat u glorjuż li mmanifesta ruħu lil Pawlu, u Pawlu ma setax jirreżisti li jħalli l-ġmiel ta' Kristu jiġri warajh u veru li Pawlu fl-Atti ta' l-Appostli jitkellem dwar din il-bidla li seħħet f'ħajtu, imma nixtieqkom taqbdu f'idejkom l-ittra ta' Pawlu lil Filippin, Kapitlu 3 biex nifhmu eżatt il-ġrajja ta' dik il-bidla.

### *Esperjenza Intima u Spiritwali ta' Kristu*

Fl-ittra lil Filippin Pawlu ma jirrakkontax il-fatt storiku tal-ġrajja imma jirrakkonta l-esperjenza intima u spiritwali ta' l-iskoperta li għamel fi Kristu u jasal biex jgħid: **"Jiena nqis kollox bħala knis meta niġi biex naħtaf lil Kristu bħalma Kristu ħataf lili".** U nixtieqkom tirriflettu ftit fuq din l-esperjenza li ġabet bidla totali f'Pawlu; esperjenza li biddlitlu s-sistemi tiegħu, l-mod kif kien jirraġuna u l-qalb tiegħu. Fuq dan nixtieqkom tirriflettu flimkien miegħi. Filwaqt li Pawlu ta' Tarsu huwa persuna storika li tappartjeni lill-istorja. li għex f'ċertu żmien u li ħa l-martirju, imma Kristu li biddillu ħajtu mhux persuna storika. Kristu l-Iben ta' Alla huwa preżenti llum.

### *L-Ewwel Esperjenza ta' Pawlu – L-Esperjenza ta' Kristu li huwa l-Misteru ta' l-Għid tagħna*

Huwa Kristu li kif ikkomunika ma' Pawlu jikkomunika magħna bil-kelma tiegħu anke jekk aħna ma tantx nivvalutawha. Huwa Kristu tal-Misteru ta' l-Għid. Huwa Kristu li miet u qam. Allura jien nistaqsi: **Għaliex din ir-reżistenza li qed twassalna biex nibqgħu nitkellmu kif konna nitkellmu l-bieraħ u li nagħmlu dak li konna nagħmlu, bla ma nirrendu biex ninbidlu meta għandna lill-Mulej Ġesù li jirrivela lilu nnifsu lilna *llum*, ikellimna *llum*, jurina l-ġmiel tiegħu *llum*.**

Jien għidt li mhux eżatt jekk ngħidu li l-bidla ta' Pawlu seħħet fit-triq ta' Damasku. Veru illi fit-triq ta' Damasku beda proċess ta' bidla għax Pawlu sab lil Annanija li għammdu. Imma Pawlu ma waqafx hawn. Kif jgħidulna l-Atti ta' l-Appostli, Pawlu mar fid-deżert ta' l-Arabja u llum l-eżeġeti jgħidulna li ż-żmien bejn il-laqgħa primarja li kellu

Pawlu ma' Kristu u l-mument fejn huwa sar appostlu ma kienx żmien qasir. Hemm min jitkellem minn perijodu ta' għaxar snin. Dan kien żmien li fih Pawlu pprova jniżżel l-għeruq tiegħu fil-fond tal-misteru ta' Kristu anke wara li tgħammed. U qed ngħid hekk għaliex aħna lkoll mgħammdin u għalhekk **lilna li rċivejna formalment il-Magħmudija la għandu jissorprendina u lanqas għandu jaqtalna qalbna l-fatt li għandna ukoll il-bżonn ta' riflessjoni fuq il-Kelma ta' Alla; żmien fil-preżenza ta' Kristu li kellem lil Pawlu u Kristu li qed ikellem lilna, jekk irridu li l-iskoperta li għamel Pawlu tkun l-iskoperta li nistgħu nagħmlu aħna, kif għamlu ta' qabilna. Jekk aħna niskopru lil Kristu aħna mhux biss ninbidlu, nibdew ħajja ġdida u nikkonvertu.** Imma nidħlu għat-tieni esperjenza li kellu Pawlu, meta aħna b'entużjażmu u b'enerġija naslu biex nikkontribwixxu għall-konverżjoni ta' l-oħrajn u tad-dinja ta' madwarna.

*It-Tieni Esperjenza ta' Pawlu - Kontribut għall-bidla ta' l-Istrutturi Soċjali*

Pawlu ma kienx kuntent li sab lil Kristu u żammu għalih imma jara kawża ġusta ħalli jaħli ħajtu biex iwassal din il-Bxara t-Tajba. Huwa sar l-Appostlu tal-Ġnus. Wara li Pawlu għadda minn din il-bidla huwa ħassu fid-dmir li jibdel l-istrutturi soċjali ta' żmienu. Jekk aħna qegħdin ngħixu f'sitwazzjoni li minnha tkellimt fil-bidu, dak ifisser li huwa tassew urġenti li min iltaqa' ma' Kristu ma joqgħodx b'idejh marbuta. Jien fil-bidu għidtilkom li ma jistax ikollna Knisja sedenterja bilqegħda u gallerija. **Ma jistax ikollna Knisja muta li titlef il-kelma, imma jrid ikollna Knisja komunità li f'ħinu u barra minn ħinu xxandar lil Kristu biex iġġib bidla fil-bnedmin u fl-istrutturi li jsawru n-nisġa soċjali tagħna.** Kif ser isir dan? Kull wieħed u waħda minna almenu fil-parti kbira tagħna aħna preżenti fl-istrutturi tal-pajjiż u jekk aħna konvinti li din hija Bxara t-Tajba u li l-bidla li jipproponi Kristu hija ta' valur, allura għaliex ma naqsmuhiex ma' l-oħrajn? Ma nistgħux nitkellmu mill-konverżjoni ta' Pawlu u ma nħossux ukoll is-sejħa biex wara li nikkonvertu aħna, naħdmu biex nikkonvertu lid-dinja ta' madwarna.

*It-Tielet Esperjenza ta' Pawlu- Kontribut għall-bini ta' sistema ta' valuri*

Imma mbagħad Pawlu jitkellem minn konverżjoni oħra. Pawlu fl-ittra lil Galatin jistagħġeb u jgħidilhom: **"Galatin bla moħħ imma kif ikkonvertejtu daqshekk malajr lejn evanġelju ieħor? Kif issaħħartu bil-ġmiel ta' sistema oħra u ta' valuri oħrajn u ħallejtu l-Vanġelu ta' Sidna Ġesù Kristu?"** Għeżież tiegħi l-bidla tista' ssir mhux biss il-quddiem imma anke lura. Aħna nistgħu u għandna nikkonvertu għat-tajjeb imma l-bniedem għax huwa bniedem jista' jagħmel bidla għall-ħażin. **Jien nasal biex ngħid li dik il-bidla li skantat lil Pawlu meta ġie biex jitkellem mill-insara tal-Galazja, hija l-bidla illi tiskandalizza lil Pawlu meta jitfa' ħarstu fuq in-nazzjon tagħna, dak in-nazzjon li huwa welldu għal Kristu. Inkunu boloh jekk aħna naħsbu li pajjiżna għadu pajjiż li jpoġġi lil Kristu fuq quddiem nett u li għadu pajjiż li jara fi Kristu r-raġuni ta' l-eżistenza tiegħu. Anzi nistgħu ngħidu li għandna parti mis-soċjetà tagħna li trid**



**tinfatam minn Alla u minn Sidna Ġesù Kristu anke jekk nafu li m'hemmx ħajja mingħajr riferenza għall-Assolut u għal Ġesù Kristu, jekk trid tkun ħajja bis-sens, għaliex altrimenti tkun qegħda tagħti l-kundanna tagħha nnifisha. Dawn huma l-għażliet eżistenzjali li espliċitament jew impliċitament qegħdin nagħmlu.** Allura din hija konverżjoni oħra li xtaqt inqiegħed għall-attenzjoni tagħkom.

*Ir-Raba' Esperjenza- kontribut għall-bidla fil-Komunità Nisranija*

Ir-raba konverżjoni li nara li għamel l-esperjenza tagħha Pawlu kienet il-bidla li ġab fil-komunità nisranija fil-Knisja. Pawlu mhux biss ikkonverta lejn Kristu imma kkonverta lejn il-Knisja. Huwa ħass il-bżonn li kellu jmur Ġerusalemm u hemmhekk jiltaqa' ma' Pietru u jgħid li ltaqa' ma' Ġakbu. Imma anke lil Knisja Pawlu għena tagħmel bidla fl-attitudni tagħha, bidla fil-metodi tagħha, bidla fl-'approach' tagħha mad-dinja. Huwa qal:"Jiena nħoss li l-Vanġelu huwa miftuħ għal kulħadd anke għall-pagani". Għalhekk Pawlu huwa l-Appostlu għal Ġnus. **Forsi jien żbaljat imma nħoss li bħala Knisja hemm bżonn nikkonvertu f'ħafna affarijiet partikularment fl-attitudni tagħna. Ħafna drabi aħna nibqgħu indifferenti quddiem dawk li qegħdin jgħixu fil-periferija u jista' jkun li din il-periferija tinsab ukoll madwar il-Knisja. Aħna passivi quddiem dawk li tilfu l-fidi. Ma jistax ikun li l-Knisja jkollha dan l-atteġġament.** Jekk irridu nkunu Knisja Pawlina u meta ngħid Knisja qed nifhem aħna lkoll li hemm bżonn li ngħixu din il-bidla. Aħna nistgħu naraw din il-bidla propju wara li nkunu għamilna l-esperjenza ta' Kristu fil-ħajja tagħna.

**Jiena nawgura li kif fl-imgħoddi qarib tagħna, kien hemm minn ħutna li għamlu din l-esperjenza u ma żammewhiex għalihom imma nfetħu għall-oħrajn, hekk ukoll illum il-Knisja animata minn dan l-Ispirtu ta' Pawlu u misjuqa mill-imħabba ta' Pawlu tagħraf tagħti dak il-kontribut validu u essenzjali lis-soċjetà tagħna ħalli tagħmel bidla tassew tajba.**

*Kummentarju (1)*

# Il-Bniedem fil-Pjan ta' Alla Ħallieq



*kitba ta'* MONS. SALV GRIMA

**F'dawn l-aħħar ġimgħat komplew jitqanqlu iktar fehmiet dwar il-bniedem kemm fil-medja internazzjonali kif ukoll f'gazzetti lokali u mezzi oħra tax-xandir. Barra mill-ideat dwar il-familja fejn ġew minsusa prinċipji bażiċi li jħarsu din l-għaqda skont l-ordni naturali, ġew esposti opinjonijiet oħra li jmissu valuri tant importanti bħalma huma t-tnissil tal-ħajja umana, il-funzjoni tas-sessi fil-ħolqien, id-dritt għall-ħajja sa mill-bidunett, id-dinjità ta' l-eżistenza umana sa l-aħħar nifs u l-ekoloġija tal-bniedem.**

**Huma diversi dawk li anki minn fostna qed jesprimu fehmithom f'ġurnali u propaganda oħra li xejn ma juru dawl sabiħ fuq il-bniedem fil-pjan ta' Alla Ħallieq. Ir-raġunijiet jistgħu jvarjaw imma mhux skont id-dehen u r-raġuni li bihom wieħed jista' jagħraf aħjar il-verità, ħafna drabi mxekkla waħda sewwa mill-egoiżmu, mill-kapriċċi, il-preżunzjoni, is-suppervja jew anki mill-informazzjoni żbaljata.**



*Alla jagħti l-ħajja lill-bniedem (Kappella Palatina, Palermo).*

Huma jsostnu li post il-bniedem għandu jitpoġġa f'kuntest ta' oġġett f'rabta ma' dak li hu żvilupp riċenti, x'qed jagħmlu pajjiżi oħra, skont l-eżiġenzi ta' soċjetà lajka u moderna, u x'jirrendi iktar komdu għall-ħajja tal-lum. Minn fuq jiddarrsu sewwa meta l-Papa jew il-Knisja lokali jesprimu t-twemmin nisrani li għandu l-għan ewlieni li joffri ħarsien sħiħ tal-persuna umana skont id-dmir afdat mill-Kelma ta' Alla.

Bl-iskuża tad-drittijiet umani hemm dawk li jiċħdu l-kompitu tal-vuċi nisranija u ta' dawk li jitkellmu b'viżjoni kuntrarja għal tagħhom. Jakkużaw ukoll lill-"Kurja" li trid tiddomina fuq il-libertà tal-kuxjenza umana, tal-parlamentari, fuq dawk li jaħdmu fil-qasam soċjali jew mediku, fuq min iħaddan twemmin differenti jew saħansitra fuq dawk il-barranin li jiġu fostna. Bħallikieku l-bniedem għandu jitħalla għall-iskrutinju ta' kull qasam jew konsiderazzjoni oħra, iżda min iħaddan xi reliġjon għandu jiskot u ma jindaħalx lanqas jekk jaħseb li qed joffri għajnuna lill-bniedem biex titħares id-dinjità tal-persuna umana.

**In-nisrani prattikanti, u li għandu jwassal il-leħen liberu u deċiż tat-twemmin li jistqarr, mhux nieqes mill-għajnuna li toffrilu l-Knisja fil-Katekiżmu Kattoliku. Dan għandu jkun il-manwal li fih insibu l-prinċipji li jispjegaw x'post għandu l-bniedem fil-pjan tal-ħolqien minn Alla. Fl-Iskrittura insibu: "U qal Alla: 'Ħa nagħmlu l-bniedem fuq is-sura u x-xbieha tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tjur ta' l-ajru, fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art"** *(Ġen 1, 26).*

### *Mhix Kwistjoni ta' Opinjoni*

Fid-dawl ta' dan it-test bibliku kull min jagħmel parti mill-Knisja ma jistax jiskot u ma jkomplix iwassal l-istess leħen biex jispjega għadd ta' veritajiet dwar il-bniedem. Hawn wieħed jista' jsemmi dak it-tagħlim mill-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika li huwa bażiku għall-kumplament ta' dak li fuqu tkompli tibni l-antropoloġija tagħha, jiġifieri dwar it-**tliet punti essenzjali: il-bniedem bħala xbieha ta' Alla, ir-ruħ tal-bniedem, u l-post tal-bniedem fil-ħolqien.** Dan għandu jinżamm fuq quddiem anki biex jiġi evitat kull periklu ta' xi interpretazzjoni li mhix skont it-twemmin nisrani.

a) **Dwar il-bniedem bħala xbieha ta' Alla:** "Fost il-ħlejjaq kollha li naraw, il-bniedem biss 'għandu l-ħila jagħraf u

jħobb lil min ħalqu', hu biss ġie msejjaħ biex, bl-għarfien u l-imħabba tiegħu, ikollu sehem mill-ħajja ta' Alla. Għalhekk ħalqu Alla, u din hi r-raġuni fundamentali tad-dinjità tiegħu" *(KKK 356)*. **"Għaliex hu xbieha ta' Alla, il-bniedem għandu d-dinjità ta' persuna: m'huwiex biss xi ħaġa, imma xi ħadd..."** *(KKK 357)*. "Il-bniedem hu ddestinat minn qabel li jġib ix-xbieha ta' l-Iben ta' Alla magħmul bniedem...." *(KKK 381)*.

b) **Dwar ir-ruħ tal-bniedem.** "Il-bniedem maħluq xbieha ta' Alla, hu fl-istess ħin esseri korporali u spiritwali" *(KKK 362)*. "Il-ġisem tal-bniedem għandu sehem mid-dinjità tax-'xbieha ta' Alla'; hu ġisem tal-bniedem propju għax jingħata l-ħajja minn ruħ spiritwali..." *(KKK 364)*. **"L-għaqda tar-ruħ u l-ġisem tal-bniedem hi hekk kbira li wieħed għandu jqis ir-ruħ bħala l-'forma' tal-ġisem, jiġifieri li hu minħabba r-ruħ spiritwali li l-ġisem, magħmul mill-materja, hu ġisem ta' bniedem, ġisem ħaj"** *(KKK 365)*. "Il-Knisja tgħallem li kull ruħ spiritwali hi maħluqa immedjatament minn Alla; ma 'jagħmluhiex' il-ġenituri; hi immortali; ma tintemmx meta tinfired mill-ġisem fil-mewt, u għad tingħaqad mill-ġdid mal-ġisem fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar taż-żmien" *(KKK 366)*.

ċ) **Dwar il-post tal-bniedem fil-ħolqien.** "Il-ġerarkija tal-ħlejjaq hi mfissra mill-ordni li bih sar ix-xogħol tas-'sitt ijiem': minn dak li hu inqas perfett għal dak li hu aktar perfett. Alla jħobb il-ħlejjaq tiegħu kollha, jieħu ħsieb kull waħda, imqar ta' l-għasfur tal-bejt. Iżda Ġesù qal: 'Intom aktar minn ħafna għasafar tal-bejt tiswew' jew ukoll: 'Kemm jiswa bniedem aktar minn nagħġa!'" *(KKK 342)*. **"Il-bniedem hu fil-quċċata tal-ħolqien. Il-kliem ispirat ta' l-Iskrittura dan jurih għax għażel b'mod ċar il-ħolqien tal-bniedem minn dak tal-ħlejjaq l-oħra** *(ara Ġen 1, 26)*" *(KKK 343)*. "Il-bniedem għandu post għalih fil-ħolqien: hu maħluq 'xbihet Alla' *(KKK 355)*.

**"Ħlaqt il-bniedem fi xbieha tiegħek, o Alla, fdajtlu f'idejh id-dinja kollha biex jieħu ħsiebha ħalli jaqdi lilek waħdek, Ħallieq tiegħu, u jsaltan fuq il-ħlejjaq kollha"** *(Mill-Missal Ruman, Talba Ewkaristika IV) (KKK 380)*.

**Altru li dak li twassal il-Knisja dwar il-bniedem mhux xi għamla ta' ndħil jew forma ta' opinjoni li tista' jew għandha ċċediha quddiem il-bumbardamenti li qed idgħajfu u jħarbtu l-pjan ta' Alla fil-ħolqien.**






# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu: 10.00am - 1.00pm Fil-għaxija: 6.00pm - 10.00pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



# X'għadda minn għalina



*Kronaka Għawdxija*
*minn Charles Spiteri*

## *Jibda x-xogħol fuq il-'Master Plan' għaċ-Ċittadella*

"Illum il-ġurnata, l-problemi taċ-Ċittadella ta' Għawdex qed jiġu indirizzati bis-serjetà u b'mod ħolistiku biex b'hekk jikber il-ħarsien, il-konservazzjoni u l-użu aħjar ta' dan il-monument storiku f'Għawdex. Dan sar possibbli permezz ta' fondi li pajjiżna qed igawdi minnhom wara li sar membru ta' l-Unjoni Ewropea". Dan qalitu l-Ministru għal Għawdex Giovanna Debono waqt konferenza ta' l-aħbarijiet li saret fiċ-Ċittadella nhar il-Ħamis 19 ta' Frar u li fiha ngħata tagħrif dwar il-proġett tal-*Master Plan* għall-istess Ċittadella.



*Il-Ministru Giovanna Debono waqt il-Konferenza Stampa fiċ-Ċittadella. Jidhru wkoll Joseph Micallef, Segretarju Permanenti fil-Ministeru għal Għawdex u l-Inġiniera Claudia Aguzzoli*

Il-Ministru Giovanna Debono qalet li wara li ġiet ippubblikata u ġġudikata *tender* matul is-sena li għaddiet, issa ngħata bidu għall-ewwel fażi ta' dan il-proġett li tinkludi perijodu ta' ġbir u analiżi ta' informazzjoni u data dwar diversi aspetti taċ-Ċittadella. Fost l-aspetti li qegħdin jiġu studjati hemm il-konservazzjoni tas-sit kif ukoll il-ħarsien ta' l-aspetti kulturali u ekoloġiċi li jinkludu, fost l-oħrajn, investigazzjonijiet geo-tekniċi dwar l-istabbiltà tas-sit, il-kundizzjoni u ħtiġijiet tar-restawr tas-swar u postijiet storiċi fiċ-Ċittadella, arkeoloġija u identifikazzjoni u protezzjoni ta' flora u fawna. Il-*Master Plan* qed jindirizza wkoll fost l-oħrajn aspetti ta' turiżmu u faċilitajiet għall-viżitaturi, l-użu ta' l-art, aspetti ekonomiċi u soċjali, immaniġġjar tat-traffiku, servizzi u infrastruttura u proposti għal tmexxija u immaniġġjar aħjar.

Il-Ministru għal Għawdex qalet li dan il-proġett qiegħed ikun ko-finanzjat mill-Mekkaniżmu Finanzjarju ta' l-Area Ekonomika Ewropea u li għalih qed jikkontribwixxu l-pajjiżi tan-Norveġja, Iceland u Liechtenstein. Il-proġett tal-*Master Plan* ser jiswa' 264,000 ewro li 85% minnhom qed jinħarġu minn dawn il-pajjiżi. Il-Kumpanija li rebħet il-kuntratt hija l-Kumpanija Taljana *Politecnica Ingegneria e Architettura* li fit-twettiq ta' dan l-istudju qed tingaġġja s-servizzi ta' numru ta' esperti kemm Taljani kif ukoll lokali. Din il-kumpanija diġà organizzat numru ta' laqgħat ma' organizzazzjonijiet jew individwi li għandhom interess fiċ-Ċittadella u fix-xhur li ġejjin dawn il-laqgħat ser jissoktaw biex il-pjan ikun qed jikkonsidra firxa wiesa' kemm jista' jkun ta' opinjonijiet u proposti għaċ-Ċittadella. Il-pjan mistenni jkun konkluż f'Awwissu 2010.

It-tħejjija ta' dan il-pjan hija parti minn programm wiesa' ta' xogħlijiet li qegħdin isiru biex iċ-Ċittadella tingħata l-attenzjoni kollha li jixirqilha.

Il-Ministru Debono qalet li bħalissa għaddej ukoll proġett ta' aktar minn 7 miljun ewro mifrux fuq numru ta' snin għar-restawr tal-ħitan tas-swar taċ-Ċittadella u t-tisħiħ tal-blat li mibnija fuqu. Dan il-proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea u li qiegħed jiġi ko-ordinat mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex diġà nbeda bil-ħruġ ta' l-ewwel *tender* għal *survey* fotogrammatiku tas-swar u tal-blat ta' taħthom. Sadattant dalwaqt toħroġ it-tieni *tender* ta' dan il-proġett biex jitqabbad konsulent geo-tekniku li mistenni isegwi kemm l-esekuzzjoni ta' l-istudji geo-tekniċi neċessarji ħalli jiġu individwati l-problemi geo-tekniċi tal-blat li fuqu hi mibnija ċ-Ċittadella kif ukoll, suċċessivament, l-esekuzzjoni ta' l-interventi ta' konsolidazzjoni ta' l-istess blat. Dawn l-istudji *surveys* ser iwasslu biex aktar 'l quddiem jinħargu t-*tenders* li jindirizzaw ir-restawr tad-dawramejt tas-swar taċ-Ċittadella.

Fl-istess okkażjoni tkellmet l-Inġiniera Claudia Aguzzoli li qed tikkoordina l-proġett min-naħa tal-kumpanija li tat ħarsa lejn ix-xogħol li twettaq s'issa u l-pjanijiet għall-futur immedjat kif ukoll spjegat x'mistenni jkun jinkludi l-pjan meta dan ikun lest.

## Tindif tas-swar taċ-Ċittadella

Ftit huma dawk in-nies li jafu li l-ħaxix, speċjalment l-għeruq tal-ħaxix jista' jagħmel ħafna ħsara lill-bini, speċjalment dak antik.

Il-Ministeru ta' Għawdex għaraf din il-problema, u għal sena oħra konsekuttiva, reġa' offra l-proġett tat-tindif tal-ħaxix mis-swar taċ-Ċittadella f'idejn il-Fergħa Għawdxija tas-Salib l-Aħmar. Dan il-proġett ilu għaddej mis-sena 2005, u tul dawn is-snin, is-swar taċ-Ċittadella ħadu wiċċ ġdid. B'impenn indispensabbli tal-voluntiera tas-Soċjetà tas-Salib l-Aħmar, iċ-Ċittadella ħelset minn għadd kbir ta' ħaxix ħażin, li mhux biss kien jagħti dehra kerha lis-swar, iżda wkoll kien jagħmel ħsara kbira lill-ħitan, minħabba li l-għeruq jiftħu l-fili ta' bejn il-kantuni.



*Membri Għawdxin tas- Soċjetà tas-Salib l-Aħmar waqt ix-xogħol volontarju tagħhom ta' tindif ta' ħaxix minn mas-swar taċ-Ċittadella.*

Il-voluntiera tas-Salib l-Aħmar jużaw l-aħħar metodi ta' tixbit bil-ħbula sabiex inaddfu s-swar. Għalkemm dan jieħu ħafna ħin, dan huwa l-uniku mezz aċċessibbli għat-tindif tas-swar. It-tindif tas-swar mhuwiex marbut ma' okkażjoni ta' darba, iżda ma' proċess sħiħ. B'mod ġenerali, dan il-proċess jinqasam f'żewġ partijiet, l-applikazzjoni ta' kimika li toqtol il-pjanta mingħajr ma' tagħmel ħsara lis-swar, u t-tneħħija tal-pjanta wara li tkun nixfet u/jew mietet f'kull staġun.

Żgur li kull turist li jżur il-gżira Għawdxija jammira s-swar taċ-Ċittadella. Permezz ta' dan ix-xogħol b'xejn, il-voluntieri tas-Salib l-Aħmar żgur li jħossuhom kburin li rnexxielhom jagħtu u jibqgħu jżommu l-immaġni maestuża taċ-Ċittadella, swar li għal bosta snin iddefendew lil missirijietna.

## "Kaleidoscope" - Wirja ta' Arti Russa f'Għawdex



*Waqt il-ftuħ tal-Wirja ta' Anastasia Ponyatovskaya fis-Sala San Ġwann taċ-Ċittadella.*

Fis-6 ta' Frar, id-Direttur taċ-Ċentru Kulturali Russu, Mr Sergey Medvedev, inawgura wirja ta' pittura minn Anastasia Ponyatovskaya fis-Sala San Ġwann taċ-Ċittadella.

Anastasia Ponyatovskaya twieldet fir-Repubblika tal-Maldova u għamlet darha f'Għawdex fejn sabet ispirazzjoni artistika għal qalbha. Kienet studjat l-arti fil- *Lucaium Loganson* ta' St. Peterburgh taħt l-awspiċji ta' l-Akkademja Russa ta' l-Arti, u wkoll fl-Akkademja ta' l-Arti ta' Maldova. Għamlet l-ewwel wirja tagħha fl-età ta' 7 snin u baqgħet tiżviluppa t-talent artistiku tagħha sa livell għoli ħafna. Hija esperta ta' ħafna aspetti ta' l-arti viżwali, bħal pittura biż-żejt, *watercolours* u medja oħra; tagħmel l-ikoni bit-teknika tradizzjonali Russa; tipproduċi l-*batique,* skultura *bas relief*; illustrazzjonijiet għall-kotba, u anki tiddisinja ġojjelli u tiżjin (dekorazzjonijiet) fid-djar. Għal aktar dettalji rigward din l-artista wieħed għandu jara l- *Web Page* tagħha: www.arteforte.net.

Din il-Wirja 'Kaleidoscope' fiċ-Ċittadella ta' Għawdex kienet tikkonsisti f'selezzjoni ta' pitturi sbieħ li ħafna minnhom għandhom tema ta' taħt il-baħar, immaġni astratti jew ta' fantasija, inklużi xi veduti ta' Għawdex. Il-kuluri magħżulin u mħawrin tajjeb, id-dettalji fini, u l-fantasija skwiżita tal-pitturi u l-*batiques* verament kienu impressjonanti u jagħtuk pjaċir tarahom. Din il-wirja ta' talent baqgħet miftuħa sas-6 ta' Marzu.

## Il-GTA tagħlaq għaxar snin

Matul il-laqgħa ġenerali annwali ta' l-Assoċjazzjoni Għawdxija tat-Turiżmu, li saret fil-Lukanda Kempinski San Lawrenz, il-President Paul Scicluna tkellem dwar ir-rwol ta' l-assoċjazzjoni, filwaqt li Joe Muscat, Segretarju Ġenerali ta ħarsa lura tal-ħidma li twettqet matul is-sena li għaddiet, jiġifieri dik 2008.

Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, indirizzat ukoll lil dawk preżenti u qalet li t-twaqqif tal-GTA kienet inizjattiva li turi l-impenn tal-Ministeru għal Għawdex biex jindirizza l-bżonnijiet partikolari ta' l-industrija tat-turiżmu f'Għawdex. Il-kollaborazzjoni bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-*istakeholders* involuti matul is-snin, wasslu biex ġew indirizzati sfidi partikolari f'dan is-settur, fosthom l-istaġjonalità u l-promozzjoni ta' Għawdex bħala destinazzjoni distinta. Dan wassal għal riżultati pożittivi kemm mis-suq barrani kif ukoll fl-iżvilupp tas-suq domestiku.

Filwaqt li saret enfasi fuq il-kontribut pro-attiv li taw il-kunsilli konsekuttivi tal-GTA fis-snin li għaddew, il-kelliema kollha għamlu riferenza għal kriżi fix-xena ekonomika internazzjonali. U lkoll qablu li huwa importanti, li dawk kollha involuti, jingħaqdu flimkien sabiex l-industrija tkun f'pożizzjoni aħjar li tiffaċċja l-isfida li ġġib magħha din is-sitwazzjoni.

Waqt il-laqgħa ġenerali annwali tkellmu wkoll Frank Farrugia mit-Taqsima ta' l-Infurzar tal-MTA, Paul Miruzzi, Direttur Ġenerali tad-Diviżjoni Proprjetà tal-Gvern, u Raphael Axiaq, il-perit ewlieni fl-uffiċċju ċentrali tal-MEPA f'Għawdex.

Il-GTA twaqqfet għaxar snin ilu u għandha fi ħdanha membri li joperaw f'diversi oqsma f'dan is-settur, bħal stabbilimenti ta' akkomodazzjoni, *bars* u restoranti, trasport, servizzi ta' *diving* u servizzi oħra għat-turisti.



*Waqt il-laqgħa ġenerali ta' l-Assoċjazzjoni tat-Turiżmu f'Għawdex*

## *Il-Laqgħa Ġenerali Annwali tal-"Victoria Scout Group"*



*Waqt iċ-ċerimonja tal-preżentazzjoni taċ-ċertifikati. Fuq quddiem, mix-xellug għal-lemin, jidhru Matthew Attard, Josef Spiteri, Matthew Mifsud, Mark Azzopardi, Jeremy Muscat u George Mallia. Fuq in-naħa ta' wara, Matthew Galea, Christopher Micallef, Andrew Portelli,* Council chairman *Joe W Cassar, il-*Group Scout Leader *Lorrie Saliba u Gorgi Portelli.*

*Il-Victoria Scout Group* żamm il-Laqgħa Ġenerali Annwali tiegħu nhar is-Sibt, 31 ta' Jannar, 2009 fil-kwartieri tiegħu, fir-Rabat.

Il-laqgħa bdiet b'indirizz taċ-*Chairman* tal-*Group* Joseph Cassar. Wara nqraw ir-rapporti mis-Segretarja tal-Kunsill, Maria Mercieca, mill-*Group Scout Leader* Lorrie Saliba u mit-Teżorier tal-*Group* Michael Grech. Il-psikjatra Dr. Anton Grech ta taħdita ferm interessanti fejn tkellem fuq l-isfidi u d-diffikultajiet taż-żgħażagħ tal-lum u spjega kif għaqdiet bħal l-i*Scouts* jistgħu jgħinuhom jiffaċjaw aħjar dak li qed jistennihom fil-preżent u fil-futur.

Imbagħad saru diversi preżentazzjonijiet. Tqassmu ċertifikati lil *Venture Scout, Scout u Cub Scouts* tas-sena kif ukoll ċertifikati ta' mertu lill-membri oħra. Ċertifikati oħra tqassmu lil xi *Sixes* u *Patrols* li rebħu kompetizzjonijiet matul is-sena.

Iċ-*Chairman* tal-*Group* Joe Cassar, ħabbar li Joe G. Grech inħatar bħala l-ewwel patrun tal-*Victoria Scout Group*. Is-Sur Grech kien wieħed mill-fundaturi tal-*Group* fl-1963. Matul dawn is-snin kien *Cub Scout Leader*, *Scout Leader* u *Group Scout Leader tal-Victoria Scout Group* kif ukoll *Training Commissioner* u *Chief Commissioner* tal-i*Scout Association* ta' Malta. Hu dam jokkupa din l-ogħla kariga għal għaxar snin sħaħ. Is-Sur Grech serva ukoll bħala *District Commissioner* għal Għawdex. Fis-sena 1993 ġie mogħti l-midalja *Silver Dolphin* bħala rikonoxximent ta' 'l fuq minn 25 sena ta' ħidma eċċezzjonali li ta lill-Moviment ta' l-i*Scouts* bħala *Leader*.



*Waqt il-laqgħa ġenerali annwali tal-Victoria Scout Group. Maria Mercieca, Segretarja, tidher tagħmel id-diskors tagħha. Jidhru wkoll iċ-*Chairman *tal-Group Joseph Cassar u t-Teżorier Michael Grech.*

F'diskors ta' ringrazzjament, is-Sur Grech ħeġġeġ lill-membri u lill-*Leaders* biex dejjem iżommu f'moħħhom il-Wegħda u l-Liġi tal-i*Scouts* u biex jgħixuha u lill- ġenituri biex japprezzaw dak li l-*Leaders* qed jagħmlu mat-tfal tagħhom.

Il-*Group Scout Leader* imbagħad ippreżenta ċekk lil Dun Mikiel Xuereb, il-President tal-Fondazzjoni Kenn u Tama. Din l-għaqda tipprovdi akkomodazzjoni lill-familji Għawdxin li jkollhom isiefru l-Ingilterra għall-kura medika. Il-flus inġabru minn għand il-membri matul is-sena. B'dan il-mod l-i*Scouts* ikunu qed jgħixu il-Wegħda tagħhom li tgħid "*naħseb għal ħaddieħor qabel għalija nnifsi.*"

Ċerimonja ta' investizzjoni ta' 3 *Scouts* u ċerimonja oħra ta' *going-up* fejn membri mis-sezzjoni ta' l-i*Scouts* ingħaqdu mas-sezzjoni tal-*Venture Scouts* ġabet fit-tmiem din il-laqgħa.

## *Ħidma b'risq l-ambjent rurali u urban*

Bħala parti minn programm ta' ħidma mit-taqsima ta' l-Afforestazzjoni, *Parks* u Ġonna Pubbliċi fi ħdan id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, bil-għan li jissebbaħ aktar l-ambjent ta' madwarna, kemm dak rurali kif ukoll dak urban qed isir xogħol fin-*nursery* tad-Dawwara fir-Rabat, bl-għan li dan il-ġnien jingħata aspett

aktar attraenti. Fl-istess waqt qed jitkabbru xtieli u pjanti li jkunu jistgħu jitħawlu f'postijiet bħal *roundabouts*, fil-ġnub tat-toroq kif ukoll f'inħawi rurali. Din il-ħidma tinkludi ukoll fost l-oħrajn, tindif, passaġġi ġodda, *refurbishment* tas-serer, *fencing* ġdid madwar in-*nursery,* kif ukoll bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ li waqgħu matul iż-żmien.



*Il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono żaret in-*nursery *tad-Dawwara sabiex tara x-xogħol li qed isir. Jidhru wkoll Joseph Bonello,* Principal Agricultural Officer *fis-Sezzjoni ta' l-Afforestazzjoni,* Parks *u Ġonna Pubbliċi(xellug) u Anthony Portelli, Direttur tad-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp.*

## Il-Karnival Reġjonali 2009 - Rekord ieħor ta' Turiżmu Ntern

Għal sena oħra l-Karnival Reġjonali ta' Għawdex reġa' kien attrazzjoni għal eluf ta' Maltin li qasmu l-fliegu matul tmiem il-ġimgħa, jiġifieri l-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd, 20, 21 u 22 ta' Frar, sabiex iqattgħu dawn il-jiem ta' briju f'Għawdex. Minkejja li t-temp relattivament kiesaħ u x-xita li għamlet f'dawn l-aħħar ġimgħat tellfu xi ftit mill-programm kif kien imfassal, l-attivitajiet li kienu ppjanati xorta ġew imtella' f'diversi rħula f'Għawdex għalkemm il-programm kien pospost għal darba darbtejn.



*Fuq Globu Jdur, Inbellħuk fejn taqbad tmur! - Karru trijonfali li ġie fl-ewwel post fil-kompetizzjoni tal-Karnival Reġjonali t'Għawdex ta' din is-sena. Karru trijonfali ta' Ġorġ Zammit (LABONSKI COMPANY) minn Victoria fuq Disinn ta' Adonai Camilleri Cauchi. Il-Karru nħadem minn Grupp ta' voluntiera biex jinġabru fondi għall-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni ċċelebrata f'Diċembru, fil-Belt Victoria . Ix-xogħol jibda eżatt wara li tgħaddi l-festa. Il-karru din is-sena ittieħed f'diversi rħula, fostom Nadur, Xagħra, Munxar, Xewkija apparti l-Belt Victoria .*

Attendenza numeruża ta' Għawdxin, Maltin u turisti segwiet l-attivitajiet imtella' ġewwa l-*enclosure* fir-Rabat, speċjalment dawk tal-Ġimgħa filgħodu, s-Sibt u l-Ħadd. Bosta attendew ukoll għall-programmi oħra li ġew organizzati minn diversi Kunsilli Lokali Għawdxin bil-kollaborazzjoni tal-Kumitat Ċelebrazzjonijiet Nazzjonali u Reġjonali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, f'diversi rħula.

Bejn il-Ġimgħa 20 ta' Frar u l-Ħadd 22 ta' Frar, il-*Gozo Channel* operat 256 vjaġġ li fuqhom ġarret aktar minn 51,000 passiġġier u kważi 15,500 vettura. Dawn iċ-ċifri jirriflettu żieda fuq in-numru ta' passiġġieri u vetturi li qasmu matul l-istess perjodu tas-sena l-oħra u żieda qawwija meta mqabbla maċ-ċifri ta' l-2007 u l-2006. Fl-2007 qasmu ftit aktar minn 46,000 passiġġier u 13,500 vettura filwaqt li fl-2006 kienu saru 150 vjaġġ li ġarrew ftit aktar minn 30,000 passiġġier u 8,800 vettura, li jfisser żieda inkoraġġanti ta' aktar minn 170 fil-mija.



*Ir-Re tal-Karnival, karru trijonfali li nħadem miż-żgħażagħ ta' l-Oratorju Don Bosco tar-Rabat, Għawdex.*

Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex kellha kummenti favorevoli dwar il-kwalità u l-livell ta' ħafna mill-*items* li ġew imtellgħa fid-diversi lokalitajiet. Hija saħqet ukoll dwar l-attenzjoni li għandhom jingħataw dawn l-attivitajiet speċjalment meta wieħed iqis l-importanza ta' l-attività kummerċjali li huma jiġġeneraw fil-gżira ta' Għawdex f'dan iż-żmien kwiet tas-sena.



*Niżfnu mad-Daqqa u Naqgħu lkoll f'Daqqa, grupp mill-Oratorju Don Bosco, immexxi minn Dr. Simone Grech, illi ġie l-ewwel fil-Kategorija tal-Gruppi Allegrija.*

# Il-Premju "Familja Qalb tad-Deheb" tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex



*Il-President ta' Malta jidher qed jippreżenta x-* Shield *lil Teddy u Anna Saliba.*

Familja minn Għajnsielem li baqgħet iżżomm sħiħ u magħquda minkejja id-diffikultajiet li għaddejja minnhom irċiviet il-Familja Qalb tad-Deheb, premju mogħti kull sena mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex, għal dawn l-aħħar 38 sena.

L-unur ġie ppreżentat lill-Familja Saliba mill-President ta' Malta, l-Eċċ. Tiegħu Edward Fenech Adami fil-Lukanda Ta' Ċenċ, f'Sannat, fil-preżenza fost oħrajn, ta' Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono, is-Segretarju Parlamentari l-Avukat Chris Said u l-membri parlamentari Għawdxin Frederick Azzopardi, l-Avukat Anton Refalo u l-Avukatessa Justyn Caruana.

Il-Kavalier in-Nutar Paul G. Pisani, *chairman* tal-Bord tal-Għażla, fid-diskors tiegħu qal illi l-Bord tal-Għażla, din is-sena kien għażel familja li għalkemm għandha żewġt ulied tewmin b'diżabbiltà, mhux biss aċċettathom bil-ferħa iżda tagħmel dak kollu neċessarju sabiex il-ħajja ta' dawn l-ulied tkun aktar faċli u pjaċevoli. Hawnhekk ħabbar illi l-familja rebbieħa tal-Premju Qalb tad-Deheb, 2008, kienet il-familja ta' Teddy u Anna Saliba, minn Għajnsielem.

Il-Kavalier Dr Pisani żied jgħid illi l-ġenituri ittantaw xortihom fil-Kanada sabiex jippruvaw jiksbu għajxien xieraq u kien hawn fil-Kanada li fis-sena 1983 twieldu t-tewmin, Bryanna u Daniel. Mat-twelid ġew dijanjostikati b'diżabbiltà severa. Il-ġenituri madankollu aċċettawhom bil-ferħa u rabbewhom mill-aħjar li setgħu u bil-mezzi limitati tagħhom. Meta reġgħu lura Malta, it-tfal bdew jattendu l-ATC f'Għajnsielem. Il-missier daħal b'ruħu u ġismu għall-attivitajiet ta' *fundraising* u ġie elett teżorier tal-Għaqda Ħbieb ta' l-ATC. Proprju każ ta' persuna li kif ngħidu tgħin lilha nnifisha sabiex Alla jgħinha. Minkejja mard ieħor fil-familja, kompla Dr Pisani, l-istess familja baqgħet magħquda u l-konjugi Saliba jassiguraw li sakemm ikun possibbli uliedhom jgħixu ħajja normali, u dan żgur li jikkawżalhom stress, sagrifiċċji u kultant xi diżappunt ukoll. Joħroġ mir-rapport ukoll illi l-familja Saliba hija familja magħquda anke spiritwalment, għaliex id-don tal-fidi qed jiġi sfruttat minnha fil-massimu tiegħu kollu. Pubblikament, temm jgħid iċ-*Chairman* il-Kavalier Dr Pisani li bl-istqarrija u bl-għemil il-familja Saliba hija xempju tal-familja nisranija *par excellence*.



*L-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech jidher jippreżenta rigal ta' tifkira lil Teddy u Anna Saliba.*



*Il-Kavalier Dr Paul G. Pisani jidher jaqra r-rapport tal-Bord tal-Għażla.*

Kelliema oħra kienu Dun George Borg, Direttur tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono u l-Eċċ. Tiegħu il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami.

Il-lejla kienet tinkludi wkoll diversi siltiet mużikali, fosthom *Pacem in Maribus* ta' Charles Camilleri u *Jesu Hominem Amator* ta' Johann S. Bach, mill-kor Għawdxi, *Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea.



*Il-Chorus Urbanus waqt is-siltiet mużikali li ta.*

L-Eċċellenza Tiegħu, il-President ta' Malta, Dr Edward Fenech Adami, imbagħad ippreżenta s-*shield* lir-rebbieħa ta' din is-sena, Teddy u Anna Saliba, liema *shield* tinżamm għal sena mill-familja rebbieħa biex imbagħad terġa' tingħata lir-rebbieħa tas-sena ta' wara.

Diversi kienu dawk li ppreżentawlhom rigal ta' tifkira, fosthom, l-Eċċ. Tiegħu Mons. Isqof Mario Grech, il-Ministru Giovanna Debono, l-Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem, il-Kanonku Frankie Bajada, is-Sindku Francis Cauchi u minn Dun George Borg għan-nom ta' Joseph Micallef, it-teżorier tal-Moviment ta' Kana f'Għawdex.

L-għan ta' dan il-premju huwa li jpoġġi fil-*limelight* l-aġir nobbli tal-familja magħżula sabiex isservi ta' mudell għas-soċjetà.

## "Love in Diversity" - Wirja oħra talentuża ta' Żagħżugħ Għawdxi



*Waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Wirja ta' Mario Agius.*

'Love in Diversity', it-tieni wirja personali ta' Mario Agius, mix-Xagħra, li kienet turi skulturi varji li ġew ispirati minn diversi temi, fetħet għall-pubbliku bejn is-Sibt 14 ta' Frar u l-Ġimgħa l-13 ta' Marzu, fil-*Gallery art..e*, f'numru 1, Triq il-Librerija, ir-Rabat Għawdex, qrib il-pjazza ta' Santu Wistin.

'Love in Diversity' kienet imżewqa bi skulturi magħmula kemm mill-injam kif ukoll mill-ġebla Maltija. Permezz tagħha, l-artist esprima l-imħabba li għandu lejn forom figurattivi u astratti. Ħafna mill-iskulturi tiegħu huma ispirati minn temi bħal: maternità; il-familja,l-imħabba, is-sofferenza u anke d-diversità. L-iskultura tiegħu fil-ġebla tal-franka u fl-injam huma mżewqa b'influwenzi ta' arti primittiva u espressjonista .

Minn età bikrija, Mario Agius wera l-ġibda tiegħu lejn l-iskultura. Hu beda l-istudju tiegħu bħala artist taħt is-superviżjoni ta' Mons. Michelangelo Apap u kompla l-istudju tiegħu taħt l-iskultur Malti Anton Agius. L-artist għandu diversi kollezzjonijiet privati ta' skulturi, kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, bħal Londra, l-Isvizzera, il-Ġermanja u l-Awstralja. Ħafna knejjes madwar Malta u Għawdex huma mlibbsa u mżejna bi skulturi fuq l-injam mill-aktar fina minn dan l-istess artist. Kien fl-1989, meta Agius kompla l-istudji tiegħu meta attenda għall-kors ta' skultura f'Cheltenham, l-Ingilterra, fil-*White Knight Gallery*, taħt is-superviżjoni ta' l-artist ta' fama mondjali Ian Norbury. B'mod attiv, Mario ħa sehem f'diversi esebizzjonijiet kollettivi kemm lokalment kif ukoll barra minn Malta, li wħud minnhom ġew organizzati mill-'*Members of the British Wood Association.*' F'Lulju li ġej l-artist ser ikun qed jesebixxi l-iskultura tiegħu ġewwa l-Ġermanja wara li kien mistieden mill- *Gallerija Marzi Art International* .

## "L-Akbar Sigriet" - Dramm b'messaġġ qawwi f'Għajnsielem

Udjenza kbira attendiet għaż-żewġ rappreżentazzjonijiet tad-Dramm fi tlett atti, L-Akbar Sigriet, kitba ta' Lino Grech, b'direzzjoni ta' Anthony Josef Buttigieg, nhar it-Tnejn 9 u l-Ħadd 15 ta' Frar, fiċ-Ċentru Parrokkjali Marija Lauretana, f'Għajnsielem.

L-istorja ħaditna f'raħal f'pajjiż taħt ħakma komunista fejn inqalgħu ħafna ntriċċi lil wieħed kappillan. Intweriet il-qlubija tal-Kappillan, bil-prim attur Pawlu Stellini, quddiem l-isfida li ssirlu biex jikser is-sigriet tal-qrar.

Id-Dramm, ittella' miż-żgħażagħ taċ-ċentru.





**RIFLESSI** — *Osservazzjonijiet tal-Kav. Joe M. Attard*

# Wara l-Karnival... ir-Randan magħna!

**Frar ħalliena u miegħu parpar il-Karnival, żmien ta' bluha u xalar. Il-Karnival organizzat fl-*enclosure* ta' Pjazza Indipendenza Victoria mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex kien wieħed tajjeb u fil-fehma tiegħi ta' livell. L-*enclosure* kien ippakkjat bin-nies is-Sibt fil-għodu u l-Ħadd fil-għaxija u naħseb li l-Kumitat għandu jqis bis-serjetà l-possibbiltà li tas-Sibt fil-għodu jibqa' l-programm għax in-nies ħarġet bi ħġarha. Is-sehem tal-iskejjel kien importanti u rridu naraw li ninkoraġġixxu lit-tfal u ninvestu fihom jekk irridu nassikuraw il-futur tal-Karnival.** Veru li fil-karnival tagħna naqset il-komiċità u sirt iktar tara spettaklu ta' lwien u żfin raffinat u sinkronizzat mal-mużika u karrijiet sbieħ movimentati u kuluri jgħajtu u jixegħlu kif ukoll kostumi fini u li jiswew il-flus u ħafna sabar u paċenzja biex tħithom. Iżda ngħid għalija ħadt gost nara żewġ kumpaniji li daħlu fl-*enclosure* u qasmu lil kulħadd bid-daħk u fakkruna fiż-żmien il-Karnival ta' Ġużeppi Ballucci, Baskal ta' Kunċetta, Fredu l-leverist u l-Muskettieri Għawdxin! It-temp huwa dejjem fattur importanti f'dawn il-festi tradizzjonali u popolari u l-aħħar jum tal-Karnival kollox baqa' taħt is-saqaf għax dis-sena Frar tassew ried juri xi jsarraf! Allura importanti naraw li l-Gvern jipprovdi spazju adegwat fejn jistgħu jinħadmu l-karrijiet u jistkennu minn xi ħalba xita jew mir-riħ qawwi.



**Importanti wkoll is-sehem li qed jagħtu l-Kunsilli Lokali tagħna li jorganizzaw il-Karnival fl-irħula rispettivi tagħhom. Iżda hemm bżonn li l-Kunsill jagħraf iżomm il-kontroll u ma jħalli lil ħadd jabbuża jew jaqbeż il-limitu. Jiddispjaċini din is-sena assistejna għal xenati li f'mumenti ma kienu jagħmlulna xejn unur; saħansitra l-Isqof Djoċesan kellu wkoll isemma leħnu u juri d-dispjaċir u d-diżapprovazzjoni tiegħu għal ċerti atti. Sabiħ il-Karnival spontanju, mela le, iżda għal kollox hemm il-limitu u d-deċenza.** Dehru wkoll xi ittri fl-istampa lokali li wrew it-tħassib tagħhom. Qrajna wkoll dwar l-eluf kbar li qasmu l-Fliegu biex igawdu l-Karnival f'Għawdex. Iżda din m'għandhiex tkun okkażjoni biex jitbaxxa l-livell tal-Karnival tagħna. Għal kuntrarju din għandha tkun okkażjoni sabiħa fejn niltaqgħu u niddevertu flimkien ta'nies edukati u maturi u mhux ninħbew taħt il-maskra biex nagħmlu li rridu.

**Intant issa dħalna fi żmien qaddis u għażiż tar-Randan. Jalla dawk li ħarġu xi ftit 'l barra mit-triq, issa jindunaw u jpattu għal għemilhom. Issa huwa ż-żmien li wieħed jidħol waħda fih innifsu u jgħarbel u jiżen l-imgħoddi tiegħu.** Matul dawn l-erbgħin jum hemm ħafna x'wieħed jagħmel jekk tassew iħaddan il-valuri nsara tagħna. Dan hu ż-żmien tas-sagrifiċċju. L-Imgħallem divin tana l-eżempju u qatta' erbgħin jum fid-deżert fit-talb u l-penitenza. Dari niesna kienu jsumu r-Randan sħiħ u bosta drabi fuq ħobż u ilma. Illum aħna obbligati biss nsumu f'Ras ir-Randan u fil-Jum għażiż tal-Ġimgħa l-Kbira, iżda żgur li dan biss m'għandux jikkuntentana. Hemm ħafna modi kif wieħed jista' jagħmel xi ftit tas-sagrifiċċju. Kull parroċċa tieħu ħsieb tipprovdi predikaturi tajbin biex jagħtu xi kors ta' Eżerċizzi Spiritwali lill-kategoriji kollha u ħadd m'għandu jitlef ċans bħal dan li jagħmel eżami tal-kuxjenza. Drawwa sabiħa hija dik li tara ħafna nies jinvistaw l-erbatax-il stazzjon tal-Via Sagra kif ukoll jieħdu sehem fil-purċissjonijiet tad-Duluri u tal-Ġimgħa l-Kbira; f'din tal-aħħar ħafna jagħżlu li jkaxkru l-ktajjen jew jerfgħu minn xi statwa. Oħrajn jagħżlu li jnaqqsu mit-tipjip, mix-xorb u minn xi divertiment ieħor. Jiena hawnhekk inżid li sewwa kieku dak li niffrankaw nagħtuh karità. Nista' nibqa' sejjer b'din il-kantaliena. F'kelma waħda min ma jridx ma jidħolx għal xi tip ta' sagrifiċċju f'dan iż-żmien tas-sena. Irridu naħfru lil min naqasna u nagħmlu sforz biex inġibu lura l-għaqda u l-armonija. "Ħniena rrid u mhux sagrifiċċju"! "Ċarrtu qlubkom u mhux ilbieskom"!

**Jekk nagħmlu hekk żgur li ż-żmien tar-Randan ma jkunx ġie u mar għalxejn. Imbagħad bir-raġun ikollna għalfejn nifirħu fi żmien il-Għid u niġru bl-Irxoxt u nduqu l-figolli!**


GĦANDEK IL-BEJT QED JOQTOR
JEW ĦITAN BIL-MOFFA?
TKOMPLIX TONFOQ FLUS
F'TISWIJA LI MA SSERVIKX!
...ĦALLI F'IDEJN



**GREZZJU BONELLO**

**Jiġi jagħtik stima b'xejn**

"GrezJos", Triq Filfla, Għajnsielem.
Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Rekord jinkiser!***

"Għal sena oħra il-*weekend* tal-Karnival ġab miegħu influss qawwi ta' Maltin lejn Għawdex. B'kollox, bejn il-Ġimgħa u l-Ħadd qasmu bejn Malta u Għawdex ftit aktar minn 51,000 persuna, fosthom numru ta' turisti. Meta wieħed iħares lejn l-istatistika tal-*weekend* tal-Karnival għall-aħħar ħames snin, jirriżulta li dan hu numru rekord. L-istess jista' jingħad għan-numru ta' vetturi li qasmu lejn Għawdex u n-numru ta' vjaġġi li saru bil-vapuri tal-*Gozo Channel*. In-numru ta' vetturi li ġarrew il-vapuri tal-*Gozo Channel* fl-istess tlett ijiem qabeż il-15,480. Rigward vjaġġi bil-vapuri, saru total ta' 256 – għaxar vjaġġi aktar mis-sena l-oħra."

*Rapport,* **In-Nazzjon**, *24 ta' Frar 2009*

***U rekord ieħor jitfarrak!***

"Fin-Nadur: Karnival jew tbaħrid bla rażan?... Fil-fehma ta' l-Isqof Grech 'inċidenti serji bħal dawn jikkonfermaw li qed ngħixu taħt id-dittatura tar-relattiviżmu, fejn kulħadd jemmen li għaliex huwa ħieles minn kull kejl legali jew etiku, allura jista' jgħid u jagħmel li jrid, anki jekk b'dak li jgħid u jagħmel, jikkawża ħsara fl-oħrajn.'"

**Astrid Sammut,** *Il-ĠensIllum, 28 ta' Frar 2009*

***Żgogina jogħġobha l-logħob tan-nar?***

*"Mepa is also faced with an appeal against conditions imposed on an approved factory in Gharb, Gozo, located in the vicinity of the San Dimitri Chapel. The applicants were asked to ensure the nearby chapel against the eventuality of damage caused by a possible explosion."*

**James Debono,** *MaltaToday, 22nd February, 2009*

***Iċ-Ċirkewwa tmiss ma' Għawdex***

*Labour's spokesman on infrastructure Charles Buhagiar said it was shameful the project, promised as far back as 15 years ago, had not yet been approved by the planning authority. Prime Minister Lawrence Gonzi recently said a new design for the terminal had been submitted to the Malta Environment and Planning Authority at the end of last year and EU funds would be sought for the project. This meant previous funds allocated to the project had been lost, Mr. Buhagiar said."*

*Repport,* **The Times**, *2nd March 2009*

***Otters fl-ilma... kiesaħ u mielaħ!***

"Otters qalu li l-Pixxina Nazzjonali f'Tal-Qroqq inbniet 16-il sena ilu u minn dakinhar f'Malta inbnew faċilitajiet oħrajn għall-ipprattikar ta' l-għawm u tal-*waterpolo* iżda nsistew li Għawdex baqa' minsi u għalhekk huma qegħdin jappellaw li wasal iż-żmien li l-Għawdxin jingħataw l-istess trattament bħall-Maltin u tinbena pixxina fil-gżira Għawdxija wkoll."

**Joseph Farrugia**, *It-Torċa, 22 ta' Frar 2009*

***No Digital Reception... f'Għawdex!***

*"I am merely trying to highlight the underlying issue that where Gozo is concerned the Malta Communications Authority is taking matters lightly, same as what happened when Vodafone started providing the 3G service in Malta but which was only available in Gozo about a year later. Gozitans are not asking for any special treatment but expect that those who*




*take the respective decisions should do their best to ensure that these are implemented equally and fairly to all concerned."*

**Emmanuel J. Galea**, *The Times, 13th February 2009*

***Proġetti ta' toroq b'fondi Ewropej***

'Fix- xhur li ġejjin se jibda l-bini mill-ġdid tat-triq li tagħti lejn is-santwarju Ta' Pinu fl-Għarb u t-Triq tax-Xlendi – żewġ proġetti li mistennija jitlestew sal-aħħar tal-2010 u li se jsiru b'investiment ta' 8.6miljun Ewro minn fondi tal-UE.... Fl-aħħar jiem bdew ħerġin is-sejħiet għall-offerti marbuta ma' dawn iż-żewġ progetti li jinvolvu xogħol ta' bini mill-ġdid ta' 2,5 kilometru tul ta' infrastruttura fit-toroq..."

**Nathaniel Attard**, *Il-Mument, 22 ta' Frar 2009*

***Cruise liners għax-Xlendi***

*"Infrastructure Minister told Parliament that a bouy to facilitate the berthing of cruise liners outside Xlendi, in Gozo, will be laid in mid-2009. Its use would be limited to cruise liners up to 20,000 tons displacement and 130 metres in length."*

*Report,* **The Times**, *16th February 2009*

***Statistika meħtieġa***

*"Dr. Sant's criticism came after Finance Minister Tonio Fenech, replying to his parliamentary question, said the copy of the pilot survey on what Maltese visitors had spent on holiday in Gozo, as well as touristic statistics regarding Gozo, could not be laid on the table of the House because it still needed to be discussed with Eurostat and thus was still considered as an internal report.*

*Following Dr. Sant's comments, Minister Fenech said talks were currently in progress between the National Statistics Office and a sub-committee of the Malta Council for Economic and Social Development (MCESD)."*

*Report,* **The Times**, *4th February 2009*

***Appuntu l-Istatistika!***

*"On analysis, the NSO's figures show that, with EU accession, the previous downward trend in Gozo contribution to the national GDP has continued inexorably in that direction. In 2003, the last year before accession, that contribution stood at 5.95 per cent. It went down to 5.9 per cent in 2004, 5.86 per cent in 2005, 5.84 per cent in 2006 and 5.79 per cent in 2007. This successive yearly decline in Gozo's share of created national wealth means that, in the first four years of accession, Gozo lost 21 million euro of this wealth. This is more than twice the total amount of Gozo's 10 per cent share of post-accession funds that the Maltese islands received from the EU during the same four years."*

**Frank J. Psaila**, *The Malta Independent, 23rd Feb. 2009*

# MILL-PARLAMENT

*Għawdex - Twelid ta' trabi*

**822. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex)**: Tista' l-Ministru tirrispondi mistoqsija parlamentari 535 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni u issa ġiet riferuta lilha, u tgħid kemm twieldu trabi f'Għawdex fl-aħħar sentejn u kemm minnhom twieldu minn koppji miżżewġa? *03/06/2008*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li l-informazzjoni mitluba mill-Onorevoli Nterpellant hija kif murija fit-tabella annessa.

| Mistoqsija Parlamentari Numru 822 | |
|---|---|
| Twelidijiet ta' trabi 2006 | 270 |
| *minn koppji miżżewġa* | 245 |
| Twelidijiet ta' trabi 2007 | 278 |
| *minn koppji miżżewġa* | 241 |
| Twelidijiet ta' trabi Jannar -Mejju 2008 | 133 |
| *minn koppji miżżewġa* | 114 |

*10/06/2008*

*Ċirkewwa - terminal - manutenzjoni*

**6022. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni)**: Jista' l-Ministru jara li l-passaġġ li hemm fiċ-Ċirkewwa li jieħu mit-*terminal* sa ħdejn il-vapur, issirlu manutenzjoni u tibjijda xierqa? *09/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li l-Awtorità Marittima ser tikkordina mal-*Gozo Channel*, bħala l-operatur tat-*terminal* ġewwa ċ-Ċirkewwa sabiex ssir manutenzjoni neċessarja. Dan ser isir fl-ambitu u f'ko-ordinament max-xogħlijiet relatati mal-bini tat-*terminal* il-ġdid sabiex ma jsirux xogħlijiet fuq strutturi li ser jitwaqqgħu fil-futur. *17/02/2009*

*Ċirkewwa - Bini ta' passenger terminal*

**6067. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli LAWRENCE GONZI (Prim Ministru)**: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 5533 u jgħid meta hu mistenni li l-Gvern japprova l-proġett għall-bini ta' *passenger terminal* fiċ-Ċirkewwa? X'inhi r-raġuni li dan il-proġett għadu ma ġiex approvat? *11/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li lejn l-aħħar tas-sena 2008, ġie deċiż disinn ġdid għat-*terminal* tal-passiġġieri fiċ-Ċirkewwa. Għaldaqstant, kellha tiġi sottomessa applikazzjoni ġdida għand l-Unjoni Ewropea għall-fondi għal dan il-proġett. Sadanittant saret applikazzjoni għand il-MEPA għall-approvazzjoni tad-disinn il-ġdid. Deċiżjoni finali dwar il-proġett tkun tista' tittieħed meta jkunu deċiżi l-applikazzjonijiet imsemmija. *16/02/2009*

*Mġarr - Parkeġġ - illuminazzjoni mhux adegwata u senjaletika mhux ċara*

**6134. L-Onorevoli JUSTYNE CARUANA staqsiet lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni):** Peress li qed ikun hemm ilmenti li s-senjaletika fil-parkeġġ ta' l-Imġarr mhix ċara biżżejjed, u hemm ukoll problema ta' illuminazzjoni mhux adegwata, u in konsegwenza ta' dan ħafna qed ilaqqtu ċitazzjonijiet appuntu għax mhux qed jaraw is-sinjal, jista' l-Ministru ġentilment jindirizza din il-problema? *11/02/2009*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onor Interpellant li għaddejt is-suġġeriment tiegħu lil-ADT. *17/02/2009*

*Għawdex - Cruise Liners*

**6068. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli AUSTIN GATT (Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni)**: Jista' l-Ministru jwieġeb mistoqsija parlamentari 5690 u jgħid jekk sarx xi studju ta' fattibbiltà ta' impatt ambjentali, ta' fattibbiltà finanzjarja, loġistika, eċċ. dwar proġetti ta' faċilitajiet ġodda fil-portijiet f'Għawdex biex ikunu jistgħu jidħlu *cruise liners* f'Għawdex? Jekk saru meta saru u minn min? Liema portijiet ġew identifikati fejn dawn il-faċilitajiet għandhom jiġu provduti? Jista' jpoġġi kopja ta' dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra? *11/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmat li fis-sena 2005 l-Awtorità Marittima kkumissjonat *feasibility study* u *Environmental Impact Assessment (EIA)* għall-iżvilupp ta' *cruise berth* 'il barra mill-port ta' l-Imġarr, Għawdex. Dan l-istudju sar mill-kumpanija Ecorys B.V.

L-EIA ġie sottomess lill-MEPA fejn fuq rakkomandazzjonijiet ta' din l-Awtorità se jiġi aġġornat. Min-naħa l-oħra, aktar reċenti, ġew żviluppati disinji iktar dettaljati u ser jiġu ikkonsidrati alternattivi oħra għal dan il-proġett. Għaldaqstant il-*feasibilty study* oriġinali għandu wkoll jiġi rivedut. *16/02/2009*

*Għawdex - Ambjent rurali u urban*

**6016. L-Onorevoli FREDERICK AZZOPARDI staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex)**: Peress li l-ambjent rurali u urban huwa parti ewlenija mill-karatteristiċi tal-gżira ta' Għawdex, tista' l-Ministru tgħid xi proġetti qed jiġu mwettqa mis-Sezzjoni tal-Afforestazzjoni, *Parks* u Ġonna Pubbliċi fi ħdan id-Dipartiment tal-Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex biex ikompli jintlaħaq dan il-għan? *09/02/2009*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li s-Sezzjoni ta' l-Afforestazzjoni, *Parks* u Ġonna Pubbliċi bħalissa għaddejja b'xogħol ta' *upgrading* fil-Mixtla u Ġnien tad-Dawwara fir-Rabat. Is-sezzjoni qegħda ukoll taħdem biex jiżdiedu n-numru u l-kwantità ta' speċi ta' siġar u pjanti indiġeni u endemiċi biex fis-snin li ġejjin dawn ikunu jistgħu jitħawlu fil-gżira Għawdxija. Barra minn hekk qegħdin jiġu mkattrin ukoll diversi varjetajiet ta' pjanti tal-fjuri u speċi ta' siġar u arbuxelli ornamentali li mbagħad jintużaw fil-*landscaping* tat-toroq, wesgħat u ġonna pubbliċi. Is-Sezzjoni ta' l-Afforestazzjoni, *Parks* u Ġonna Pubbliċi qiegħda wkoll taħdem fuq pjan biex jinżabru siġar u arbuxelli li jikbru matul it-toroq arterjali u żoni li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Gvern Ċentrali kif ukoll fl-istess żoni tagħmel xogħol ta' qtugħ ta' ħaxix ħażin u manutenzjoni b'mod regolari.

Ninforma l-Onorevoli Nterpellant li din is-sezzjoni għandha wkoll rwol importanti fl-*upgrading* tal-Ġonna Villa Rundle li hu ppjanat għall-futur qarib. *16/02/2009*

LENTI FUQ IL-ĦAJJA MADWARNA

# Liema keffa tinżel?



*kitba ta'* **GEORGE N. CASSAR**

**Fiċ-ċirkolari tar-Randan tas-sena 2000, l-Isqfijiet kienu poġġew subgħajhom fuq il-feriti li qed jherru s-sinsla tal-karattru Malti. Semmew salt abbużi fosthom: il-kilba bla rażan għall-flus; il-qligħ eżaġerat, is-serq u l-użura; l-bejgħ tad-droga; l-kalunji u l-inganni; il-piki u l-vendikazzjonijiet; l-ittri u t-telefonati anonimi; l-inġustizzji u l-ġuramenti foloz; l-infedeltajiet u l-prostituzzjoni; s-sewqan perikoluż u l-ħsara lill-ambjent.**

Fis-saffika "Lil Malta, ta' Llum u ta' Għada ' Dun Karm jibda biex jindirizzaha hekk :

*"Kont il-warda tad-dinja u sirt bħal miżbla,*
*minn kull xorta ta' qżież dieħel ġo fik."*

Quddiem il-lista t'hawn fuq, (li nistgħu ntawluha u nġibuha itwal mil-litanija tal-qaddisin ), għandi naħseb li ċ-ċanfira ta' Dun Karm kienet toħroġ ferm iktar qawwija.

Biex tagħqad, kulma jmur, is-sitwazzjoni dejjem sejra għall-agħar. **L-għajta għad-dħul tad-divorzju turik weħedha fejn qed jonfoħ ir-riħ.** Nagħtu ħarsa ħafifa madwarna u naraw xi stil ta' ħajja qed jgħixu xi wħud minna. Nibdew mill-familja għax minn hemm jibda l-gwaj kollu. Issib ġenituri irresponsabbli; uliedhom ta' tnax, tlettax-il sena għadhom jiġġerrew barra bil-lejl u huma friski bħal ħassa. Oħrajn żorri u aggressivi; jaħdmu daqs bhima tas-sienja u qed jimtlew xkora nervi. Jispiċċaw biex lil uliedhom jeħduhom bil-herra u jsawtuhom bla ħniena. Barra s-swat, ngħidha b'dieqa kbira, ġie li ssib l-abbużi sesswali u emozzjonali li jħallu trawma fuq it-tfal għal għomorhom.

**Tiltaqa' ma' ġenituri oħra li bla skruplu ta' xejn itajru flushom fil-logħob. Kapaċi jħallu t-tfal bil-ġuħ, basta jkollhom flus biżżejjed għal-lottu u l-lotteriji.** Il-Gvern ħelu wkoll; irid jeqred il-logħob illegali u fl-istess waqt dejjem sejjer jivvinta l-logħob ġdid; għandna logħob tal-azzard għaddej il-ħin kollu. Hemm imbagħad ġenituri oħra li donnhom m'għandhomx ħajta f'ilsienhom. Issibhom esperti tal-kliem baxx u vulgari. Meta jitlgħalhom u jaqbdu jargumentaw, jew sempliċement jistagħġbu jew minn għalihom jiżżuffjettaw, xi waħda jew tnejn iridu jżarrdu. Dak li jkun hekk sama' minn ċkunitu u issa mhux la kemm iliġġem ilsienu. Ma' rasu jew rasha jeħlu l-Qaddisin u l-Madonna u l-ħwejjeġ sagri. Ngħidu bid-dagħa ta' Bona; niskanta kif l-idjoma Maltija ma ssemmix id-dagħa ta' Malta li għandu jħammrilna wiċċna. Nibqgħu fuq l-ilsien ħażin. Ngħixu fuq ħolqa ta' gżira; kulħadd jaf 'il xulxin. Wieħed mid-delizzji ta' xi wħud huwa li jikxfu l-għawar tal-proxxmu. Semgħethom jgħidu li dik it-tfajla ta' ħmistax-il sena ħarġet tqila; aħbar bħal din mhux ta' min iħalliha mistura; hekk kif toħroġ, ikollha seba' mitt sena sakemm tneħħiha minn fuq l-istonku, jekk ma żżidilhiex xi ċfuf magħha wkoll.

Immorru issa f'xi post tad-divertiment; ejja nidħlu f'dad-diskow. M'ilux wisq li daqq nofsillejl; jekk għandek aptit, nistgħu nibqgħu hawn sal-erbgħa ta' filgħodu. Għandna tferraħna l-mużika *pop*, b'ritmu baxx u qawwi u d-dwal madwarna, issa jinxtegħlu u issa jintfew. Tibżax! Dawl-ħsejjes u d-dwalijiet dalwaqt tidrahom. Nieħdu erba' grokkijiet jew birra flimkien u ma jibqgħux jagħtuk fastidju. Jekk trid, hawn dal-pakkett ċkejken; farka minnu taħjik u tneħħilek il-ħedla u t-telqa kollha.

Fost iż-żgħażagħ li qed jiżfnu hemm koppja ta' għarajjes li waslu biex jiżżewġu, imma għadhom moħħhom fuq il-werqa. Imsieken, ilhom xi ħames snin, jekk mhux iktar, moħħhom jħewden lejl u nhar bil-flus. Biex akkwistaw saqaf għal fuq rashom kellhom iħallsu minn imneħirhom. Imma baqgħu mhumiex kapaċi jagħżlu bejn il-bżonn u l-lussu. X'aktarx ħtija tal-għira jew tal-piki, id-dar iriduha mgħammra b'kollox sa mill-ewwel jum li jirfsu fiha; iridu tieġ prima klassi, jiġi kemm jiġi. U kif qed ifasslu ħajjithom dawn l-imberkin għarajjes ? Joħorġu bil-karozza u jsiefru flimkien u fi tmiem il-ġimgħa jitħajru jorqdu għand xulxin.

**Qed nilagħbu man-nar. Dil-kultura permissiva qed therri s-soċjetà tagħna. Is-suq tad-divertiment qed jagħmel l-isbaħ xalata minn fuq dahar iż-żgħażagħ.** Xi ġenituri, b'għemilhom u bi kliemhom, qed jiskandalizzaw lil uliedhom. Kibret u kotrot madwarna s-sikrana: is-sess sar industrija; il-valuri morali qed jillaxkaw bis-sigħat ; l-ispiritwalità u s-sens ta' sagrifiċċju donnhom għebu minn



*Fuq il-Fosos mal-Papa...*



*Fid-dinja taż-żgħażagħ...*

fostna. **Irridu nammettu wkoll li xi wħud minn ħutna birdu u tilfu l-fidi; oħrajn għodsu iktar 'l isfel u xxierku mas-setta satanika.** Anki fost dawk li għadhom jemmnu, hemm bosta li qed jgħixu qishom ma jemmnux; jgħixu kif jaqblilhom jew ifettlilhom; jaħsbu li għandhom kull dritt jiddeċiedu huma xinhu tajjeb u xinhu ħażin. Aħna li suppost nkunu "il-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja," sirna moderni u progressivi, naqgħu u nqumu mill-prinċipji .

**Niftiehmu, l-ambjent ta' madwarna fih is-sabiħ tiegħu wkoll.** It-tajra Maltija baqgħalha rix sabiħ li tista' tifraħ u tiftaħar bih. Ibda biex, talinqas issa għandna qaddis u żewġ beati. Wara l-beati, jiġuni f'moħħi dawk iż-żgħażagħ, adulti u anzjani li minn qalbhom jgħinu fil-volontarjat. Ta' min isemmi wkoll il-ġenituri ta' l-affari tagħhom li lil uliedhom iħobbuhom daqs dawl għajnejhom u jagħmlu elf sagrifiċċju għalihom. Għandna bosta Maltin ġenerużi li s-sena kollha jagħmlu karità; "Malta l-ħanina": hekk laqqmuha xi Għarab. Għandna mijiet ta' saċerdoti u sorijiet, u magħhom ukoll xi lajċi, li qed jaħdmu fostna u oħrajn li qed jissagrifikaw ruħhom għall-Mulej 'il bogħod minn xtutna, jaqsmu t-tbatija u l-faqar ma' l-ifqar fost il-fqar. Għandna ħaddiema onesti li jtellgħu fix-xogħol u professjonisti li qed jagħtu servizz siewi lis-soċjetà u jagħmlu unur lil pajjiżna. Dnub li l-professjoni lil xi wħud qed tiżolahom; mhijiex tħallilhom ħin biżżejjed biex jintegraw ruħhom fil-ħajja pubblika u fl-attivitajiet ta' beneficenza soċjali.

**Fiċ-ċirkolari li semmejt fil-bidu, l-Isqfijiet jistaqsu: "Jekk inqiegħdu ħajjitna fil-miżien tal-verità, liema keffa sa tinżel? Il-keffa li turina li tassew nemmnu f'Alla jew l-oħra li tikxifna bħala nies ta' ħajja laxka jew bla ražan ? Din il-mistoqsija nistieden il-qarrejja jirriflettu ftit fuqha u jweġbuha waħedhom, bis-sinċerità kollha, fis-skiet ta' qalbhom.**






OSSERVAZZJONIJIET

# IL-GOVERNANZA TA' GĦAWDEX



*Jikkummenta*
ANTON TABONE

**Nitlaq bil-premessa li fil-pajjiż kollu hawn qbil li Għawdex għandu l-identità tiegħu. Għalhekk skont il-loġika tiegħi għandu jsegwi ukoll li l-qawwa ta' dik l-identità hija ġejja mill-istess reġjonalità tiegħu. Għaldaqstant l-identità reġjonali għandha tkun rispettata u mħarsa billi jingħaraf bil-fatti x'miżuri – soċjali, ekonomiċi, kulturali u politiċi - għandhom jittieħdu biex dik l-istess identità tkun tassew mħarsa b'rispett u msaħħa ukoll. Għax tisma' u taqra b'mod ripetut li Għawdex għandu l-bżonnijiet partikulari, speċjali u speċifiċi tiegħu, però x'aktarx tibqa' ma tismax u ma taqrax biżżejjed fuq il-kawża li toħloq dawn il-bżonnijiet u inqas minn hekk fuq ir-rimedji meħtieġa għall-iżvilupp tiegħu bbażati fuq dik ir-realtà.**

Allura meta lkoll naqblu li Għawdex jippreżenta realtà *sui generis*, inkunu qegħdin naċċettaw il-kunċett li fil-kumplament tal-pajjiż ma nsibu xejn paragunabbli u għalhekk l-obbligu jiddetta li Għawdex irid jiġi indirizzat għalih waħdu kif inhu, jew aħjar kif ħolqitu n-natura. Kemm il-darba kelli okkażjoni ngħid jew nikteb, li min veru jirrispetta lill-Għawdex, irid iħobbu kif inhu, u obbligat jagħraf jagħti tifsira ta' dik l-identità li toħroġ bħala konsegwenza naturali ta' l-istess reġjonalità tiegħu. U dan għall-aħjar governabbiltà ta' Għawdex, bħala gżira distinta minn Malta.

Effettivament fl-istorja twila tiegħu niltaqgħu ma' tentattiv wieħed wara l-ieħor ta' kif l-aħjar għandu jiġi ggvernat fi ħwejġu. Fil-verità l-istorja hija miżgħuda b'tipi differenti ta' amministrazzjonijiet li ggvernaw lil Għawdex, u li jew kienu proposti għalih. F'kull waħda minnhom kien hemm miżura t'awtonomija li kienet tippermetti li tiġi applikata politika li taqbel lill-Għawdex fiċ-ċirkostanzi partikulari tiegħu, imma dejjem f'kuntest nazzjonali.

**Kien hemm żmien, meta l-gżira t'Għawdex kellha l-munita tagħha u din il-munita tinsab eżebita fil-mużew fiċ-Ċittadella. U dan ma kienx il-bieraħ, imma fi żmien il-qedem. Inkomplu niltaqgħu ma' amministrazzjonijiet lokali bħal fi żmien il-Muniċipju Ruman (218BC-AD455); l-*Universitas Gaudisii* (1350-1818); il-Gvernatur fi żmien l-Ordni (1551-1798); il-Gvern proviżorju fil-perijodu tal-Franċiżi (1798); il-Kummissarju fi żmien l-Ingliżi (1885-1973); il-Partit Għawdxi(1947-1950); il-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex (1961-1973); il-Kumitat Parlamentari għal Għawdex (1983-1986); il-Ministeru - 1987 u il-Kunsilli Lokali 1993.**

Madankollu d-diskors fuq l-istutizzjonalità ta' Għawdex bħala reġjun tul dawn l-aħħar snin, għalkemm żdied bil-bosta, baqa' diskors mingħajr żvilupp. Il-proposta li kienet ġiet varata fil-1996/98 wara bidla fil-Gvern, fl-opinjoni tiegħi kellha d-*deficit* li riedet tfassal strateġija biex toħloq maġġoranza minn minoranza fil-kompożizzjoni tal-Kunsill; filwaqt li d-diskors fuq regjonalità li sar fi triqitna lejn is-sħubija fl-Unjoni Ewropea kif ukoll wara d-dħul uffiċjali tagħna, ma kisibx lis-*status* istituzzjonali desiderabbli. Qisu kulħadd jipproklama x-xewqa ta' *status* reġjonali għall-gżira t'Għawdex u fl-istess ħin jibża' jimplimentaha.

It-teżi tiegħi hi li jekk inħarsu lura għaż żmien tat twaqqif tal-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex fil-1961, insibu li l-Ordinanza li waqqfitu tiddokumenta kif ikun kunsill ta' reġjun. B'dik l-Ordinanza l-Kunsill Ċiviku seta' għas-saħħa ta' l-argument jissejjaħ minflok, Kunsill Reġjonali, għax kien igawdi mill-provedimenti assoċjati mat-



*Il-Banca Giuratale fir-Rabat. Il-Gvern ta' Għawdex fi żmien l-Ordni tal-Kavallieri (1557 - 1798)*

tmexxija ta' politika reġjonali istituzzjonalizzata. **Il-Kunsill Ċiviku ġie mwaqqaf permezz ta' Ordinanza XI ta' l-14 t'April 1961 li tagħtu personalità legali u pprovdiet erbatax-il kumitat distrettwali, biex joperaw bħal fergħat tal-Gvern Lokali. Dawn il-kumitati distrettwali kienu jirrappreżentaw l-14-il lokalità tal-gżira u kienu komposti minn ħames membri f'kull wieħed minnhom. Kienu jiġu eletti kull tlett snin mill-eletturi rispettivi tal-lokalità. Membru minnhom kien mbagħad jiġi magħżul u jintbagħat biex jirrappreżenta lill-lokalità tiegħu/tagħha fil-Kunsill Ċiviku ċentrali fil-*Banca Giuratale* fit-Tokk, illum Pjazza Indipendenza.**

Iżda ġara li fis-sena 1973, il-Gvern Ċentrali ressaq riżoluzzjoni fil-Parlament biex jinżamm *referendum* f'Għawdex fuq l-eżistenza tal-Kunsill Ċiviku u fejn l-elettorat Għawdxi ġie mistoqsi jgħid kienx japprova li l-Kunsill ikollu d-dritt li jagħmel taxxi u jekk l-Għawdxin ridux ikunu differenti mill-Maltin. Niftakar lill-Kunsill Ċiviku joħroġ stqarrija fejn iddeplora bil-qawwa d-deċiżjoni tal-Gvern li jżomm *referendum* li ħadd ma kien talabulu, u iżjed minn hekk iddeplora il-kwalità ta' mistoqsija li tpoġġiet quddiem l-elettorat! Bħala protesta talab lill-elettorat Għawdxi jibbojkottja r-*referendum* billi ma jmurx jivvota. Ir-*referendum* inżamm f'Novembru 1973. Minn elettorat ta' 15,621 kienu biss 195 elettur li ħareġ jivvota jew 1.2% tal-votanti eliġibbli. Minnhom 173 ivvutaw favur li l-Kunsill jibqa', 41 kontra u 17 kienu invalidi. Fis-27 ta' Novembru 1973 il-Gvern ippreżenta fil-Parlament il-*Gozo Local Government (Repeal) Bill*, u hekk intemmet il-ħajja ta' l-esperiment u ta' l-esperjenza tal-Kunsill Ċiviku għal Għawdex.

Għalkemm għixt b'mod attiv u intensiv dan il-perijodu ta' żmien u niftakru sew, nistqarr li ħafna mit-tagħrif dettaljat t'hawn fuq ħadtu mill-ktieb tal-Reverendu Monsinjur Dr. Joseph Bezzina bit-titolu *'Gozo's Government. The Autonomy of an Island through History.'* Dan il-ktieb kien ġie kkumissjonat mill-14-il Kunsill Lokali u kien ġie mniedi fil-*Banca Giuratale* f'Jannar 2005.

F'dik l-okkażjoni ġejt mistieden nagħmel kelmtejn flimkien ma' mistednin oħrajn. Niftakarni ngħid li dak il-ktieb fis-sustanza tiegħu jirrakkonta fuq il-ħerqa ta' l-Għawdxin li jkollhom xi forma u miżura ta' awtonomija fi ħwejjiġhom u kif kapaċi jingħaqdu biex jilħqu dak il-għan, għax kull meta dan ġara Għawdex mexa 'l quddiem. Iżda appena dak l-għan jiġi konkwistat u akkwistat ikun ferm diffiċli biex iżommuh, isaħħuh u jkabbruh. Isibu diffikultà fis-sostenibbiltà tal-proġett u sfortunatament ftit ta' żmien wara dik l-għaqda tibda tiddisintegra u trendi ruħha vulnerabbli quddiem għajnejn l-istorja imma ukoll quddiem għajnejn l-Awtoritajiet tal-pajjiż li minn naħa tagħhom jinnutaw u jagħmlu l-kalkoli tagħhom. L-Għawdxin jerġgħu jibdew jaraw kif jingħaqdu biex jikkonkwistaw u jakkwistaw mill-ġdid dak li jkunu tilfu. Tentattiv wara ieħor, li jieħu u jtellef ħafna żmien prezzjuż fl-iżvilupp u fil-progress tal-gżira.

Tennejt li r-rakkont fil-pubblikazzjoni joħroġ bl-aktar mod evidenti n-natura tar-reġjonalità tal-gżira Għawdxija. **Meta ngħidu li Għawdex għandu l-bżonnijiet speċjali u speċifiċi tiegħu u li jistħoqqlu attenzjoni partikulari nkunu qegħdin nonqsu nsemmu r-reġjonalità tiegħu u minflok ninqdew b'terminoloġija inqas addattata u inqas effettiva. Temmejt li minflok, kien ikun ħafna aħjar ngħidu lkoll kemm aħna li Għawdex għandu bżonn ta' politika reġjonali iddikjarata u applikata. Għax dik id-dikjarazzjoni tkopri dak kollu meħtieġ biex tilqa' għal problemi "speċjali, partikulari, speċifiċi" u li għandha toħroġ fil-beraħ il-potenzjal li joffri Għawdex fl-iżvilupp veru tiegħu u fil-kontribut nazzjonali li kapaċi jagħti.**

*anton.tabone@onvol.net*

**Xerri l-Bukkett**



**Bar**

**Restaurant Pizzeria**

Dine while enjoying the best view in the Maltese islands

Triq iż-Żewwieqa Qala

**Tel. 21553500**

**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday) Transport of goods between Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

*Servizz Speċjali Sena Pawlina - 9*

# PAWLU U S-*'SELF-ESTEEM'*



*kitba ta'* **RICHARD N. FARRUGIA, Djaknu**

*"Jien naħseb li lilna l-appostli Alla xeħitna għall-aħħar wara kulħadd bħallikieku telaqna għall-mewt; għax sirna spettaklu għad-dinja, għall-anġli u għall-bnedmin. Aħna boloh minħabba fi Kristu, intom għaqlin fi Kristu; aħna dgħajfa, u intom qawwija; intom nies tal-ġieħ, aħna bla ġieħ...Sirna qisna l-knis tad-dinja, ir-rimi ta' kulħadd sa llum"* (1 Kor 4:9-10.13). Kieku jien u int ikollna flok il-kelma 'appostli' inpoġġu isimna f'din is-silta, kif inħossuna? X'aktarx sentiment komuni li jkollna jkun dak li nħossuna inqas, *inferjuri*, għal ħaddieħor. **Min minna jħossu 'knis għad-dinja' jew 'rimi ta' kulħadd'? Forsi hawn bnedmin li jħossuhom imwarrba...jista' ikun li int li qed taqra tħossok persuna mirmija, użata, dgħajfa, bla ġieħ.** Imma importanti nsaqsu: min qed jikteb din l-istqarrija? San Pawl! Iva, dak Pawlu li narawh rappreżentat fi statwi imponenti bħala bniedem ta' qawwa, ta' awtorità. Kontradizzjoni? Le! **Dak Pawlu li aħna nsejħulu 'Missierna' u l-'Appostlu tal-Ġnus' huwa dak li kien iħossu knis u rimi.** Imma forsi nsejna dettall importanti li jikteb San Pawl: hu jinsab f'dan l-istat "minħabba fi Kristu"...u hawn id-differenza kollha!

Illum nitkellmu ħafna minn *self-esteem*. Fi ftit kliem hija kemm jien nistma lili nnifsi. **F'soċjetà fejn il-kriterju ta' kollox qed isir dejjem aktar l-individwu, il-"jien", allura faċli li anki l-kelma *self-esteem* nifhmuha ħażin, bħallikieku jien ikolli *self-esteem* skont kemm inżomm il-ponta, skond kemm ma nħallihomx jgħadduni biż-żmien, skont kemm ma nitlobx skuża, skont kemm ikolli pożizzjoni ta' awtorità fuq l-oħrajn, skont kemm ikolli ġid, jew skont kemm inkun aqwa mill-oħrajn.** Imma x'inhi *self-esteem*? Jew aħjar, x'inhu s-*self*? Dan is-*self*, dan il-"jien" hu dik il-*kelma* li Alla lissen u biha nħlaqt. Il-"jien" tiegħi huwa xbieha ta' Alla, hu d-dinjità li jiena biha mlibbes, hi l-verità tiegħi bħala persuna unika u irrepetibbli. Il-"jien" hu wkoll dak li ssawwar u ġie minsuġ fl-istorja ta' ħajti, bil-mumenti sbieħ u diffiċli tagħha.

**X'kien il-"jien" ta' Pawlu?** *"Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija"* (Gal 2:20). Fi triqtu lejn Damasku Sawl jgħaddi minn esperjenza li ddawlu. Iħossu maħfur minn Dak li lilu kien qed jippersegwita. Jiltaqa' ma' Ġesù, l-Iben ta' Alla, ma' dak li ħabbu u ta lilu nnifsu għalih. Hu stess jistqarr ma' Timotju: *"Nižži ħajr lil Kristu Ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kien jistħoqqli l-fiduċja tiegħu u li għamilni ministru tiegħu, lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu. Iżda sibt ħniena, għax sibt il-ħniena...Din hija kelma ta' min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin: u fosthom, lili l-ewwel wieħed"* (1 Tm 1:12-13.15). **Meta aħna nippruvaw inħossuna aqwa minn ħaddieħor jew anki meta nħossuna inqas minn ħaddieħor, dan jiġri għax fil-fond ta' qalbna nkunu mweġġgħa, feruti. Inkunu midruba għax ma nħossuniex maħbuba b'mod sħiħ...maħbuba għal dak li aħna...maħbuba fis-sabiħ u fl-ikraħ tagħna. Is-*self-esteem* tinbena fuq din l-imħabba ta' Kristu għalija li jarani kif jien. Hu jarani kif jien u jħobbni kif jien.** Jekk inħoss din l-imħabba, allura nikber f'din l-imħabba għal Kristu u jum wara jum Kristu jibda jgħix fija.

**Ikolli *self-esteem* jekk naċċetta l-limiti tiegħi u r-realtà dwari nnifsi.** Pawlu jaf min hu. Mhuwiex il-*bully* jew l-*invincible* jew l-*untouchable*. L-istess isem *Paulus* ifisser "żgħir". Iqis lilu nnifsu "ġarra tal-fuħħar", bniedem dgħajjef li ġie mogħti teżor (*ara* 2 Kor 4:7). Hu jaf li hu "l-iżgħar fost il-qaddisin kollha" (Ef 3:8). Mhux biss! Imma d-dgħufija ssir dak l-aspett li bih jiftaħar! Lill-insara ta' Korintu (*ara* 2 Kor 12:7-10) jgħidilhom li tqegħditlu 'xewka' f'ġismu li kienet tumiljah **"sabiex ma mmurx nintefaħ bija nnifsi minħabba l-kobor tar-rivelazzjonijiet"**. Ma nafux eżatt Pawlu minn xiex kien ibati...imma żgur li din kienet iddejqu ħafna tant li talab tliet darbiet lil Mulej biex titbiegħed minnu! Biss, ikompli jgħid Pawlu, *"hu [il-Mulej] weġibni: 'Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi: għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef.'"* U jissokta jikteb: *"Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija."*





**Kemm jista' jagħmlilna kuraġġ San Pawl biex naċċettaw il-limiti tagħna, dawk l-aspetti fina u f'ħajjitna li ma nistgħux inbiddlu!** Kemm jistgħu jfarrġuna u jerfgħuna l-kelmiet li Kristu jgħid lil Pawlu: **'Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi!'** Min jagħraf l-imħabba ta' Kristu jkun jista' jibda jgħix tassew għax **"Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa"** (Gal 5:1) u "meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid: il-qadim għadda u daħal il-ġdid" (2 Kor 5:17).

Pawlu kellu *self-esteem* tajba hekk li ma kinux jagħmlu bih il-fallimenti quddiem in-nies. Aħna probabbli spiss infittxu li nintgħoġbu man-nies, li nkunu popolari akkost li 'naħbu' jew 'niċħdu' il-valuri tagħna u l-fatt li aħna ta' Kristu. Hu li kien Fariżew, ma jibżax imur kontra niesu stess minħabba t-twemmin tiegħu fi Kristu. Meta jmur Ateni, l-Griegi jiddieħku bih meta jkellimhom fuq il-qawmien mill-imwiet (*aqra* Atti 17:32-33). Imma ma jaqtax qalbu għax sab il-'kollox' tiegħu, Dak li **"minħabba fih ridt nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu"** (Fil 3:8). Il-bniedem li jistma lilu nnifsu, li jħossu maħbub minn Alla ma jaqax fil-kompromessi u ma jinġarrx mal-kurrent.

Dawn il-ftit sentenzi ma jeżawrixxux la s-suġġett tas-*self-esteem* u lanqas il-ħajja u t-tagħlim ta' Pawlu fuq il-bniedem mifdi minn Kristu. Biss permezz ta' dawn is-siltiet aħna niltaqgħu ma' bniedem li ħabb lil Kristu u fiH sab is-sens ta' ħajtu. **F'soċjetà fejn numru minn ħutna l-bnedmin qed iħossuhom internament vojta u nieqsa minn *self-esteem* tajba, Pawlu ta' Tarsu jista' jkun dak l-appostlu li b'ħajtu u tagħlimu jonfoħ mill-ġdid f'ħajjitna "l-fwieħa ta' Kristu"** (2 Kor 2:15).

A Whole New Look

Sharmain's
Styling Salon

57,
St. Joseph Square
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

Peter's Butcher Shop

*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*

St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

Kummentarju (2)

# Il-Bilingwiżmu f'Malta



*kitba ta'* CARM C. CACHIA

**Normalment, il-bniedem jitgħallem lingwa waħda biex biha jikkomunika ma' bnedmin oħra. Li wieħed jitgħallem żewġ lingwi jew aktar hi kapaċità speċjali. It-tagħlim ta' żewġ lingwi jissejjaħ bilingwiżmu; ta' tlieta jew aktar jissejjaħ multilingwiżmu.**

### *X'Inhu l-Bilingwiżmu?*

Il-lingwisti jiddefinixxu l-bilingwiżmu minn diversi aspetti. L-ewwel ma nsibu hu l-bilingwiżmu minn aspett ta' oriġini. Xi pajjiżi, tradizzjonalment jew storikament, jinqdew b'żewġ lingwi (kultant anke tlieta) u għalhekk in-nies tal-post jitqiesu bħala bilingwali. Eżempju ta' dan insibuh fil-provinċja ta' Quebec fil-Kanada, fil-Belġju, u fl-Iżvizzera, jew f'postijiet fejn żewġ pajjiżi jmissu ma' xulxin bi fruntiera komuni (Bolzano fl-Italja). Imbagħad hemm dawk l-individwi li l-ġenituri tagħhom jitkellmu lingwi differenti, bħal meta l-missier ikun Malti u l-omm tkun Awstraljana, u t-tfal, allura, jitrabbew midħla tal-Malti u tal-Ingliż.

It-tieni aspett hu dak marbut mal-kapaċità li individwu jkollu fil-lingwi. Issib bnedmin li għandhom id-don li jitgħallmu l-lingwi bla ebda diffikultà, u għalhekk dawn aktarx li jkollhom il-ħila jitkellmu u jiktbu b'żewġ lingwi jew aktar.

Imbagħad insibu l-bilingwiżmu mill-aspett funzjonali tal-lingwa. Dan jiġri meta l-individwu juża l-lingwi biex jaqduh f'sitwazzjonijiet differenti tal-ħajja. Ngħidu aħna ssib min lingwa minnhom jużaha f'ambjent familjari filwaqt li l-oħra jużaha fuq ix-xogħol, biex jaħdem biha. Eżempju ta' dan hu l-każ ta' gwida turistiku li jitkellem ma' tal-familja bil-Malti, imma mbagħad juża l-Ingliż meta jkun mat-turisiti. Ma' dawn nistgħu ninkludu lil dawk li jużaw żewġ lingwi għal skopijiet komunikattivi differenti (eż. waħda għall-edukazzjoni u l-oħra biex juru sentimenti umani, bħall-imħabba).

Fl-aħħar nett insibu l-bilingwiżmu minn aspett integrattiv. Dan jiġri meta l-individwu juża lingwa partikulari biex iħossu parti minn grupp. F'dan il-każ il-lingwa użata tkun mezz li bih l-individwu jidentifika ruħu ma' dak il-grupp li jitkellem dik il-lingwa partikulari. Issib individwi li meta jkunu ma' tal-familja jitkellmu bil-Malti u meta jkunu ma' min jitkellem bl-Ingliż juża l-Ingliż hu wkoll biex ma jħossux imwarrab.

Ta' min jgħid li l-bilingwu li jkun jaf jitkellem biż-żewġ lingwi ndaqs jissejjaħ bilingwu bbilanċjat. Dan ikollu l-ħila li jaqbeż minn lingwa għal oħra mingħajr ebda diffikultà ta' xejn, dak li bl-Ingliż insibu bħala *code switching*. Madankollu fil-maġġoranza ta' nies bilingwali aktarx jiġri li l-individwu jkunu jaf lingwa aktar minn oħra u għalhekk jippreferi jew iħossu komdu jitkellem b'dik li jaf l-aktar, filwaqt li l-oħra jagħmel użu minnha meta jinħass il-bżonn biss.

### *Il-Bilingwiżmu f'Malta llum*

Minħabba l-użu dejjem jikber tal-Ingliż, f'Malta nsibu diversi tipi ta' bilingwi. Dawn nistgħu niġbruhom taħt erba' kategoriji. Hemm il-bilingwi bbilanċjati li jafu sew bil-Malti u bl-Ingliż u kapaċi jaqilbu minn ilsien għal ieħor bla tfixkil. Imbagħad hemm il-bilingwi li jafu bl-Ingliż, imma mhux kapaċi jesprimu ruħhom sew bih fid-diskors jew fil-kitba. Hemm il-bilingwi li jitkellmu bl-Ingliż u jsibuha diffiċli jitkellmu jew jikkomunikaw bil-Malti miktub, u hemm il-bilingwi li jafu bil-Malti imma mhumiex kapaċi jesprimu ruħhom sew bil-Malti.

F'Malta, il-bniedem aktarx li juża l-bilingwiżmu kemm mil-lat funzjonali u kemm b'sens integrattiv. Il-bilingwiżmu jitqies bħala għodda meta l-individwu juża l-Ingliż biex ikun jista' jesprimi ruħu aħjar fuq ix-xogħol jew f'sitwazzjonijiet meta l-ilsien nativ ma jgħinux. Imbagħad aktarx li jippreferi juża l-ilsien nativ biex jintegra ma' xi grupp partikulari (bħalma hi l-familja, il-qraba jew il-ħbieb) għax l-aspirazzjonijiet, l-istennijiet u x-xewqat tagħhom ikunu tiegħu wkoll. Dan hu l-aspett integrattiv.

Skont Dr.Charles Briffa, il-bilingwiżmu f'Malta għandu bżonn jissaħħaħ permezz ta' edukazzjoni xierqa. Dan il-bżonn,



li beda minħabba ċirkostanzi politiko-storiċi wara l-wasla tal-Ingliżi fis-seklu dsatax, qiegħed jinħass jiżdied illum minħabba l-kundizzjonijiet soċjali, politiċi u ekonomiċi ta' pajjiżna.

Il-Kostituzzjoni ta' Malta tgħid li Malta għandha żewġ lingwi uffiċjali: il-Malti - il-lingwa Nazzjonali, u l-Ingliż - it-tieni lingwa tal-pajjiż. Dawn iż-żewġ lingwi qed jiġu mgħallma sa mill-ewwel snin tal-primarja. Fis-sekondarja, imbagħad, jiżdied it-tagħlim ta' lingwi oħra minħabba li pajjiżna għandu bżonn ta' nies imħarrġa sew f'lingwi barranin. Barra minn hekk, f'ħafna mid-dokumenti u l-pubblikazzjonijiet tal-gvern jintużaw iż-żewġ lingwi f'daqqa. Fost dawn ta' min isemmi l-Gazzetta tal-Gvern, formoli bħal dik tat-Taxxa tad-Dħul u ittri ta' notifika li jintbgħatu mid-dipartimenti tal-Gvern.

F'din il-qagħda bilingwali preżenti, l-ilsien Malti aktar għandu funzjoni integrattiva. Infatti l-Malti hu l-ilsien li jagħtina identità bħala nazzjon u jagħżilna minn ġnus oħra. Dan għaliex hu lsien uniku li jitkellmuh biss l-abitanti ta' dawn il-gżejjer jew id-dixxendenti tagħhom. Fil-ħajja ta' kuljum, il-Malti jintuża fil-parlament, fil-qrati, f'ċelebrazzjonijiet nazzjonali, f'diskorsi importanti u f'okkażjonijiet ta' importanza nazzjonali. Insibu li ħafna mill-mezzi tax-xandir, inklużi t-televiżjoni, bosta stazzjonijiet tar-radju u l-maġġoranza tal-gazzetti u r-rivisti f'Malta, jużaw l-ilsien Malti. Bosta Maltin jippreferu li jitkellmu din il-lingwa jew xi djalett tagħha fid-diskors tagħhom fil-ħajja ta' kuljum Jintuża wkoll fil-kummerċ lokali, fix-xiri u l-bejgħ u f'negozju ieħor fuq skala nazzjonali. Anke fl-iskejjel, għalkemm ħafna mill-kotba li jintużaw huma bl-Ingliż, bosta għalliema jippreferu li jużaw il-Malti fil-lezzjoni tagħhom, għaliex bil-lingwa materna jinftehmu aħjar u għalhekk il-lezzjoni aktar ikollha riżultat pożittiv. Qiegħed isir attentat biex anke fuq l-Internet, fejn ikun possibbli, f'siti marbutin ma' pajjiżna jintuża l-Malti. Eżempju ta' dan hi s-*search engine* Google li toffri mezz ta' tiftix bil-lingwa Maltija.

Mill-banda l-oħra, l-Ingliż hu l-aktar ilsien importanti fost il-lingwi barranin kollha. Infatti l-irwol ta' dan l-ilsien hu wieħed strumentali għalina l-Maltin. Hu jintuża bħala l-lingwa ta' komunikazzjoni internazzjonali. Bih nistgħu naġġornaw ruħna intellettwalment u kulturalment, għaliex hu jgħaqqadna mal-kumplament tad-dinja. Barra minn hekk, l-Ingliż hu lingwa indispensabbli f'livell universitarju u jintuża spiss fi ħwejjeġ ta' gvern, amministrazzjoni, kummerċ internazzjonali, eċċ.

It-tagħlim tat-tieni lingwa hu essenzjali wkoll biex bih ngħixu u nivvjaġġaw b'mod ħieles fil-pajjiżi kollha li jitkellmu bl-Ingliż jew fejn l-Ingliż hu mifhum, u għalhekk din il-lingwa teqred kull sens ta' insularità minn pajjiżna. Waqt li l-Malti jagħmilna nazzjon, l-Ingliż jagħtina dimensjoni internazzjonali.

Din l-importanza tal-Ingliż għarfuha l-ġenituri Maltin. Huma qegħdin jagħtu importanza kbira lit-tagħlim ta' din il-lingwa fl-iskola. Li tgħaddi mill-eżamijiet tal-Ingliż hu meqjus bħala kruċjali għal suċċess aktar 'il quddiem fil-ħajja. Għalhekk teżisti din il-premura kollha għat-tagħlim ta' din il-linwga.

Minħabba f'din l-importanza kbira li tingħata lill-Ingliż, uħud mill-ġenituri jippruvaw jibdew jgħallmu huma stess din il-lingwa lil uliedhom sa minn ċkunithom. Madankollu wieħed irid joqgħod attent għaliex jekk ma jkunx jaf il-lingwa sewwa hu stess, kif jista' jgħallimha lil uliedu? Hemm il-periklu li jekk il-ġenituri jkellmu lil uliedhom b'taħlita ta' Malti u Ingliż aktar jistgħu jagħmlu deni milli ġid. It-tfal jistgħu jitilgħu la jafu l-Ingliż sewwa u lanqas il-Malti.

### *Għeluq*

Matul is-sekli, f'Malta minn dejjem kien hawn elementi ta' bilingwiżmu minħabba bżonnijiet politiċi u ekonomiċi. Meta l-lingwa materna ma kenitx taqdina f'dik li hi komunikazzjoni mal-barranin jew ma kenitx tintuża minħabba raġunijiet soċjali, konna nużaw it-tieni lingwa. Dan għadu jgħodd illum billi l-Malti ma jaqdiniex fil-qasam internazzjonali u għalhekk floku nużaw l-Ingliż, aktar u aktar issa li pajjiżna jifforma parti mill-Unjoni Ewropea.

L-Ingliż hu biċċa għodda li sservi għall-ħajja u għall-karriera. Barra minn hekk, din toffri wkoll il-vantaġġi konjittivi. Skont Dr. Charles Briffa, tifel li jitgħallem aktar minn lingwa waħda f'età bikrija, jidher superjuri għal dak li juża lingwa waħda biss (il-monolingwu). Il-lingwi barranin jagħtu lil uliedna panorama kulturali wiesgħa u jgħinuhom jagħrfu s-siwi ta' kulturi differenti minn tagħhom. Infatti uħud minn uliedna qed jakkwistaw it-tielet lingwa (it-Taljan) permezz tat-televixin u sanħansitra kapaċi jitkellmu biha b'mod naturali.

Is-sistema edukattiva tagħna wkoll tagħraf bis-sħiħ il-ħtieġa tal-bilingwiżmu mingħajr ma tnaqqas il-merti ta' xi waħda mil-lingwi. Dan jidher mill-enfasi li ngħata l-bilingwiżmu fil-Kurrikulu Minimu Nazzjonali li fis-sekondarja jħajjar it-tagħlim tat-tielet u tar-raba' lingwa wkoll.

Mela l-bilingwiżmu huwa għodda importanti għall-iżvilupp fuq livell individwali u fuq dak nazzjonali, u għalhekk mhux sempliċement simbolu ta' status soċjali bħalma jaħsbu xi wħud!

*Biblijografija*

Briffa Charles, ***Il-Bilingwiżmu f'Malta***, Valletta Publishing, 1994

Briffa Charles, ***Il-Bilingwiżmu f'Malta***, Karl Borg f'***Lingwa u Lingwistika***, Klabb Kotba Maltin, 1998

Cardona Tony, ***Introduzzjoni għal-Lingwistika Maltija***, Mireva Publications 1997

**John Portelli Enterprises Ltd.**
**IATA ACCREDITED AGENT**

The Agent for all your Travel Needs!!

7, INDEPEDENCE SQUARE, VICTORIA VCT 1022, GOZO, MALTA
TEL: (356) 2156 1212 / 2156 1213 FAX: (356) 2156 0133
e-mail: tokkjpetravel@onvol.net

108, ST. JOHN STREET, VALLETTA VLT 1169, MALTA
TEL: (356) 2124 7016 / 2123 5772 FAX: (356) 2124 7536
e-mail: sangwannjpetravel@onvol.net

*Il-qabża meħtieġa mill-bluha għas-serjetà wara l-Karnival*

# MILL-MASKRI TA' ĦAJJITNA...

*Don Alessandro Pronzato fil-ktieb "La Provocazione di Dio", paġna 293 jgħid li aħna l-bnedmin nilbsu l-maskri mhux fil-Karnival biss, iżda s-sena kollha.*

*Għaldaqstant l-istess awtur fi ktieb ieħor "La Girandola" jagħtina RIĊETTA: "Giù La Maschera"; Inneħħu l-Maskra. U għal maskra għandna tnejn:*

## 1 IL-MASKRA TA' L-IPOKRISIJA

***Kliem Kristu***

- "Ħażin għalikom, intom kittieba u Fariżej. Uċuħ b'oħra.
  Intom tnaddfu t-tazzi u l-platt minn barra, waqt li minn ġewwa,
  **intom frott is-serq u r-regħba**" *(Matt. 23:25-26).*
- "Ħażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra.
  Qiskom oqbra mbajda, minn barra jidhru sbieħ,
  u **minn ġewwa mimlija b'kull xorta ta' ħmieġ**".
- "Hekk intom. **Minn barra tidhru tassew ġusti**, quddiem il-bnedmin,
  waqt li **minn ġewwa kollkom ipokrisija u ħażen**" *(Matt. 23: 27-28).*





## 2 IL-MASKRA TAL-VANITÀ

***Kristu jwissina :***

- "Qisu li l-għemil tagħkom, ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies" *(Matt.6:1).*
- "Meta tagħmel karità tmurx iddoqq it-trombi quddiemek... biex in-nies tfaħħarkom" *(Matt.6:2).*
- "U meta titolbu tkunux bħal dawk ta' żewġt uċuħ, li jħobbu jitolbu weqfin fis-sinagogi u fl-irkieni ta' l-imsieraħ, biex jidhru quddiem in-nies" *(Matt. 6:5).*
- "Meta ssumu tqarrsux wiċċkom bħalma jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn ikerrhu wiċċhom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin" *(Matt.6:16).*

## 3 MULEJ JIEN FARIŻEW

(1) Meta niftaħar li jien ġust,
imbagħad **insibha bi tqila biex naqsam ma' ħaddieħor.**

(2) Meta nikkundanna r-razziżmu u d-deskriminazzjoni,
imbagħad **ma naċċettax lil min hu differenti minni.**

(3) Meta nitfa' l-ewwel ġebla lejn il-mara żienja,
imbagħad inkun jien li **naqa' fil-ħars żieni.**

(4) Meta nagħmel xi opra tajba għal wiċċ in-nies,
u mhux għall-imħabba.

(5) Meta ngħid grazzi lil Alla tal-ġid li tani,
iżda ma ngħidlux aħfirli għad-dnubiet tiegħi.

(6) **Meta naħseb li jien aħjar min-nies.**

(7) **Meta jien infittex l-ewwel postijiet.**

(8) **Meta jien ħafif biex nara t-tibna f'għajn ħija,**
u ma narax it-travu li għandi f'għajnejja.

**Mulej, fejjaqni minn din il-marda
li noqgħod nagħmel paraguni bejni u bejn l-oħrajn.**

*(Jean Sauvenay, "Ecoutez Seigneur Ma Priere")*

## 4 APPUNTAMENT MAL-IRMIED

- Jispiċċa l-Karnival u jibda r-Randan. X'qabża!! Mill-bluha ta' ħajjitna għall-Verità tal-Vanġelu!
- Inwarrbu l-maskri u nqegħdu l-irmied fuq rasna. Biex nindmu u nemmnu fil-Bxara t-Tajba!
- Ir-Randan hu żmien tajjeb biex nidħlu daħla fina nfusna u naraw il-verità dwarna nfusna.

# ID-DJALOGU BEJN IL-FIDI U R-RAĠUNI

*Omelija ta' Mons Isqof Mario Grech waqt il-Pontifikal immexxi mill-Arċisqof Pawl Cremona O.P. fl-okkażjoni tas-Sollennità ta' San Pawl Nawfragu, iċċelebrata fis-Sena Pawlina*

*Parroċċa San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta*

*It-Tlieta, 10 ta' Frar 2009*

Insellem lilek, ħija fl-episkopat, Eċċellenza Arċisqof ta' Malta, u nsellem lilkom, ħuti Maltin.

Kif huwa dmir tagħna, ser nipprova naqra fid-dawl tal-fidi r-realtà li qegħdin ngħixu.

Japplika ħafna għalina dak li San Pawl jgħid lin-nies ta' Korintu: "Għandkom ħafna għalliema, imma missier wieħed għandkom, għax jien nissiltkom fil-fidi permezz tal-Evanġelju!" (ara 1Kor 4,15).

Illum aktar ma l-membri tas-soċjetà, partikularment dawk li huma fit-tmexxija, qegħdin jipprofessaw it-twemmin liberali, aktar qed timmanifesta ruħha dik li l-ħassieb Marcello Pera dan l-aħħar sejjaħ "kriżi morali jew etiko-ċivili ta' l-Ewropa". Fi kliem dan il-filosofu-politiku Taljan, teżisti tensjoni bejn il-kilba għal użu mingħajr ilġiem tal-libertà u l-konsegwenzi koroh li ġġib din l-imġieba, bejn l-arja li wieħed ikollu għax jaħseb li huwa sid tiegħu nnifsu u fl-istess waqt il-biża u l-insigurtà li jdallmu l-qalb tal-bniedem. Il-fatt li l-bniedem ma jafx x'għandu jagħmel, qed jipprovoka effett depressiv u sens ta' diżorjentament mhux biss morali, imma wkoll politiku, soċjali u demografiku.

Huwa f'dan il-kuntest ta' taqlib fuq mewġ qawwi, li llum Malta qed tagħmel festa lill-Appostlu Pawlu; anzi, forsi jkun aħjar jekk ngħidu li proprju f'dawn iċ-ċirkostanzi, kif kważi elfejn sena ilu l-Providenza Divina bagħtet lil Pawlu fuq ix-xtut tagħna, illum ukoll, l-istess Providenza permezz tal-Knisja qed toffrilna dan il-waqt ta' grazzja biex mill-ġdid nifthu qalbna għal Pawlu, "qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla" (Rum 1,1), bit-tama li nkomplu dak li kien inawgurat bil-miġja ta' Pawlu fostna: *id-djalogu bejn Alla u l-bniedem* – djalogu mmirat biex il-bniedem jikseb għarfien dejjem aktar sħiħ u korrett dwar x'inhi l-verità, partikularment dik dwaru nnifsu.

Għax kawża ta' ħafna problemi li qegħdin naffrontaw illum – problemi personali, familjari u soċjali, – hija antropoloġija mdennsa! Il-kriżi tal-modernità hija marbuta mal-għarfien ineżatt jew nuqqas ta' għarfien li aħna għandna dwar il-bniedem! Biex nagħtu eżempju, is-soluzzjonijiet, anke legalment, għal ċerti tematiċi serji li għandhom x'jaqsmu mal-valur tal-ħajja umana, bħalma tista' tkun il-kunsiderazzjoni ta' l-ewtanasja; jew dwar dak li jirrigwarda l-familja, bħalma huma d-dritt għaż-żwieġ u d-dritt għall-formazzjoni tal-familja; l-istabbiltà u l-fedeltà fiż-żwieġ, jew problemi ta' fertilità, addozzjoni, affidament, – dawn kollha jippressupponu tħaddim ta' antropoloġija sana! L-istess kriterju huwa meħtieġ biex fl-ekonomija u fil-qasam tax-xogħol jittieħdu deċiżjonijiet responsabbli!

Kif jixhdulna l-Atti ta'l-Appostli u l-Ittri ta' Pawlu nnifsu, l-Appostlu ħaddem id-djalogu bħala għodda għall-evanġelizzazzjoni u hekk iwassal dik il-Bxara t-Tajba li ddawwal u tispira l-azzjonijiet tal-bniedem. F'kull ambjent li kien, mingħajr ma jeskludi lil ħadd, huwa ħeġġeġ biex il-bniedem jidħol f'dan l-atteġġament djaloganti. Qed nirreferi għad-djalogu bejn ir-raġuni u l-fidi. Għax kif jafferma t-teologu Russu Pavel Evdokimov: "Mhux l-għerf li jdawwal il-misteru, imma huwa l-misteru li jdawwal ir-raġuni tagħna". Huwa l-misteru li jixpruna r-raġuni biex gradwalment tikseb il-verità!

Imma l-bniedem tal-lum għadu jrid jirraġuna? ...għadu jaf jirraġuna?

Iċ-ċiviltà għaddiet minn dak li jissejjaħ l-istaġun tal-illuminiżmu. Il-bniedem ħaseb li bl-użu tar-raġuni huwa seta' jikseb il-ħelsien u ħakma fuq kollox. Il-kisba tar-razzjonalità sa fl-aħħar tatu rajh f'idejh u għamlitu protagonista tal-ħajja tiegħu u ta' l-oħrajn. Telgħet ix-xemx tar-raġuni u suppost bewwiġna d-dlam.

Imma l-bniedem beda juża r-raġuni mhux biss biex jagħraf ir-realtà, imma wkoll biex "joħloq"; u biex ikun jista' joħloq, hu wasal biex warrab jew ġenneb lil Alla, li hu l-istess intelliġenza kreattiva! Biex tkun awtonoma, ir-raġuni għamlet *mutilazzjoni tagħha nnifisha* għax ingħalqet għal Alla; ir-raġuni għamlet awtolimitazzjoni, hekk illi ma tistax timraħ fl-ispazju wiesa' tal-verità!

Il-bniedem għamel ġlieda konta l-figura tal-"missier" – kif fid-dinja ma għandu jkun hemm ebda paternità li toħloq dipendenza, hekk ukoll anqas fis-sema ma għandu jkun hemm "Missier". L-uniku alla li għal ħafna snin baqa' jinteressa lir-raġuni umana kien id-*Deus mortuus*! L-assassinju kollettiv ta' Alla wassal biex il-bniedem beda jfassal il-ħajja tiegħu waħdu. Kawża t'hekk, kotru l-assansinji fis-soċjetà! Din is-soċjetà mingħajr missier ma baqgħetx tnissel ulied li huma aħwa, ħielsa u ndaqs; imma ħolqot dipendenzi drammatiċi ġodda minn dawk li bil-mod il-mod bdew joffru ruħhom minflok il-"missier": ideoloġiji, partiti, kapijiet, eċċ., li bdew jeżerċitaw tip ta' vjolenza ġdida għaliex bdew jiddettaw, jiddominaw u jimmanipolaw il-ħsieb!

F'dan il-qafas, meta s-soċjetà kkonvinċiet ruħha li għandha toqtol lill-"missier", nistaqsi x'sens għandha ċ-ċelebrazzjoni tal-lum meta qegħdin niċċelebraw il-festa ta' "Pawlu Missierna" – ta' dak li qalilna: "għandkom ħafna għalliema, imma missier wieħed għandkom għax jien nissiltkom fil-fidi permezz ta' l-Evanġelju!"

Il-paternità ta' Pawlu tieħu tifsira biss mill-paternità ta' "Alla, Missier ta' Sidna Ġesù Kristu li mliena b'kull xorta

ta' barka spiritwali fis-smewwiet fi Kristu, li għażlina fih sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja ... u ddestinana li nkunu għalih *ulied addottivi* permezz ta' Ġesù Kristu" (ara Ef 1,3). U għax aħna wlied, l-Ispirtu jgħajjat fina: Abba – Missier: « Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża, imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom *ulied addottivi*; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: "Abbà! Missier!" » (Rum 8,16).

Allura, kemm nifilħu nkunu kontradittorji! Għax filwaqt li jidhrilna li għandna għerf biżżejjed li nistgħu ngħaddu mingħajr riferiment għal Alla Missier; filwaqt li fid-diversi oqsma tal-ħajja soċjali tagħna aċċettajna *surrogati* oħra tal-"missier", donnu rridu wkoll nirrikonoxxu lil Pawlu Missierna!

L-esperjenza tixhdilna li meta s-soċjetà daħħlet id-divorzju – qed nirreferi għad-divorzju bejn ir-raġuni u l-fidi, il-bniedem daħal fl-istaġun ta' dak li huwa *irrazzjonali*. Il-kankru li qed ikidd l-età postmoderna huwa l-indifferenza u n-nuqqas ta' fiduċja li l-bniedem għandu fil-ħila innata tiegħu, li għax għandu fakultà li jirraġuna huwa jista' jagħti tifsira ġenwina lid-dinja u l-ħajja ta' madwaru! Hija ħasra li l-bniedem illum qed jitlef il-pjaċir li jfittex il-motiv għaliex qed jgħix u x'hemm 'l hinn mill-mewt! Qed jiġrilna dak li seħħ lil-Lhud meta kienu fid-Dijaspora: l-eżilju veru tagħhom beda mhux meta ttieħdu fl-eżilju, imma dakinhar li draw l-esperjenza ta' l-eżilju! Dakinhar li ma baqax jiddispjaċihom għax kienu eżiljati! Il-fatt waħdu li huma kienu 'l bogħod minn art twelidhom ma kienx daqshekk kiefer daqskemm meta fl-eżilju huma tilfu n-nostalġija għall-*patria* (art twelidhom). Fil-każ tagħna llum, l-eżilju tagħna jibda meta aħna ma nibqgħux inħossu l-bżonn li niskopru dak li jagħmel sens fil-ħajja ... meta ma nibqgħux nistennew il-futur.

L-istorja ta' ġensna hija minsuġa, direttament u indirettament, mal-festa ta' l-Appostlu Pawlu Missierna. It-tnissil Kristjan li tana Pawlu Missierna ddetermina l-identità ta' dan il-poplu. Għalhekk, lil kull min għandu fid-demm tiegħu *sens patrijottiku ġenwin*, illum qed issirlu sejħa biex f'din il-klima ta' nikiliżmu li qed taħkem l-Ewropa, f'din il-kultura tal-mewt, iqum fuq saqajh u jibda jaħseb b'moħħu u jiddeċiedi b'rasu, u mhux iħalli lil ħaddieħor jaħseb u jagħżel għalih!

Għax in-nikiliżmu jneżża' lill-bniedem minn dik "il-passjoni għall-verità", joqtol fih il-ħeġġa biex jaħseb, jaqtagħlu qalbu biex ma jagħmel ebda sforz u jibda jirraġuna. Minflok, l-ispirazzjoni nikilista tqanqal fil-bniedem dik li Sarte jsejħilha "il-passjoni għal dak li mhux utli"; tkompli tgħammadlu għajnejh biex ifittex biss dak li jagħti pjaċir immedjat u dak li jista' jikkonsuma issa. Meta ma jkollniex orizzonti wiesgħin tal-verità, faċli nkattru l-egoiżmu u l-iżolamemt tagħna.

Neħtieġu missier/omm li joffrulna l-imħabba u s-sens ta' ħajja dinjituża. Ma nistgħux inkomplu nifgaw fina n-nostalġija għal Alla Missier u patrija żgura!

Għalhekk, altru li hija f'postha l-festa ta' l-Appostlu Missierna; għax din il-festa, filwaqt li tfakkarna fl-ewwel predikazzjoni ta' l-Evanġelju, li huwa "il-qawwa t'Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi [pagani]" (Rum 1,17), hija wkoll espressjoni ta' impenn imġedded biex inkunu "ħbieb ta' l-Evanġelju".

Filosofu ta' żmienna, Hans Blumenberg, jitkellem b'mod interessanti dwar esperjenza ta' nawfraġju. Hu jgħid li żmien ilu seħħ nawfraġju imma kien hemm raġel fuq il-blat josserva – għalkemm kienet traġedja kerha, dan ir-raġel ma beżax għax riġlejh kienu fuq is-sod. Dan kien iż-Żmien Klassiku fejn il-bniedem kellu punti fermi li fuqhom kien iserraħ fis-sod. Għadda ż-żmien u seħħ nawfraġju ieħor; imma din id-darba l-ispettaturi kienu "ulied l-epoka tal-modernità u postmodernità". Dawn ma kellhomx art ferma fejn iserrħu riġlejhom u ntilfu huma wkoll!

Jekk iseħħ nawfraġju llum, aħna għandna riġlejna jserrħu fuq is-sod? Jew nirriskjaw li nintilfu lkoll?

In-Nawfraġju ta' San Pawl f'pajjiżna kellu eżitu ieħor – fir-rakkont li għandna fl-Atti ta' l-Appostli naqraw li l-ġifen ta' Pawlu ma għereqx għax "ħbatna ma' *sikka* bejn żewġ kurrenti u l-baħrin *waħħlu* l-ġifen fuqha. Il-pruwa baqgħet *imwaħħla sewwa* fil-post u ma tħarrkitx iżjed ... Kulħadd *qabad l-art* qawwi u sħiħ" (Atti 27,41-44)! X'kienet din l-"art blatija"? Billi l-Maltin kienu midħla tar-Rumani, wieħed ma jeskludix li kellhom konoxxenza tal-kultura Griega-Rumana u l-patrimonju filosofiku Grieg. In-nies ta' din il-gżira, li kienu li jgħożżu r-raguni, meta ddjalogaw ma' Pawlu raw li l-Evanġelju tiegħu kien jappella għall-intelliġenza tagħhom! Anzi, proprju għax kienu jirraġunaw u r-raġuni ma kinitx magħluqa għad-divinità, huma kellhom dispożizzjoni biex jippenetraw il-verità mwassla minn Pawlu. Meta semgħu lil Pawlu, huma raw l-għażla bejn l-alla tal-filosofi (alla impersonali) u Alla ta' Abraham, ta' Iżakk, ta' Ġakobb u ta' Ġesù Kristu. Għalhekk, meta Pawlu ħalla dawn il-gżejjer u l-Maltin laqgħu l-Evanġelju, huma taw prova li l-fidi u r-raġuni ma jeskludux lil xulxin, "għax li tmur kontra r-raġuni hija xi ħaġa li hi kontra n-natura t'Alla" – dan huwa prinċipju filosofiku Grieg li tennieh il-Papa Benedittu XVI fl-Università ta' Ratisbona.

Wieħed jistaqsi: x'atteġġament ħa l-Appostlu Missierna Pawlu biex jiddjaloga mas-soċjetà Maltija ta' dak iż-żmien?

Hemm żewġ episodji li jistgħu jagħtuna indikazzjoni kif Pawlu seta' ġab ruħu ma' dawk li kienu għadhom qatt ma semgħu bi Kristu, u fiż-żewġ każi seħħ dak li l-Papa Benedittu f'isem il-Knisja qed jappella llum: "wessgħu l-orizzonti tar-razzjonalità; iftħu r-razzjonalità għal temi kbar dwar x'inhu l-veru u t-tajjeb; skopru r-rabta li hemm bejn it-teoloġija, il-filosofija u x-xjenzi, dejjem fir-rispett sħiħ ta' l-awtonomija tagħhom imma fl-istess waqt konxji mir-rabta intrinsika li hemm bejniethom".

Fl-Atti ta' l-Appostli naqraw li darba Pawlu mar fiċ-ċentru kulturali ta' Ateni u hemm tkellem ma' filosofi Epikurej u Stoiċi (Atti 17,18). B'differenza miż-żmien tagħna llum, il-filosofi u l-intellettwali ta' dak iż-żmien almenu kellhom il-kurżità li jisimgħu lil Pawlu "qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għall-Evanġelju t'Alla"

(Rum 1,1). Magħhom Pawlu tkellem dwar Alla li ma kienx magħruf. Kif jgħid il-Papa Ġwanni Pawlu II fl- Enċiklika *Fides et Ratio*, "biex jiftehemu, l-ewwel Insara fid-diskorsi tagħhom ma setgħux jirreferu biss għal Mosè u l-profeti, imma kellhom ukoll jirreferu għall-konoxxenza naturali li l-Griegi kellhom ta' Alla u fuq il-kuxjenza morali naturali ta' kull wieħed". Kellhom jitkellmu b'lingwaġġ sekulari biex jikkomunikaw il-verità dwar Alla!

Imbagħad, fl-ittra tiegħu lir-Rumani Pawlu jikteb li "meta l-ġnus li ma għandhomx Liġi jagħmlu bl-istint naturali tagħhom dawk l-opri li titlob il-Liġi, huma jkunu liġi għalihom infushom. Dawn juru b'għemilhom li l-preċetti tal-Liġi huma miktuba f'qalbhom, u dan tixhdu ukoll il-kuxjenza u r-raġuni tagħhom" (Rum 2,14-15).

B'ton qawwi, Pawlu jwissi li "jekk pagan bla ċirkonċiżjoni jħares il-preċetti tal-Liġi, ma jkunx qiegħed hu, li hu bla ċirkonċiżjoni, jikkundanna lilek li inti ċirkonċiż?" (Rum 2,26) Jekk irridu napplikaw din it-twissija għalina llum, nistgħu nisimgħu lill-Appostlu Missierna jgħid lill-Insara illi jekk wieħed li mhux mgħammed ikun iħares il-Liġi, hu jkun qed jikkundanna lil min mgħammed imma mhux jirrispetta l-verità!

Huwa minnu li l-Griegi ma kellhomx it-*Torah* bħalma kellhom il-Lhud; imma fl-Iskrittura hemm kurrent ta' ħsieb espress fil-kotba sapjenzali, fejn jingħad li l-liġi ta' Mosè hija manifestata fl-għerf li permezz tiegħu Alla ħalaq id-dinja u jmexxi l-bnedmin lejh. Għalhekk anke l-ġentili (Griegi pagani), meta jużaw ir-razzjonalità, jiskopru dik il-liġi li hija analoga mal-liġi ta' Iżrael.

Minn dan nistgħu niddeduċu prinċipju importanti għall-pastorali – għall-Evanġelizzazzjoni:

Ma nistgħux nittraskuraw il-fatt li kull bniedem, sew jekk huwa mgħammed prattikanti jew huwa mgħammed imma jgħix fil-periferija; sew dak li mhux mgħammed u forsi jħaddan twemmin ieħor jew jgħid li ma jemminx: kull bniedem għandu fih din il-pontenzjalità li jagħraf lil Alla jekk jagħraf iħaddem ir-razzjonalità tiegħu b'mod awtentiku u mhux riduttiv: per eżempju, meta jieqaf biss f'dik li hija razzjonalità pożitivista. Għalhekk kull bniedem għandu jsib l-għajnuna biex jista' jiżviluppa l-fakultà intellettwali tiegħu. Għandu joħloq tħassib pastorali mhux tant il-bniedem li jgħid li ma jemminx, imma l-bniedem li ma jaħsibx jew jiġi mfixkel milli jaħseb b'mod ħieles!

Min-naħa l-oħra, biex il-Knisja, il-komunità ta' l-imgħammdin tkun tista' tagħmel il-proposta tal-fidi llum, trid tagħmel il-proposta ta' dik li l-Papa Benedittu jsejħilha "*fede pensosa*" (fidi li taħseb). Għalhekk mhux serħan il-moħħ li jkollna *"fede esclamata non interrogata, fede professata/celebrata e non pensata"*. Kieku fil-Knisja lokali l-"fidi mistqarra u ċċelebrata" mhix nieqsa: il-festi titulari li nagħmlu huma xhieda ta' dan! Imma dan mhux biżżejjed. Għax fi kliem San Pietru, wieħed għandu jkun dejjem lest biex jagħti t-tweġiba lil min jitolbu l-għala tat-tama li għandu (1Pt 3.15). Kif jgħid Santu Wistin, "fidi li mhix *pensata, nulla est*. Għal dan il-għan hi meħtieġa l-formazzjoni permanenti ta' l-Insara. Imma nibża' li f'pajjiżna, partikularment l-Insara adulti mhumiex konvinti mill-ħtieġa urġenti ta' Evanġelizzazzjoni ġdida!

Fidi li hija miftuma mir-raġuni u l-imħabba qatt ma twassal biex ikun hawn xhieda Kristjana li tkaxkar oħrajn warajha. F'dan kollu huwa mudell l-Appostlu Pawlu li kien iħossu misjuq mill-imħabba ta' Kristu.

F'diskors li kellu jagħmel fl-Università *La Sapienza* f'Ruma, wieħed mill-arjopagi ta' żmienna, il-Papa Benedittu XVI ifisser li skont il-kittieb liberali kontemporanju John Rawls, biex wieħed ikun jaf jekk xi affermazzjoni, partikularment ta' natura morali, tkunx raġjonevoli jew le, kriterju validu jkun il-fatt li din l-affermazzjoni tkun ġejja minn tradizzjoni responsabbli u umanament sinifikattiva. Hawnhekk għandna rikonoxximent tas-servizz li l-Knisja toffri lill-bniedem: dik il-Knisja ta' Kristu li tagħha Pawlu huwa appostlu u fundatur – dik il-Knisja li huwa waqqaf f'pajjiżna. Din il-Knisja hija mżejna bi tradizzjoni li minn żmien għal żmien afdat lil kull ġenerazzjoni d-depożitu tal-fidi. Don Luigi Giussani kien konvint li l-fidi hija metodu ta' konoxxenza għaliex ir-raġuni tikseb l-għarfien billi toqgħod fuq ix-xhieda. Xhieda kredibbli hija espressjoni tar-razzjonalità umana, u jkun irrazzjonali min jirrifjuta dak kollu li ma jkunx wasal għalih bir-raġuni individwali tiegħu nnifsu. Għalhekk, huwa irrazzjonali li l-Knisja Pawlina li għandha tradizzjoni responsabbli u umanament sinifikattiva, tiġi mwarrba jew injorata. Huwa irrazzjonali li pożizzjoni jew messaġġ li tagħti l-Knisja jiġi skreditat għas-sempliċi raġuni li huwa intervent tal-Knisja!

Ġesù Kristu inawgura umanità ġdida li bis-saħħa ta' Missierna San Pawl din saret parti miċ-ċiviltà tagħna l-Maltin. Għal sekli sħaħ din iċ-ċiviltà mhux biss offriet direzzjoni lil dan in-nazzjon, imma ġiet ikkonsolidata b'għażliet li għamilna, individwalment u kollettivament. Min jaf jaqra l-istorja ta' ġensna b'mod oġġettiv u ħieles minn kull preġudizzju, jikkonferma li kienu għażliet li sfaw għat-tisħiħ tal-persuna, tal-familja u tas-soċjetà u tal-ġid komuni. Kienu għażliet li swew prezz lil min ried ikun koerenti miegħu nnifsu u mal-Verità.

Kif għedt fil-bidu, l-Ewropa għaddejja minn tibdiliet kbar, mhux biss politiċi u istituzzjonali, imma wkoll f'dak li huwa t-twemmin fis-sens wiesa' tal-kelma. Illum qegħdin nistaqsu u niddubitaw minn ħafna presupposti fondanti li ħaddanna sal-lum. Fix-xefaq wieħed jilmaħ mhux biss in-nawfraġju tal-fidi Kristjana, imma wkoll tar-raġuni umana. Imma dawn nistgħu nilqgħu għalihom, jekk mhux ukoll nikkontribwixxu biex jiġu evitati, jekk aħna noffru l-kontribut tagħna biex il-kultura ta' żmienna terġa' tiddakkar bl-Evanġelju.

Għalhekk huwa urġenti illi filwaqt li nkomplu nniżżlu fil-fond l-għeruq tat-twemmin Kristjan li laqqamna bih Pawlu ta' Tarsu; filwaqt li nikkuraw b'għożża l-fedeltà tagħna lejn Kristu u lejn il-Knisja tiegħu, ma nibżgħux nidħlu fi djalogu mas-soċjetà pluralistika ta' żmienna, kemm f'pajjiżna kif ukoll 'l hinn minn xtutna, anke jekk proprju għax hija soċjetà pluralistika, hija relattivista!; ma nistrieħux mill-impenn sekulari li ħadet il-Knisja f'pajjiżna

li tkun promotriċi tal-ħsieb billi tinvesti aktar f'ċentri ta' tagħlim u ta' kultura.

Hija interessanti u evanġelika l-isfida li għandha biex nistimulaw il-ħsieb billi ndawluh bil-fidi. Dan id-djalogu bejn il-fidi u r-raġuni huwa eżerċizzju li jgħinna nikbru fl-għarfien ta' Kristu, il-*Logos* t'Alla, u nesploraw u naġġornaw l-atteġġamenti, il-lingwaġġ u l-metodi pastorali ġodda li l-Knisja f'pajjiżna għandha bżonn biex pajjiżna jibqa' ta' Pawlu – jibqa' ta' Kristu!

# OFFIŻA LID-DEĊENZA PUBBLIKA / BIDU TAR-RANDAN 2009

*Omelija ta' Mons Isqof nhar l-Għid ta' l-Irmied fil-Knisja Katidrali, Victoria, 27 ta' Frar 2009*

### Abbużi fil-Karnival

Sfortunatament din is-sena f'ċerti mumenti l-Karnival f'Għawdex kien fih imġiba, atti u manifestazzjonijiet tant baxxi u offensivi li ferew l-"orgolju" tal-poplu Għawdxi.

Huwa tal-mistħija li xi persuni biex idaħħku ħarġu fit-toroq lebsin ta' Kristu Rxoxt u oħrajn imitaw lil Kristu mdawwar bl-appostli. Huwa tal-mistħija wkoll il-fatt li diversi, bl-aġir baxx tagħhom, kasbru bil-kbir id-dinjità tal-persuna umana.

Kienu evidenti ħafna dawk l-atti u rappreżentazzjonijiet li jmorru kontra kull sens ta' "deċenza pubblika" – valur imħares b'liġijiet ċivili u normalment infurzat b'sentenzi tal-Qrati mhux biss f'pajjiżna imma wkoll f'ċivilitajiet progressivi fl-Ewropa u fl-Istati Uniti.

Hija ħasra li attività kulturali sabiħa bħalma huwa l-Karnival tiġi manipulata u mtebbgħa b'imġiba bħal din.

Din l-imġiba tikxef il-qawwa ta' l-irrazzjonalità preżenti fi żminijietna. Għax kieku l-bniedem juża r-raġuni żgur li ma jwettaqx għemejjel degradanti u juri aktar rispett lejh innifsu u lejn is-soċjetà.

Inċidenti serji bħal dawn jikkonfermaw li qed ngħixu taħt id-dittatura tar-relattiviżmu, fejn kulħadd jemmen li għaliex huwa ħieles minn kull kejl legali jew etiku, allura jista' jgħid u jagħmel li jrid, anke jekk b'dak li jgħid u jagħmel ikun jikkawża ħsara fl-oħrajn. Hija mentalità relattivista li twassal biex il-bniedem jirridikola mhux biss dak kollu li għandu x'jaqsam mas-sagru, imma wkoll li jneżża' lilu nnifsu mid-dinjità umana tiegħu.

### Ir-Randan: mixja ta' konverżjoni

F'dan il-kuntest, huwa opportun ħafna ż-żmien tar-Randan li qed tipproponi l-Knisja biex il-bniedem jagħmel konfront ma' dak li Alla qed jipproponilu u jidħol fi proċess ta' konverżjoni. Huwa meħtieġ li l-bniedem jidħol waħda fih innifsu u ma jibqax jidħak la bih innifsu u anqas bl-oħrajn.

"Jekk illum tisimgħu leħen il-Mulej, la twebbsux qalbkom" (Salm 94,8)! Ir-Randan huwa żmien ta' grazzja li matulu taslilna b'mod aktar inċisiv il-Kelma t'Alla. F'din it-tielet fażi tal-Missjoni Djoċesana, aħna s-saċerdoti rridu nimpenjaw lilna nfusna biex lilkom, il-poplu t'Alla, nagħtukom dak li hu bi dritt tagħkom: li ngħinukom tiltaqgħu ma' Kristu permezz tax-xandir tal-Kelma tiegħu. Għalhekk fir-Randan ikollna l-Eżerċizzi mqaddsa, irtiri spiritwali, mumenti ta' talb, u inizjattivi oħra.

### Talb, Sawm u Karità

Kristu fl-Evanġelju tal-lum jipproponilna t-tliet atteġġamenti klassiċi li nisimgħu dwarhom kull sena f'Ras ir-Randan: it-talb, is-sawm u l-karità.

B'talb ma nifhmux biss it-talb vokali jew it-talb liturġiku. Is-smigħ tal-Kelma t'Alla huwa talba wkoll. Li wieħed jiddjaloga m'Alla u jħalli lil Alla jiddjaloga miegħu, din tkun talba tassew elevata. Għalhekk xieraq li fil-ġimgħat li ġejjin nistaqsu u nfittxu fejn u meta qed tingħatalna l-opportunità li taslilna l-Kelma, bit-tama li din tkun esperjenza spiritwalment sinifikanti li tqanqal biex infittxu fejn nistgħu nirċievu katekeżi permanenti.

Ġesù jitkellem dwar is-sawm. Imma s-sawm ma jfissirx biss li wieħed jibqa' bi stonku vojt jew jiċċaħħad minn xi ħaġa tajba. Xi drabi huwa aktar faċli li wieħed jgħaddi jum sħiħ bla ikel milli jagħmel sforz fuqu nnifsu biex isib il-ħin u l-kalma biex joqgħod fil-preżenza ta' l-Assolut. Għalhekk, is-sagrifiċċji li nagħmlu għandhom jgħinuna niksbu aktar dak il-kontroll fuqna nfusna biex jirnexxilna nidħlu fil-preżenza t'Alla u nisimgħuh bil-qalbu.

Ir-Randan huwa żmien li matulu nagħmlu l-karità. Din il-ġenerożità għandna nuruha mhux biss ma' ħutna fil-bżonn, imma wkoll ma' Alla: inkunu ġenerużi ma' Alla meta nirriservawlu ftit mill-aħjar ħin tal-ġurnata biex inħalluh ikellimna u jurina t-tajjeb li għandna biex inkattruh u l-ħażin li hemm fina biex nikkonvertu minnu.

Inħeġġiġkom biex nitolbu flimkien lil Alla ħalli dan ir-Randan ikun verament żmien ta' tiġdid għalina. Imma dan it-tiġdid iseħħ jekk aħna nagħrfu nikkontemplaw is-sewwa li hemm f'Alla! Wieħed jittama li wara li nkunu għexna dawn l-erbgħin jum ta' intensità spiritwali, aħna mhux biss infakkru l-Għid tal-Mulej, imma niċċelebraw l-Għid tagħna – hekk ngħaddu minn din il-fażi konfuża għal fażi fejn ikun hemm aktar ordni fil-ħajja tagħna, inkluża fil-komunitajiet ekkleżjali. Amen.

**Nota tad-Direzzjoni:**
Dawn l-erba' paġni ta' Dokumentazzjoni qed jingħataw bħala żieda mar-rivista u b'rigal lill-qarrejja tagħna, fuq talba ta' ħafna, biex jiġu miġbura u konservati l-aqwa diskorsi, omeliji u ittri pastorali ta' Mons. Isqof Mario Grech. Dawn il-folji kulur safrani jistgħu faċilment jinqalgħu minn ġo nofs ir-rivista biex jiġu miġbura flimkien u llegati separatament mir-rivista.

**Dawl għall-Ħajja** — *Riflessjonijiet miġbura mill-Arċipriet C. Mercieca*

# GĦALL-VERITÀ TAR-RANDAN




## L-IMPORTANTI

Mhux kif nidhru quddiem in-nies,
iżda kif aħna tassew quddiem Alla.

## 5 X'TIFSIR GĦANDU L-IRMIED IMBIEREK?

*L-Irmied: Tisfija u Purifikazzjoni*
L-Irmied hu frott in-nar li jaħraq u jippurifika.

Kif il-weraq taż-żebbuġ tas-sena li għaddiet ġie maħruq u sar irmied, hekk fir-Randan, **insaffu lir-ruħna billi naħarqu d-dnubiet tagħna ta' l-imgħoddi bi ndiema sinċiera.**

*L-Irmied: Deterġent*
Kif f'xi pajjiżi l-irmied jintuża bħala "trab tal-ħasil" tal-ħwejjeġ, hekk bil-penitenza tar-Randan, **innaddfu qalbna minn kull vizzju.**

*L-Irmied: Fertilizzant*
Kif f'xi pajjiżi jaħarqu l-weraq u z-zkuk, u l-irmied jintuża bħala fertilizzant biex l-art tissaffa mid-dud u l-insetti, u ssir għammiela, hekk fl-irmied taċ-ċaħda u l-penitenza **mmutu għad-dnub u nqumu għall-ħajja ġdida.**

*L-Irmied: Ħarsien mill-waqgħat*
Kif f'xi pajjiżi fejn jaqa' s-silġ, jitferrex l-irmied biex in-nies ma tiżloqx, hekk iċ-ċaħda fir-Randan tħarisna biex ma naqgħux fid-dnubiet.

*(Kardinal Clemente Maurer)*

## 6 IT-TLITT ARMI TAR-RANDAN

**IT-TALB**
- nifitħu widnejna biex nisimgħu l-Kelma t'Alla.
- nerfgħu qalbna lejn Alla; "Duru lejja b'qalbkom kollha" *(Ġoel, 2:12)*. Nitolbu aħjar.

**IS-SAWM**
- nitħarrġu sabiex nikkontrollaw is-sensi tagħna bit-tgħakkis, ċaħda u sagrifiċċji.

**IL-KARITÀ**
- negħlbu l-egoiżmu tagħna billi ninfetħu u naqsmu ġidna mal-proxxmu fil-bżonn f'opri ta' karità.

TIFSIR FUQ IT-TAGĦLIM TAT-TWEMMIN NISRANI (72)



# IL-MISTERU TAL-KNISJA

KITBA TA' MONS. ISQOF EMERITU NIKOL Ġ. CAUCHI

*(IL-WIEĦED U GĦOXRIN PARTI)*

## *IL-ĦTIEĠA TAL-KNISJA GĦAS-SALVAZZJONI*

**Fil-Kredu tal-Papa Pawlu VI tat-30 ta' Ġunju 1968, insibu din l-istqarrija: "Aħna nemmnu li l-Knisja hija meħtieġa għas-salvazzjoni għax Kristu hu l-medjatur wieħed u t-triq tas-salvazzjoni, li jsir preżenti għalina fil-Ġisem Mistiku tiegħu, li hi l-Knisja. Imma l-pjan divin tas-salvazzjoni jħaddan il-bnedmin kollha; għax dawk li mingħajr ħtija tagħhom, ma jafux bil-Vanġelu ta' Kristu u bil-Knisja tiegħu imma jfittxu 'l Alla, b'qalb sinċiera u taħt l-influwenza tal-grazzja tiegħu jipprovaw iwettqu r-rieda tiegħu li huma jilmħu fil-kuxjenza tagħhom, dawn ukoll, f'għadd li Alla biss jafu, jappartjenu, għalkemm b'mod li ma jidherx, lil Poplu tiegħu u jistgħu jiksbu s-salvazzjoni ta' dejjem."**

Fil-Kostituzzjoni, "*Lumen Gentium*" (n.14), naqraw li l-Konċilju "fuq il-bażi ta' l-Iskrittura u tat-tradizzjoni, jgħallem li l-Knisja pellegrina, hija meħtieġa għas-salvazzjoni. Għaliex Kristu biss, li hu preżenti fil-ġisem tiegħu li hu l-Knisja, huwa l-medjatur u t-triq tas-salvazzjoni."

### *Neċessità ta' l-għaqda mal-Knisja*

Issa, dak li hu meħtieġ għas-salvazzjoni, jista' jkun hekk, jew "b'neċessità ta' mezz" jew "b'neċessità ta' preċett." Ngħidu li hemm neċessità ta' mezz, meta nkunu nitkellmu dwar dak li huwa mezz jew triq neċessarja għal ħajja ta' dejjem; u ma hemmx oħra flokha, jiġifieri, xi ħaġa li mingħajrha l-għan li għalih ġie maħluq il-bniedem ma jistax jinkiseb. Dan hu l-istat tal-grazzja qaddisa.

Tkun "neċessità ta' preċett," meta wieħed ikun jikser il-liġi, fil-kas li ma jwettaqx xi kundizzjoni li tkun imposta, biex dak li jagħmel isir b'mod leċitu. Iżda jekk din l-ommissjoni ma tkunx saret bi ħtija ta' l-individwu, tibqa' possibbli s-salvazzjoni tiegħu.

Tajjeb li nżommu quddiem għajnejna d-distinzjoni li nsibu fit-Teoloġija Kattolika, bejn il-ġisem tal-Knisja u r-ruħ tagħha. Il-ġisem huwa l-element viżibbli fil-Knisja, bħal ma hija l-ġemgħa ta' l-insara mseħbin fiha, mmexxijin mill-Ġerarkija tagħha. Il-"*Lumen Gentium*" (n.14) tirreferi għal dawk "li huma magħqudin fil-ġisem viżibbli tagħha, ma' Kristu - li jmexxiha permezz tal-Papa u ta' l-Isqfijiet – bir-rabtiet ta' l-istqarrija tal-fidi, tas-sagramenti, tat-tmexxija ekkleżjastika u tal-komunjoni ekkleżjali."

**Ir-ruħ tal-Knisja huwa l-element spiritwali u inviżibbli fil-Knisja, jew ir-realtà interna tagħha li tikkonsisti fil-grazzja abitwali flimkien mad-doni sopranaturali li jiksbu dawk li huma mseħbin fiha.**

Meta niġu biex nitkellmu dwar it-tisħib li jista' jkollhom il-bnedmin mal-Knisja, ngħidu li:

(a) **jappartjieni lir-ruħ tal-Knisja, kull min ikun jgħix fl-istat tal-grazzja, sewwa jekk hu kattoliku, kif ukoll jekk ma jkunx. Mill-banda l-oħra mhux maqgħud mar-ruħ tal-Knisja, min ikun fl-istat tad-dnub il-mejjet.** Għalhekk anki n-nisrani li jinsab f'dan l-istat, ikun mifrud mir-ruħ tal-Knisja, għad li jibqa' fil-ġisem tagħha, sakemm jibqa' marbut għall-inqas bil-fidi u bit-tama nisranija, ma' Kristu u mal-Ġisem Mistiku tiegħu.

(b) L-għaqda mal-Ġisem tal-Knisja tista' tkun realment eżistenti "*in re*" jew bix-xewqa biss "*in voto*." **Huma msieħbin realment mal-ġisem tal-Knisja, dawk li ma humiex mifrudin mill-komunjoni kattolika, jiġifieri dawk li huma mgħammdin u jaċċettaw it-tagħlim u t-tmexxija ta' l-awtorità tal-Knisja.** Huma msieħbin bix-xewqa "*in voto*" fil-ġisem tal-Knisja, dawk li ma humiex mgħammdin, u għad li ma humiex fil-komunjoni kattolika, iżda jixtiequ sinċerament li jkunu fiha. Din ix-xewqa tista' tkun espliċita, bħal ma hija dik tal-katekumeni, li jafu sewwa x'qegħdin jitlobu mill-Knisja; jew inkella "impliċita," li għandhom dawk, li għad li għadhom ma għarfux il-Knisja ta' Kristu iżda huma lesti li jagħmlu dak kollu li Alla jrid minnhom biex jiksbu s-salvazzjoni. Nies bħal dawn, hemm min isejħilhom "insara anonimi."

### *Ix-xhieda tal-Kotba Mqaddsa*

Fil-kotba tar-Rabta l-Ġdida għandna xhieda tal-ħtieġa tal-għaqda mal-Knisja biex wieħed jikseb is-salvazzjoni:

(a) **Kristu qal lill-appostli tiegħu, meta bagħthom jippritkaw fid-dinja kollha; "Min jemmen u jitgħammed isalva, min ma jemminx ikun ikkundannat" (*Mk* 16,15). B'dan il-kliem Kristu fisser biċ-ċar ir-rieda tiegħu, li jiksbu s-salvazzjoni eterna, dawk biss li jaċċettaw it-tagħlim li twasslilhom il-Knisja, u jidħlu fiha billi jieħdu l-Magħmudija.**

Kristu kien qed jirreferixxi għall-magħmudija meta qal lil Nikodemu; "Tassew, tassew, ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla" (*Ġw* 3,5). Dan ifisser li l-magħmudija hija kundizzjoni neċessarja biex wieħed jidħol fis-Saltna fejn isib il-ħelsien, iżda min jieħu l-magħmudija jsir membru tal-Knisja u jingħaqad magħha. Għalhekk, l-għaqda mal-Knisja li ssir permezz tal-Magħmudija, hija meħtieġa għas-salvazzjoni, b'neċessità ta' mezz.

(b) **San Pietru, quddiem is-Sinedriju stqarr li Kristu biss**

**jista' jkun hemm is-salvazzjoni: "F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema, ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin, li bih għandna nkunu salvi" (*Atti* 4,12).** Lil dawk li kkonvertew wara l-ewwel prietka tiegħu, meta staqsewh: "L-aħwa x'għandna nagħmlu aħna?" Pietru weġibhom: 'Indmu u jitgħammed kull wieħed minnkom, fl-isem ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra ta' dnubietkom" (*Atti* 2,37-38), imbagħad ħafna tgħammdu u b'hekk daħlu fil-Knisja (*Atti* 2,41).

*X'għandna nemmnu dwar is-Salvazzjoni Eterna*

Huma veritajiet tal-fidi kattolika, li:

(i) San Pawl fl-ewwel ittra tiegħu lil Timotju: **"Alla jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità" (*I Tim* 2,4).**

(ii) Alla ma jiċħad lil ħadd il-grazzji tiegħu, li huma meħtieġa biex il-bniedem jkun jista' jsalva; **"Il-Providenza ta' Alla lanqas tiċħad l-għajnuna meħtieġa għas-salvazzjoni lil dawk li bla ħtija tagħhom għadhom ma waslux għall-għarfien veru u ċar ta' Alla iżda jagħmlu ħilithom,** mhux mingħajr il-grazzja ta' Alla, li jgħaddu ħajja tajba" (*Lumen Gentium*, n.16).

(iii) Kristu miet għall-bnedmin kollha u offra l-prezz tad-demm imqaddes tiegħu għal fidwa ta' kull bniedem. "Billi Kristu miet għal kulħadd, u billi s-sejħa aħħarija tal-bnedmin fil-fatt hija waħda biss, jiġifieri dik ta' Alla, **għandna nżommu li l-Ispirtu s-Santu joffri lil kulħadd il-possibbiltà li, bil-manjiera magħrufa lil Alla, jingħaqad ma' dan il-misteru ta' l-Għid**" (*Gaudium et Spes*, 22).

(iv) Il-Knisja mwaqqfa minn Kristu hija kattolika, jiġifieri miftuħa għal kulħadd għax Huwa riedha tkun sagrament ta' salvazzjoni universali; "Meta qam mill-imwiet bagħat fuq id-dixxipli tiegħu l-Ispirtu tiegħu li jagħti l-ħajja u li bih bena l-Ġisem tiegħu, jiġifieri **l-Knisja, bħala s-sagrament tas-salvazzjoni għal kulħadd**" (*Lumen Gentium*, n.48).

*Barra mill-Knisja ma hemmx Salvazzjoni*

*"Extra Ecclesia nulla salus"*

Oriġene u San Ċiprijanu martri ta' Kartaġni, kienu minn ta' l-ewwel li wżaw din il-formula, *"extra Ecclesia, nulla salus"* (barra mill-Knisja, ma hemmx salvazzjoni." Iżda dan il-kliem ma jfissirx il-kundanna tat-telfien ta' dejjem għal dawk kollha li huma barra mill-Knisja.

**L-assjoma *"extra Ecclesia, nulla salus"*, għandha tiftiehem, qabel kollox, fis-sens, li ma jistax isalva min b'għajnejh miftuħa jabbanduna l-Knisja wara li jkun diġà sar membru tagħha.** Difatti l-Konċilju jgħid b'mod kategoriku: "Għalhekk ma jistgħux isalvaw dawk il-bnedmin li għalkemm jafu li Alla, permezz ta' Kristu, waqqaf il-Knisja Kattolika, bħala neċessarja, ma jridux jidħlu fiha jew jipperseveraw fiha" (*Lumen Gentium*, n.14).

Rigward dawk li twieldu u għadhom jgħixu barra mill-Knisja Kattolika dik l-assjoma tista' tfisser ukoll, li mingħajr ċerta rabta mal-Knisja, anki jekk ma tkunx konxja, ma jistgħux isalvaw. Imma aħna nafu, li jista' jkollhom rabta bħal din mal-Knisja, dawk kollha li mqanqlin mill-grazzja li ġejja minn Alla, għandhom xewqa anki jekk forsi ma jafux biha, li jingħaqdu ma' Kristu, permezz ta' l'hekk imsejħa "magħmudija tax-xewqa," saħansitra jekk din tkun impliċita, u tikkonsisti sempliċement fir-rieda tagħhom, li jagħmlu dak kollu li Alla jrid minnhom.

**B'dan il-mod, il-bnedmin kollha għandhom il-possibbiltà, li jkollhom kuntatt, anki jekk żgħir ħafna, ma' Kristu u mal-Knisja tiegħu.** Għalhekk, il-Konċilju Vatikan II fil *"Lumen Gentium*, n.16) jassigurana, li "Alla nnifsu mhux il-bogħod minn dawk li jfittxu permezz ta' dellijiet u ta' xbiehat, xi Alla mhux magħruf, għaliex Huwa jagħti lil kulħadd il-ħajja, in-nifs u kollox (*Atti* 17, 25-28), u bħala Salvatur irid li l-bnedmin kollha jsalvaw" (*I Tim* 2,4).

Il-Gwida għad-djalogu inter-reliġjuż maħruġa fil-21 ta' Settembru 1967 mis-Segretarjat tal-Vatikan għal dawk li ma humiex insara tfakkarna li **"Jistgħu jaslu għas-salvazzjoni, anki dawk li mingħajr ebda ħtija tagħhom, ma jafux bil-vanġelu ta' Kristu u bil-Knisja, iżda sinċerament ifittxu lil Alla u huma mmexxija bil-grazzja".**

*Il-Ħidma Missjunarja tal-Knisja*

Il-Konċilju Vatikan II fil-kostituzzjoni *"Lumen Gentium,"* (n.16) jgħallem li "Il-Knisja biex iġġib 'l quddiem il-glorja ta' Alla u s-salvazzjoni tal-bnedmin kollha, waqt li tiftakar fil-kmand ta' Kristu li jgħid 'Xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu' tieħu ħsieb li tmexxi 'l quddiem b'ħerqa l-missjonijiet".

Fid-Digriet *"Ad Gentes"* (n.6) insibu, ""Missjonijiet' huwa l-isem li komunement jingħata lil dawk l-inizjattivi tal-ħabbara ta' l-Evanġelju li jintbagħtu mill-Knisja mad-dinja kollha bid-dmir li jxandru l-Evanġelju u jwaqqfu l-Knisja stess fost il-ġnus u l-ġemgħat li għadhom ma jagħrfux lil Kristu".

Kif jinnota *l-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika* (n.848-849) **huwa dmir (essenzjali) tal-Knisja u fl-istess ħin wkoll dritt sagrosant tagħha, li tevanġelizza lil bnedmin kollha.** Din il-ħidma tal-Knisja, Kristu wera l-ħtieġa tagħha, meta kkmanda lill-Appostli: "Morru mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien" (Mt 28,19); "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu" (Mk. 16,15).

Kif jgħidilna l-Papa Piju XI, fl-enċiklika *"Rerum Ecclesiae"* tat-28 ta' Frar 1926 "Il-Knisja ma ġietx imwaqqfa għal għan ieħor ħlief biex filwaqt li twessgħa s-saltna ta' Kristu tagħti sehem lill-bnedmin kollha mill-frott tal-fidwa."

**Hija responsabbiltà tal-membri kollha tal-Knisja Kattolika, kull wieħed skont il-post li jokkupa, li jinteressaw ruħhom mix-xogħol tat-tixrid ta' l-Evanġelju li jsir fil-missjonijiet.** Animati mill-imħabba lejn Alla, u lejn għajrhom, il-kattoliċi għandhom iħossu d-dmir, li jħabirku sabiex id-don tal-fidi li rċivew huma, jitwassal ukoll lill-bnedmin l-oħra, u b'hekk tinfetaħ għalihom it-triq li twassal għall-hena ta' dejjem. Mela, l-insara għandhom jgħinu lill-missjonijiet bit-talb, bis-sagrifiċċji li joffru għalihom u billi juru ġenerożità magħhom.

Fost l-għajnuniet ta' kull għamla li jingħataw lill-missjonijiet, lill-Opri Missjunarji Pontifiċji, "jistħoqq l-ewwel post, għaliex huma l-mezz kemm biex jimlew il-fidili, sa mindu jkunu tfal, bi spirtu tassew universali u missjunarju, kemm biex jiġbru b'mod sewwa, l-fondi li jmorru għall-ġid tal-missjonijiet kollha, u jitqassmu skont il-ħtieġa ta' kull waħda (*Ad Gentes*, n. 38).

**Il-Konċilju Vatikan II, fid-digriet *"Nostra Aetate"* (n. 2) jgħid "Il-Knisja tħabbar, anzi hija fid-dmir li tħabbar bla waqfien, lil Kristu li hu 'it-triq, il-verità u l-ħajja" (*Ġw* 14,16) li fih il-bnedmin isibu l-milja tal-ħajja reliġjuża u li fih Alla reġa' ħabbeb kollox mill-ġdid miegħu nnifsu. "Il-Knisja tixtieq li l-bnedmin kollha jsibu dik it-triq u jimxu fiha".**

Il-Konċilju Vatikan II, għalhekk jenfasizza d-dmir universali ta' l-insara kollha li jieħdu sehem fl-attività missjunarja tal-Knisja. **Biex inkunu nixbħu verament lil Kristu, mhux biżżejjed insieħbuh fil-qima u l-ubbidjenza filjali lejn il-Missier, iżda wkoll li ningħaqdu miegħu fil-missjoni tiegħu li ssalva d-dinja.**

*(jissokta)*

**FOLKLOR GĦAWDXI**

***Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...***

drawwiet missirijietna

© Anton F. Attard



# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(It-Tmintax-il Parti )*

## *FRAN U ĦOBŻ*

### 1. Ħjiel mill-Imgħoddi

***Fran fil-Gran Kastell***

Fejn inbena l-ewwel forn f'Għawdex ma nistgħux ngħidu. Imma fil-Gran Kastell kien hemm il-fran ukoll minkejja ċ-ċokon tiegħu. Infatti nsibu li fis-seklu 16 kienet inqalgħet tilwima għax xi ħadd beda jibni forn qrib ħafna tat-tieqa ta' wieħed mill-ġirien. Dan ipprotesta ma' l-awtoritajiet għax id-duħħan kien se jidħollu fid-dar. Liġi miktuba ma kienx hemm. Ikkonsultaw il-bandi u ssejjaħ ukoll Andrea de Santoro biex jixhed x'kienet il-konswetudni jew id-drawwa f'każijiet bħal dan. U de Santoro xehed li l-forn irid ikun tlett ixbar imbiegħed mill-ħajt diviżorju. Din il-konswetudni kellha s-saħħa ta' liġi u għalhekk minn dak in-nhar 'il quddiem saret regolament.[1]

***Żewġ Kwalitajiet ta' Ħobż***

Skond Bandu tal-10 ta' Ottubru, 1586, dak iż-żmien kien hemm żewġ kwalitajiet ta' ħobż. Kien hemm il-ħobż tal-qamħ, li kien jiżen tlettax-il uqija (26.46 grammi jew kemm kemm aktar minn kwart u nofs), u ħobż tal-maħlut, tal-qamħ u tax-xgħir, ta' lewn kannella ċar. Dan kien jiżen ħmistax-il uqija (0.397 ta' kilogramm jew man-nofs artal). Dawn iż-żewġ tipi ta' ħobż kienu jinbiegħu l-istess, żewġ grani jew ħabbtejn, meta l-paga kienet 40 ħabba (3 soldi u 4 ħabbiet jew 3.3 ewroċenteżmi) kull jum. Minbarra li kien ikun nieqes mill-piż, dak iż-żmien il-ħobż mhux dejjem kien ikun imsajjar sewwa, għandu mnejn minħabba nuqqas ta' ħatab għalkemm id-dokument ma jgħidx għaliex.[2]

***Il-Furnar Jacobo Greco***

Fis-sena 1592 insibu furnar imsemmi b'ismu, ċertu Jacobo Greco (Ġakobb Grech jew Ġakbu Grech). Dan kien għamel offerta lill-*Universitas* ta' Għawdex, li kienet il-Gvern Lokali tal-gżira. Dan offra li jkabbar il-ħobż b'uqija u jagħmel ħobż ta' tlettax-il uqija (mela kien ċkien!), imsajjar sewwa u jibqa' jbigħu bil-prezz ta' qabel, basta l-*Universitas* toffrilu modd *(salma)* qamħ fi dqiq kull jum. Il-ħatab u l-injam kien se jagħmel tajjeb għalihom hu. Il-ġurati laqgħu l-offerta. Milli jidher dan Jacobo Greco kellu forn kbir mhux ħażin għalkemm id-dokument ma jsemmi xejn.[3]

***Ħobż b'Ilma Pur***

Minħabba n-natura tax-xogħol jidher li fis-seklu 16 l-akbar għadd ta' fran kienu jinsabu r-Rabat. Iżda milli jidher xi ħadd kien qiegħed jinqeda bl-ilma tal-bjar b'abbuż għax l-ilma tal-bjar jista' jkun ikkontaminat u mniġġes. Ħobż magħġun b'dan l-ilma seta' jkun ta' periklu għas-saħħa tal-poplu. L-akkattapani kienu dejjem għassa għall-kwalità ta' ikel li jinbiegħ għal dawk li huma piż, kwalità u prezz. Għalhekk, fis-6 ta' Settembru, 1592, ħareġ bandu biex ħadd ma juża iżjed ilma tal-bjar għall-għagna tal-ħobż, imma dan l-ilma kellhom imorru jġibuh mill-Għajn il-Kbira fit-truf tar-Rabat, kif nafu, fit-triq li tieħu għax-Xlendi.[4]

***Il-Gran Kastell: il-Belt, iċ-Ċentru Abitat tal-Gżira Għawdxija***

Fis-seklu 16 u 17 il-Gran Kastell, magħruf bħala "Il-Belt" kien għadu ċ-ċentru abitat tal-gżira Għawdxija. Għalhekk il-furnara kienu jfittxu li jmorru jbigħu l-ħobż hemmhekk, għax hemm kienet toqgħod il-maġġoranza tal-popolazzjoni. Dan seta' ħoloq iffullar żejjed u kwistjonijiet bla bżonn. Għalhekk l-akkattapani riedu li jirregulaw din il-ħaġa wkoll. Għalhekk, f'Settembru, 1698, ħareġ bandu biex il-panettieri (dawk li jbigħu l-ħobż) imorru jbigħu l-ħobż hemmhekk meta jmisshom biss u hekk il-bejgħ tal-ħobż fil-Kastell ġie rregulat.[5]

***Iżjed Ismijiet ta' Furnara***

Minn dokument iffirmat fis-sena 1703 insiru nafu b'ħames furnara oħra li kienu jaħdmu f'Għawdex dik il-ħabta tal-bidu tas-seklu 18. Dawn kienu Ġużeppi Cumbo, Marija Sultana, Maruzza Farrugia, Ambroġ Vella u Mikiel Borg.

Skont dan id-dokument, dawn il-furnara, li kien irranġa magħhom Vittorio Grech, wieħed mis-servi tal-Palazz tal-Gvernatur, kellhom jipprovdu l-ħobż għall-*Piazza d'Armi* jew il-gwarniġjon ta' suldati li kienu jieħdu ħsieb id-difiża ta' Għawdex taħt dawn il-kondizzjonijiet:



1. Iridu jipprovdu l-ħobż kull jum, Ħdud u festi inklużi.
2. Iridu jaħdmu ħobż tal-qamħ.
3. Kull ħobża trid tkun tiżen tlettax-il uqija.
4. Il-ħobż irid ikun magħġun tajjeb u moħmi sewwa bħal dik il-ħobża li kienet saret mill-furnara fil-preżenza ta' l-akkattapani, l-uffiċjal responsabbli mill-kwalità ta' l-ikel u mill-indafa fis-suq.
5. Min se jintrabat li jagħmel il-ħobż lill-*Piazza* u mbagħad jonqos li jagħmel hekk, jeħel multa ta' ħmistax-ir rbiegħi (2s jew 10c jew 25 ewroċenteżmu) li kellha tittieħed kollha mill-*Universitas*.

Il-prezz tal-ħobż ma jidhirx għax dan kellu jkun dak li kien fis-seħħ dik il-ħabta.[6]

### *Mill-Qamħ u x-Xgħir sal-Ħobż*

Mid-dokumenti miktuba fil-15 u fis-26 ta' Ottubru, 1703, insiru nafu minfejn u kif kien jasal il-ħobż għand il-poplu Għawdxi ta' dak iż-żmien.

Il-qamħ, ix-xgħir u l-maħlut kien jiġi impurtat mill-Gvern. L-*Universitas* jew Gvern Lokali ta' Għawdex kienet tixtri kemm ikollha bżonn għall-popolazzjoni Għawdxija, u taħżnu fl-imħażen u l-fosos li kien hemm fil-Gran Kastell.

Il-qamħ kien imbagħad jinbiegħ bl-offerta lil min joffri l-iżjed biex hekk il-flus żejda li ddaħħal l-*Universitas* jitqiesu bħala taxxa (imsejħa *Il Bollo*) għat-tiswijiet tas-swar u l-ħlas tan-nies tad-Dejma.

Min jixtri l-qamħ imbagħad kien ibigħu lill-furnara, li l-ewwel kienu jitħnuh għand it-taħħan, imbagħad igħarbluh u jagħmluh dqiq u maħlut għall-ħobż.

Meta nkitbu d-dokumenti li semmejna jidher li l-offerta li kienet saret kienet baxxa wisq. Għalhekk, fl-ittra tiegħu tas-26 ta' Ottubru, 1703, is-Siniskalk (is-Siniskalk kien il-Kavalier li kien jikkmanda s-suldati) qal lill-*Universitas* ta' Għawdex biex joħorġu sejħa oħra għall-offerti li kellha titħabbar fil-Knisja Kolleġġjata ta' Għawdex, il-Matriċi, fil-Gran Kastell, u fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ tar-Rabat. Mill-fatt li s-sejħa saret ukoll fil-knisja ta' San Ġorġ tar-Rabat, jidher li l-biża' mit-Torok kien naqas sew u n-nies kienu diġà bdew joqogħdu fi djar ikbar fis-subborg taċ-Ċittadella.[7]

### *Il-Ħobż fost il-Klassijiet Soċjali u fil-Furmarija*

Għal skopijiet ta' kompletezza ngħidu xi ħaġa fuq kif kien jitqassam il-ħobż fost il-klassijiet soċjali u fl-Isptar ta' l-Ordni tal-Kavalieri, imsejjaħ il-Furmarija, jiġifieri s-*Sacra Infirmeria,* l-Belt Valletta, llum Dar il-Mediterran.

Mela, dari kien hawn ***ħobż abjad*** għall-klassijiet il-għolja u fl-Infirmerija ta' l-Ordni lill-Kavalieri kienu jagħtuhom minn dan il-ħobż abjad.

Kien hawn ***ħobż inqas abjad*** għall-klassijiet tan-nofs. Mela lill-ħaddiema u lill-manwala kienu jagħtuhom minn dan il-ħobż, ***ħobż tal-ħaddiema***.

Kien hawn ukoll ***ħobż tal-maħlut***, magħruf ukoll bħala ***ħobż ismar***, għall-klassijiet il-baxxi. Lill-ħabsin u lill-ilsiera kienu jagħtuhom minn dan il-ħobż tal-maħlut.

Mela dari l-ħobż kien għelm tal-klassi soċjali. Minn hekk tnisslet il-mistoqsija: Dak x'ħobż jiekol? Jiġifieri, dak ta' liema klassi hu? Dak x'kostumi għandu?

### *Ħobż ta' l-Oħxon*

Kien hemm ukoll dari ħobż imsejjaħ ***ħobż ta' l-oħxon*** li x'aktarx kien ikun fih ingredjenti oħra estranji għal kollox għad-dqiq tal-qamħ u tal-maħlut. Jista' jkun li kien xi tip ta' ħobż għal meta kien jaqa' l-ġuħ. Imma dwar dan il-ħobż ħadd m'għaraf ighidli xejn.

*(Jissokta)*

[1] Rev. Joseph Bezzina, "Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 5. Regolament għall-bini tal-fran. (1575)" Il-*Ħajja f'Għawdex*, Mejju-Ġunju, 1992, p. 12.

[2] Idem, "Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 7. Ħobż taħt il-piż u kwalità fqira". *Il-Ħajja f'Għawdex,* Awwissu Settembru, 1992, p. 12.

[3] Idem, "Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 10. Offerta ta' Ħobż għall-Fqar 1592". *Il-Ħajja f'Għawdex,* Diċembru 1592.

[4] Idem, "Għawdex Erba' Mit Sena Ilu. Ħobż b'Ilma Pur." *Il-Ħajja f'Għawdex*, Jannar, 1996, p. 16.

[5] Idem. "Għawdex Erba' Mit Sena Ilu. Il-Bejgħ tal-Ħobż fiċ-Ċittadella." *Il-Ħajja f'Għawdex*, Ottubru, 1998, p. 8.

[6] Idem. "Mill-Arkivju Nazzjonali - 112. Proviżjon ta' Ħobż lill-Pjazza." *Il-Ħajja f'Għawdex*. Frar, 2003, p. 23.

[7] Idem. "Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 119. Il-*Bollo* fuq il-Ħobż." *Il-Ħajja f'Għawdex,* Novembru, 2003, p. 23.

Kummentarju (3)

# L-Ismijiet skont il-moda... Għax aħna moderni jew għax..?



kitba ta' MARĊELL MIZZI

Sas-sena 1932 l-ismijiet tal-magħmudija kienu jkunu rreġistrati u mdaħħlin fir-Reġistru Pubbliku jew bit-Taljan (il-biċċa l-kbira) jew bl-Ingliż. Minn dik is-sena bdew jinkitbu jew bl-Ingliż jew bil-Malti. It-Taljan kien jintuża wkoll fil-Qrati sewwa fil-kawżi ċivili jew kummerċjali kif ukoll fil-kawżi kriminali. Ix-xhieda kienu jixhdu bil-Malti (jew fil-każ tal-barranin bil-lingwa tagħhom) u meta meħtieġ bl-interpretu) imma kienu miktubin fil-proċess bit-Taljan.

L-ismijiet kienu jkunu tal-qaddisin l-aktar magħrufin u vvenerati fl-inħawi fejn kienu joqogħdu l-ġenituri. Biex insemmu xi eżempji: fix-Xewkija ma kontx issib familja li fiha ma jkunx hemm Giovanni jew Giovanna (bit-Taljan l-ortografija). Ir-Rabat l-aktar ismijiet li kont issib, barra Maria u Giuseppe li kienu l-iżjed komuni f'Malta u Għawdex, kienu Antonio u Francesco (venerati l-iżjed minnies li jmorru l-knisja tal-Patrijiet Franġiskani li għandna r-Rabat), Giorgio u Giorgia mħabba l-parruċċani tal-knisja ta' San Ġorġ.



Dawk il-ġenituri li kienu jiffrekwentaw il-knisja tal-Patrijiet Agostinjani ma tantx kienu jsemmu lis-subien tagħhom Agostino, imma lis-subien kienu jsemmuhom Nicola, għax kien hawn devozzjoni kbira lil San Nikola ta' Tolentino. Fil-parroċċa tax-Xagħra għandna ħafna Vittorio u Maria Vittoria (dari hekk kienu mdaħħlin fir-Reġistru Pubbliku) – illum Victor u Vicky. In-Nadur hemm ħafna rġiel u subien Pietru Pawl, Peter Paul, Peter, u Paul. F'Ta' Kerċem hemm ħafna Girgor u Gregory; fil-parroċċa ta' San Lawrenz hemm Wenzu, Wenza, Lorry, Lawrenz.

Barra dawn li semmejt s'issa kien hawn ukoll ismijiet inqas komuni. Nibda b'ismi. Fir-Rabat kienu jingħaddu fuq id waħda l-"marċellijiet". Kien hawn familja li kienu jsibuha "Ta' Marċell" – l-isem sar laqam. Kien hawn familja bil-laqam "Ta' Munda", kellha nanna, bużnanna jisimha Rajmonda. Familja oħra "Ta' Dijonora". Dan l-isem kien hekk? Forsi kien Eleonora, ma nafx. Niftakar ħajjat li kellu l-ħanut (xi sebgħin sena ilu) fi Triq Arċipriet Cassar, qrib fejn tibda Pjazza Santa Sabina, fir-Rabat. Hu u ħutu kellhom il-laqam "Ta' Fissa" għax ommhom jew antenata tagħhom kien jisimha Kurċifissa. Hekk ukoll, il-familja ta' Ettore saret 't'Ettru".

Dari kien hawn devozzjoni għall-"korpi santi" li nsibu f'xi knejjes – fdalijiet ta' martri ta' żmien il-persekuzzjonijiet mill-imperaturi ta' Ruma, minn Neruni sa Dijoklezjanu li kienu midfunin ġol-katakombi: Koronato (Kurun), Fortunato (Fortun), Onorato, Anastasia, Filomena (Fiela). Hemm oħrajn? Hemm ukoll Eucaristico/a (Karistu, Karista).

**Dawn l-ismijiet ta' qaddisin issa għall-Maltin u l-Għawdxin m'għadhomx "sbieħ". Qed tinqata' d-drawwa li nsemmu lil uliedna għan-nanniet jew għal xi ziju / zija li jkunu mietu. Issa daħħalna l-ismijiet tal-*filmstars* Amerikani li ħafna minnhom anqas ikun l-isem propju tagħhom. Kontu tafu li l-attur famuż tal-*Westerns*, John Wayne, dan ismu kien biss *stage name*? Ismu propju kien Marion Morrison (1901 – 1979). Imma issa għandna tfal jisimhom Wayne. Għandna Darren, Clint, Shawn, Ivy, Chloe, Brandon, Bradley.**

Għandna wkoll ismijiet ta' qaddisin imma b'lingwi barranin. Min semma "Shawn" kien jaf li bl-ilsien Irlandiż l-isem "Ġanni" jinqara Xôn imma jinkiteb "Sean"? Għandna mill-Ispanjol "Juanito" u "Anita" (Ġanninu u Annina), Annozzi (kif kienu jgħidu dari, imqassra tiġi



"Nozzi"). **Hekk sirna internazzjonali mhux Maltin u Għawdxin. Tlifna karatteristika, waħda li kienet tagħmilna Maltin u tiddistingwina. Jalla ma nitilfux ukoll ir-Reliġjon Nisranija.**

It-Taljani għandhom ismijiet ta' qaddisin: Giovanni, Luca, Gian-Luca, Marco, Pietro, Piero, Paolo, Massimo, Ferdinando, Elena, Alessia, Rita, Giovanna, Anna u oħrajn, kollha għall-qaddisin.

Ir-Russi kollha jsemmu'l uliedhom għall-qaddisin tal-Kalendarju Ortodoss. Wara r-Rivoluzzjoni Komunista tal-1917 kien hemm min ried isemmi 'l uliedu b'ismijiet meħudin mix-xjenza u t-teknoloġija. Imma l-kapijiet, ukoll dawk l-iżjed atej ħorox, baqgħu bid-drawwa reliġjuża l-antika. L-ismijiet l-iżjed komuni huma: Ivan (Ġanni), Vladimir, Aleksej, Aleksander, Andrej, Anton, Anna, (Anita), Bogdàn, Vasilij (Bażilju), Pável (Pawlu), Pëtr (tinqara Pjotr – Pietru), Sofija (li d-diminuttiv hu "Sonja"), Olegu Olga ... u oħrajn.

L-ismijiet ta' l-Ingliżi l-iżjed komuni huma : John, Jane, Thomas / Tom, Tony, William (Willy, Bill), Richard, Henry, Albert u oħrajn – kollha antiki.

**Avolja ma tantx baqgħalhom rabta kattolika jew anglikana, il-ġenituri Ingliżi ma jivvintawx ismijiet strambi għal uliedhom.**

**Aħna l-Maltin post-moderni nafu iżjed minn kulħadd!!!**

**Varjazzjonijiet ta' ismijiet komuni f'Malta u Għawdex:**

Ġiużeppi (Ġużepp, Żeppi, Joseph, Joe, Josef)
Maria (Mary, Miriam, Mariam)
Ġiovanni (Ġovan, John, Jean, Ian, Jan)
Antonio (Anthony, Anton, Tony, Toni, Ninu, Antoine, Tonio)
Michele (Michael, Mike, Kelinu, Kieli, Kejli)
Michelangelo (Kalanġ)
Francesco (Francis, France, Francois, Frank, Ċikku, Kikku)
Francesca (Franca, Ċikka, Kikka, Franny)
Paolo (Paul, Pawlinu, Polly, Pauline)
Pietro (Peter, Pier, Pete)
Tommaso (Thomas, Tommy, Majsi)
Giacomo (James, Jack, Ġakbu, Jacob)
Giorgio (George, Ġorġi, Juri)
Lorenzo (Lawrence, Wenzu, Enzo, Renzo, Lorrie)
Vincenzo (Vincent, Vince, Ċensu)
Marianna (Mary Anne, Mananni, Mirianne)
Bartolomeo (Bart, Bertu)
Gregorio (Gregory, Gregor, Girgor, Gori)
Nicola (Nicholas, Niccolò, Nick, Koli, Kolinu)
Andrea (Andrew, Andy, Indri, Indrija)
Raimondu (Raymond, Ray, Mondu)


# Alex Saliba
## I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo   Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

# Titwaqqaf il-"Fundazzjoni Mons. Isqof Nikol Cauchi"

Il-Ħadd, l-1 ta' Marzu, il-Knisja f'Għawdex iltaqgħet fil-Katidral madwar l-E.T. Mons. Nikol Cauchi, Isqof Emeritus t'Għawdex, biex tiċċelebra quddiesa ta' radd il-ħajr peress li l-Isqof Cauchi għalaq 80 sena. Flimkien mal-Isqof Cauchi kkonċelebraw l-Isqof t'Għawdex Mons. Mario Grech, l-Arċisqof Emeritus Ġużeppi Mercieca u numru sabiħ ta' saċerdoti u reliġjużi.

***Digriet ta' Mons. Isqof Mario Grech, għall-Grazzja t'Alla u tas-Sede Apostolika, Isqof t'Għawdex***

Dak kollu li jagħmel parti mill-ħajja tal-bniedem u tas-soċjetà jifforma l-kultura. Huwa għalhekk li l-Knisja temmen fid-djalogu bejn il-fidi u l-kultura, għax permezz ta' dan id-djalogu, l-Evanġelju jdawwal ir-realtà umana kollha. Fejn il-kultura tibqa' miftuma mill-Evanġelju, tkun kultura nieqsa; u fejn il-fidi ma ssirx kultura, tkun għadha fidi mhix milqugħa għal kollox, mhux maħsuba u mhux mgħixa b'fedeltà.







*Mons. Tarcisio Camilleri, f'isem il-Kulleġġ tal-Kappillani, jippreżenta 2000Ewro bħala l-ewwel donazzjoni għall-Fondazzjoni.*

Huwa fatt magħruf li l-E.T. Mons Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi matul ħajtu, imma partikularment matul l-episkopat tiegħu offra kontribut kbir biex iseħħ dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura. Il-formazzjoni li huwa kiseb fil-filosofija, fit-teoloġija u fis-soċjologija, l-interessi wiesgħin li dejjem wera f'suġġetti varji, bħalma huma l-letteratura, l-arti u l-politika, imma fuq kollox il-ħajja interjuri ta' l-ispirtu, għenuh biex bil-kelma, bil-kitba u b'inizjattivi pastorali huwa mhux biss irnexxielu jippromovi dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura, imma ħajjar ħafna oħrajn biex jieħdu sehem f'dan id-djalogu.

Konxji li kull ma jmur dan id-djalogu qed isir dejjem aktar meħtieg biex il-bniedem ikun jista' jaffronta sfidi ġodda, kemm biex il-patrimonju teoloġiku, storiku u letterarju ta' Mons Cauchi jibqa' riżorsa ta' tagħlim, kif ukoll biex fuq l-ispirazzjoni ta' Mons Cauchi l-Knisja lokali tibqa' mpenjata f'dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura, qed inwaqqaf il-"**Fondazzjoni MONS ISQOF NIKOL CAUCHI**" biex iżżomm ħajja t-tifkira ta' l-Isqof Cauchi, kif ukoll biex permezz ta' inizjattivi soċjo-kulturali u reliġjużi tippromovi dan id-djalogu bejn il-fidi u l-kultura. Napprova wkoll Statut li fuqu għandha titmexxa din il-Fondazzjoni.

Dan l-att qed issir b'turija ta' gratitudni, rispett u mħabba lejn l-Isqof Nikol Cauchi li llum qed jiċċelebra t-80 sena tiegħu.

*Mogħti u ppubblikat illum, 1 ta' Marzu 2009, fil-Katidral tad-Djoċesi*

\+ Mario Grech
Isqof t'Għawdex

KOTBA
minn Għawdex

# ŻEWĠ KOTBA GĦAT-TFAL FIS-SENA PAWLINA

*Ippubblikati mil-'Lumen Christi Publications' u l-Kummissjoni Kateketika ta' Għawdex; Gozo Press, 2009.*




**Fl-okkażjoni tas-Sena Pawlina għadhom kemm ħarġu żewġ 'workbooks' tassew ħelwin għat-tfal tagħna li bla dubju jissuktaw jagħtu lit-tfal iktar tagħrif dwar l-Appostlu tal-Ġnus imma b'mod tassew ħafif.** Dawn issibuhom għal bejgħ mil-*Lumen Christi Media Centre* ta' Triq Fortunato Mizzi Victoria. Fil-fatt wieħed minn dawn il-kotba huwa maħruġ minn *Lumen Christi Publications*. Għandu kitba ta' Dun Ġwann Sultana u disinji ta' Franca Vitali u edittjar minn Dun Anton Sultana. Dan huwa **ktieb ta' tpinġija għat-tfal żgħar bl-isem ta' "Il-Vjaġġatur ta' Ġesù - Pawlu"** u huwa ssettjat u stampat f'Għawdex stess għand il-*Gozo Press* t'Għajnsielem. Jinbiegħ ewro u nofs. Jitratta l-ħajja ta' San Pawl b'mod tassew ċar imqassma fi ħmistax-il episodju qasir; ma' kull episodju hemm '*sketch*' iswed u abjad li jrid jimtela bil-kulur mit-tfal. Kemm il-qoxra ta' quddiem kif ukoll dik ta' wara huma bil-kulur. Ta' wara tista' wkoll isservi ta' għajnuna lit-tfal meta jiġu biex jimlew l-istampi bil-kuluri.

**It-tieni ktieb jismu "Fuq il-Passi ta' Pawlu" u dan huwa ktieb ta' attivitajiet għat-tfal ibbażat fuq erba' vjaġġi tal-Appostlu. It-tfal isibu wkoll ħafna tagħrif fuq San Pawl b'mod tassew ħafif u indirett** – mistoqsija u tweġiba; imla l-vojt; *crossword puzzles*; agħti l-kulur lil xi episodju mill-ħajja ta' San Pawl; imla l-mappa u taħriġ ieħor ħafif u mexxej li żgur jedha u jgħallem. Jiswa biss żewġ ewro u maħruġ mill-Kummissjoni Kateketika fi ħdan id-Djoċesi ta' Għawdex u ssettjat u stampat ukoll għand il-*Gozo Press* t'Għajnsielem. Għandu addattament għall-Malti mill-Franċiż minn Angele u Arnaud Bouvier, Ivan Farrugia u Antonia Sammut.

**Taraw li bi tliet ewro u nofs tagħmel festa – tikseb żewġ kotba ħelwin u utli għat-tfal f'din is-Sena Pawlina** meta hemm tant x'titgħallem fuq dan l-Appostlu li ġabilna l-fidi fis-sena 60 AD. Tassew Prosit lil *Lumen Christi Publications* li għal darba oħra qed terġa' tistampa materjal dwar San Pawl, din id-darba għat-tfal. Is-Sena Pawlina tintemm fid-29 ta' Ġunju li ġej, festa tal-Imnarja u għalhekk ma nħalluhiex tgħaddi bla ma nkunu nafu dak kollu li nistgħu dwar dan il-Missier tal-Maltin u l-Għawdxin li l-Providenza riedet li jikkonvertina qabel ikompli triqtu għal Ruma Imperjali fejn ħa l-martirju għall-Imgħallem li tant ħabb.

***Kav. Joe M. Attard***




SMUGGLER'S CAVE
BAR • RESTAURANT • PIZZERIA
Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.
Tel: 21 551005 - 21 551983
Fax 21 559959
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY





# L-Imsallab fi Triqatna

*Joseph W. Psaila jintervista lil George Cassar*

L-INTERVISTA

***B'liema għan twaqqfet f'Għawdex xi snin ilu "l-Għaqda Dilettanti Ġimgħa l-Kbira" ?***

L-għan ewlieni kien li nippromovu dak kollu li għandu x'jaqsam mal-folklor reliġjuż ta' pajjiżna, l-aktar iċ-ċelebrazzjonijiet tar-Randan, il-Ġimgħa l-Kbira, u l-Għid.

***X'inhuma l-inizjattivi li l-Għaqda qiegħda twettaq biex tipprova tilħaq dan il-għan?***

Sa mit-twaqqif tagħha fl-1997, l-għaqda organizzat diversi wirjiet fuq tema differenti. L-għan ta' dawn il-wirjiet dejjem ikun biex imperrċu x-xogħlijiet artistiċi ta' diversi artisti stabbiliti kif ukoll li nagħmlu l-kuraġġ lil dawk iż-żgħażagħ li għandhom talent artistiku u għadhom fil-bidu tal-karriera tagħhom.

Matul is-snin kienu diversi l-attivitajiet li organizzajna fosthom *lectures,* kunċerti ta' mużika sagra kif ukoll xogħlijiet teatrali. Nemmnu li permezz ta' attivitajiet varji, nistgħu nilħqu firxa wiesa ta' nies.

L-attivitajiet tar-Randan li torganizza l-għaqda tagħna jiġu miġbura f'*festival* li ġie mgħammed bl-isem *Easter Festival*. Dan il-festival jinkludi l-wirja li ta' kull sena l-Għaqda tagħna torganizza fil-ġranet tar-Randan fis-swali tal-Ministeru għal Għawdex, flimkien ma' diversi attivitajiet oħra. Il-*festival* jilħaq il-qofol tiegħu bid-dramm *L-Imsallab Fi Triqatna* li issa nistgħu ngħidu li sar tradizzjoni oħra tar-Randan Għawdxi. Tajjeb li ngħidu wkoll li din is-sena l-għaqda qed tfakkar l-għaxar anniversarju minn meta pproduċiet għall-ewwel darba d-dramm tal-passjoni. Dan seħħ fl-1999, u d-dramm ġie mtellgħa fit-Teatru Don Bosco fi ħdan l-Oratorju li jġib l-istess isem.

***F'dawn l-aħħar snin fit-triqat tar-Rabat assistejna għal "L-Imsallab Fi Triqatna". Din hi 'pageant' ieħor ma' tant oħrajn li jsir f'Malta u Għawdex?***

Tajjeb li nfakkru li dan kien l-ewwel dramm tax-xorta tiegħu fil-gżejjer Maltin. Nistħajjel tistaqsi mela d-drammi tal-passjoni m'ilhomx isiru minn żmien il-brodu. Hu veru, iżda li tagħmel dramm fit-triq u tinvolvi l-udjenza, ma kinitx xi ħaġa komuni. Ridna nesperimentaw bit-teatru tat-triq, teatru li ftit nies kienu għadhom esperimentaw bih qabel fil-gżira tat-tlett għoljiet. Ħsibna li konna ser nagħmlu xi ħaġa ġdida iżda li ser tkun esperjenza ta' darba, esperjenza li ridna nagħmluha fl-okkażjoni tal-ġublew tas-sena 2000. Tant irnexxiet, li spiċċajna nagħmluha kull sena u kull sena jkun fiha sorpriża ġdida. Is-sodisfazzjon tagħna hu li wara ftit snin li bdejna nagħmlu din ir-rappreżentazzjoni fit-toroq, kienu diversi l-għaqdiet u s-soċjetajiet f'Malta li ppruvaw jimitaw dak li konna qed nagħmlu.

Staqsejtni hix *pageant* ieħor mad-diversi oħrajn li jkunu qed jittellgħu ma' l-erba' irjieħ tal-gżejjer Maltin. Ir-risposta tiegħi hi le, dan li qed nagħmlu aħna hi xi ħaġa totalment differenti minn l-oħrajn kollha. L-ewwel nett, dan id-dramm qed jittellgħa fit-toroq u mhux fit-teatri jew f'xi knisja. It-tieni u l-aktar importanti, dan id-dramm jinvolvi lill-udjenza. In-nies li jiġu biex isegwu huma parti mill-istess dramm. Hu għalhekk li aħna l-organizzaturi nippermettu lill-ispettaturi jidħlu qrib l-atturi u f'ċerti xeni joqogħdu spalla ma' spalla mal-protagonisti ta' dan l-istess dramm.

***Kif jirnexxielkom issibu kull sena atturi biex jieħdu sehem f'partijiet diversi tal-Passjoni?***

Meta tellajna dan id-dramm fit-toroq għall-ewwel darba, jiġifieri fis-sena 2000, nistgħu ngħidu li kienet diffiċli li nipperswadu ċerti atturi biex jieħdu sehem. Jien ċert li dakinhar ħafna beżgħu li ser nagħmlu ġennata u forsi

ser naqgħu għaċ-ċajt. Kienet biċċa xogħol iebsa biex nikkonvinċu lil kulħadd li konna nafu x'qed nagħmlu u li konna ppreparati għal kull eventwalità. Bl-għajnuna t'Alla, dik is-sena, fittex minn hawn u pperswadi minn hemm irnexxielna nsibu *cast* biżżejjed biex stajna ntellgħu dan id-dramm. Wara l-ewwel edizzjoni, min fis-sena 2000 qagħad għaxar passi lura, fis-sena 2001 ġie b'ħeġġa kbira u għamel minn kollox biex jipperswadina nkomplu b'din l-inizjattiva. Illum mhux talli m'hemmx bżonn nikkonvinċu lil atturi biex jieħdu sehem, iżda kull sena jkollna altru minn biżżejjed atturi biex intellgħu dan id-dramm.

Id-dramm jinvolvi ħafna nies. Mhux biss atturi li jaħdmu partijiet prinċipali, iżda ħafna oħra li jaħdmu partijiet sekondarji bħal appostli, suldati, poplu eċċ. Jkollna bżonn ukoll ta' żewġ gruppi ta' żeffiena, kif ukoll *team* ta' nies li jieħdu ħsieb l-organizzazzjoni kemm qabel kif ukoll waqt u wara l-istess rappreżentazzjoni.

Minn xi snin 'l hawn, gruppi ta' voluntiera minn diversi soċjetajiet minn Malta, jiġu biex jieħdu sehem. Fost dawn ta' min isemmi l-grupp tal-Ġimgħa l-Kbira fi ħdan il-Każin San Gabriel ta' Ħal Balzan, kif ukoll il-grupp *Legio X Fretensis.*

***Il-fondi huma meħtieġa għal kull organizzazzjoni. L-Għaqda qiegħda ssib għarfien u apprezzament minn min jista' jgħinha finanzjarjament?***

L-akbar uġiegħ ta' ras dejjem tkun kif ser niġbru l-fondi biex inkunu nistgħu nkomplu għaddejjin intellgħu dan id-dramm ta' kull sena. Għaqdiet żgħar bhal tagħna m'għandhomx il-kumdità finanzjarja li jistgħu jissograw iħallsu minn ġewwa mingħajr ma jkollhom għajnuna ta'xi *sponsor*. Illum għal kull għadma hawn mitt kelb u allura *sponsors* minn kumpaniji stabbiliti saru ferm diffiċli. Ħafna





drabi mnalla jkunu għajnuniet żgħar li niksbu mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u minn entitajiet governattivi jew semi governattivi oħra biex inkampaw.

***Kemm qiegħda "L-Imsallab fi Triqatna" tingħata bixra ta' manifestazzjoni spiritwali, minbarra l-aspett spettakolari?***

Fl-ewwel snin li bdejna ntellgħu dan id-dramm, xi ilsna ħżiena, li minnhom insibu bl-abbundanza fi triqatna, kienu jirreferu għall-dan id-dramm bħala l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-Oratorju. Dan għaliex l-għaqda ttellgħa dan id-dramm b'kollaborazzjoni fost l-oħrajn ma' l-Oratorju Don Bosco. Konxji mir-realtà sfortunata tal-Belt Victoria, fejn minħabba l-pika partiġġjana li ma tafx issib kompromess jew raġuni, spiċċajna b'żewġ purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira, li mhux l-ewwel darba li kienu f'nofs kontroversja, qgħadna aktar b'seba' għajnejn, li dan id-dramm ma ntuhx bixra ta' purċissjoni. Irridu nżommu dejjem quddiem għajnejna li dan hu teatru tat-triq u permezz tat-teatru rridu nwasslu l-messaġġ tagħna. Din id-darba dan hu messaġġ spiritwali, din hi forma oħra ta' omelija. Omelija drammatizzata fejn il-kongregazzjoni qed tieħu sehem fid-drammatizzazzjoni tal-ġrajja.

Għalhekk nistieden lill-qarrejja ta' dan il-perjodiku, biex nhar is-Sibt 28 ta' Marzu jiġu fit-toroq ewlenin tal-Belt Victoria biex jassistu u jipparteċipaw f'dan id-dramm li jitlaq mill-Oratorju Don Bosco fis-7.30p.m.

BOGI AUTO LTD
■ Spare Parts
■ Batteries
■ Accessories
J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo
Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073

Passiġġata Biblika - 44

*"Int mela jekk inti qalb waħda miegħi, ilqgħu bħallikieku kont jien" (Filemon v.17).*

# ITTRA ŻGĦIRA B'QALB KBIRA

Ħarsa qasira lejn it-Tagħlim fl-Ittra ta' San Pawl Appostlu lil Filemon

**minn Fr. Charles Buttigieg**

*L-Ittra lil Filemon*

**L-ittra lil Filemon hija l-iqsar ittra ta' San Pawl, fiha 25 vers biss, bit-335 kelma kif insibu fl-oriġinal bil-Grieg. Tant hija qasira din l-ittra li ħafna biblisti jitkellmu iktar minn nota jew biljett ta' rakkomandazzjoni minn ħabib għal ħabib (bl-Ingliż: *note* jew *postcard*). Minkejja dan, hija però l-iktar ittra personali ta' San Pawl. Fil-fatt tesprimi favur personali li San Pawl jixtieq mingħand wieħed ħabib tiegħu, nisrani għani minn Kolossi, Filemon, sabiex jilqa' lura mill-ġdid wieħed ilsir bl-isem ta' Onesimu** (l-isem bil-Grieg ifisser 'utli') **wara li dan kien ħarab minn għandu u mar fejn kien Pawlu: "ilqgħu qisu kont jien"** (vers 17).

L-Ittra lil Filemon hija ukoll ittra soċjali u tagħti dawl fuq is-sitwazzjoni tad-dinja soċjali fl-ewwel seklu W.K., b'mod partikulari rigward ir-realtà mifruxa ta' l-iskjavitù fl-imperu Ruman. Kienu bosta dawk ilsira fid-djar ta' l-għonja u fil-palazzi, waqt li oħrajn kienu jaħdmu fuq ix-xwieni. Din kienet inġustizzja qawwija, li l-Knisja tal-bidu kellha tħabbat wiċċha magħha. L-ittra aktarx inkitbet fl-istess żmien ta' l-Ittri lill-Efesin, lill-Filippin u lill-Kolossin, wara li San Pawl kien ħalla Malta u kien qiegħed miżmum taħt kustodja libera f'Ruma (infatti hija waħda mill-ittri mill-ħabs), għaliex jissemmew Epafras, Aristarku, Demas, Luqa u fuq kollox Marku li ħafna qabel kien infired minn miegħu u li f'dan iż-żmien **kien f'Ruma**: "Jiena Pawlu, **priġunier** għal Kristu" (v.1); "Jiena Pawlu, raġel **xwejjaħ**" (v.9). Mela madwar is-sena A.D. 62.



*Mħabba ta' Missier Spiritwali*

F'dan il-kuntest ta' din id-daqsxejn ta' ittra, naraw l-imħabba kbira ta' San Pawl bħala Missier Spiritwali għal Onesimu li kien lsir ta' Filemon u li issa bħala nisrani kien tassew 'utli' u ta' għajnuna ghalih: "qiegħed nitolbok bil-ħerqa għal ibni li jiena nissilt fil-ktajjen għal Onesimu" (v.10). Imħabba li tiżboq it-tbatija li minnha kien għaddej San Pawl waqt l-arrest tiegħu: "Xtaqt li kieku żammejtu miegħi biex kif jien fil-ħabs għall-Evanġelju jdur bija minflokok hu" (v.13). Onesimu (li jissemma ukoll f'Kolossin 4:9: "ħuna l-fidil u l-maħbub") aktarx li kien seraq xi ħaġa mingħand is-sid tiegħu u ħarab, għaliex San Pawl jikteb: "Jekk naqsek f'xi ħaġa jew għandu jagħtik, ixħet kollox fuqi" (v. 18).

*Ma' Kristu m'hemmx aktar skjavi*

**San Pawl juri hawnhekk ir-rabta li għandu kull bniedem, anke l-ilsir ma' Kristu għaliex ilkoll ġejna mifdija (meħlusa) minnu. B'hekk jisħaq fuq id-dinjità li kull bniedem iħaddan anke min hu ilsir. B'dan il-mod San Pawl kien qed iwissi kontra din l-inġustizzja qawwija ta' l-iskjavitù: "mhux aktar bħala ilsir imma xi ħaġa iktar minn ilsir, bħala ħuk l-għażiż: fuq kollox għalija, imma kemm iktar għalik, skont id-dinja u skont il-Mulej" (v.16). San Pawl jitlob issa lil Filemon biex mhux biss jaħfer lil Onesimu, imma jilqgħu għandu mhux aktar bħala lsir imma bħala nisrani fi Kristu. Għalhekk Onesimu m'għadux iktar lsir maħrub li jeħtieġ jirritorna għand sidu u jkun ikkastigat u mmarkat fuq ġismu, imma huwa bniedem b'dinjità ġdida u b'siġill nisrani, bil-marka ta' Kristu.**

*Ilkoll Aħwa fi Kristu*

Minkejja li San Pawl kien skjav 'tal-ktajjen' f'Ruma, imma kien tassew ħieles fi Kristu u dan kien l-Evanġelju tal-Ħelsien, li huwa kien qed ixandar. Huwa għalhekk jitlob din ir-rikonċiljazzjoni ta' Filemon ma' Onesimu; sid u skjav ma' xulxin, għaliex huma tassew aħwa fi Kristu: "Dak li darba lilek ma kien jiswielek għal xejn issa jiswielna kemm lili u kemm lilek. Iva ħija nitolbok agħmilli dan il-pjaċir minħabba fil-Mulej" (v.20). Fi Kristu ma hemmx iktar



*Hawn kien hawn belt li llum hija għalqa! Kull ma fadal mill-belt ta'Kolossi,fejn kien joqgħod Filemon. Din il-belt inqerdet għal kollox b'terremot kbir xi sentejn wara li San Pawl kitiblu l-ittra! Il-ħotba li tidher wara s-siġar hija radam li fadal.*

skjav jew sid, imma ilkoll aħwa fiH u għalħekk imsejħin biex inkunu 'ħielsa' billi 'naqdu' lil xulxin fl-imħabba: **"Permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù intom ilkoll ulied Alla. Għax intom ilkoll li tgħammidtu fi Kristu, ilbistu, biex ngħidu hekk, il-ħajja ta' Kristu nnifsu. Ma hemmx aktar x'jagħżel bejn Lhudi u Grieg, bejn ilsir u ħieles, bejn raġel u mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù"** (Galatin 3:26-28).

### *Konklużjoni*

Żgur li fuq it-talba ta' San Pawl, Filemon aċċetta lura mill-ġdid lil Onesimu mhux aktar bħala skjav imma bħala ħuh fi Kristu. Ftit żmien wara Kolossi nqerdet b'terremot qawwi. Aħna ukoll mistiedna sabiex nilqgħu lil xulxin tassew bħal aħwa, fil-waqt li nissieltu lkoll flimkien ħalli ngħelbu l-ktajjen ta' l-iskjavitù u ta' diversi inġustizzji fid-dinja tal-lum. **Kristù qam mill-mewt biex il-mewt, id-dnub, il-ħażen u kull inġustizzja ma jsaltnux għal dejjem; imma ssaltan il-ħajja u l-verità għal dejjem.**

*Biblijografija*


Barclay, J.M.G., *"Paul, Philemon, and the Dilemma of Christian Slave Ownership"*, *NTS* 37 (1991) 161-166.

Buckley, T.W., *Apostle to the Nations. The Life and Letters of St. Paul*, Boston (MA) 1981.

Derret, J.D.M., *"The Function of the Epistle to Philemon"*, *ZNW* 19 (1988) 85.

Ghidelli, C., *Un Anno con San Paolo, Lettera dell'Arcivescovo di Lanciano – Ortona per l'anno dedicato a San Paolo*, Torino 2008.

Gnilka, J., *Der Philemonbrief*, HTKNT, Freiburg 1982.

Heil, J.P., *"The Chiastic Structure and Meaning of Paul's Letter to Philemon"*, *Biblica* 82 (2001) 178-206.

Moreschini, C. – Norelli, E., *"The Letters of Paul and of the Pauline Tradition"*, in *Early Christian Greek and Latin Literature: A Literary History*, Peabody (MA) 2005.

Patzia, A., *"Lettera a Filemone"*, in G.F. Hawthorne – R.P. Martin – D.G. Reid (eds.), *Dizionario di Paolo e delle sue Lettere*, Torino 2000, 626-632.



RAYMOND CEFAI
TAL-KELBA LTD.
• BUILDING CONTRACTOR
• CRANE &
GENERATOR HIRE

"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.
Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169

Kummentarju (4)

# Għaxar snin tal-"Gozo Tourism Association"



*diskors taċ-chairman* **PAUL SCICLUNA**

Għaddew għaxar snin minn meta din l-Assoċjazzjoni ġiet iffurmata. Nistgħu ngħidu li mix-xejn, is-settur turistiku f'Għawdex irnexxielu jinġabar u jingħaqad flimkien taħt kappa waħda u f'din l-għaqda għamel l-ewwel passi u mexa 'l quddiem f'dawn il-ftit snin ta' eżistenza. Iva s-setturi kollha, u hawn irrid insemmihom, il-lukandi u *guest houses*, ristoranti u *bars*, stabbilimenti tas-*Self Catering* u *Real Estates*, Skejjel u *clubs* tad-*Diving*, mezzi ta' trasport u karozzi tal-kiri, attrazzjonijiet turistiċi u aġenziji ta' l-ivjaġġar, huma kollha rappreżentati f'din l-assoċjazzjoni u l-leħen tar-rappreżentanti tagħhom jinstema fuq mejda waħda.

Inqis ruħi ffortunat li kelli l-unur nagħti kontribut f'din l-Assoċjazzjoni mill-bidu nett u hawn irrid inrodd ħajr lil sħabi tal-fiduċja li dejjem urew fija u ta' l-għajnuna li sibt sabiex stajt immexxi din l-Assoċjazzjoni tul dawn l-aħħar sentejn. Illum qegħdin miġbura hawn sabiex nagħtukom rendikont tal-ħidma li wettaqna matul is-sena li għadha kif għaddiet. Sena li kellha l-pożittiv tagħha, iżda l-aħħar xhur ġabu magħhom valanga ta' sfidi kbar. Diffikultajiet li hemm bżonn isibuna magħquda lkoll flimkien sabiex id-daqqiet, kbar kemm ikunu kbar, ma nħalluhomx ikissruna u jfarrkuna.

**Ilkoll nafu x'inhu jiġri madwarna, riċessjoni mondjali, li ilha mis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor ma jkun hawn bħalha u ekonomiji ta' pajjiżi ferm aktar f'saħħithom minna, jitkissru u preżentament ħadd ma jaf fejn hu u x'ser joffri l-futur qarib.**

**L-isterlina li l-aktar taffettwa lil pajjiżna niżlet fl-inqas livell u dan żgur mhux ser jawguralna tajjeb, li preżentament għandna 48% tat-turisti ġejjin mill-Ingilterra. Smajnihom u rċivejtuhom it-talbiet mingħand l-operaturi sabiex innaqqsu r-rati tagħna, iżda biż-żidiet kontinwi fil-liċenzji, pagi u spejjeż oħra, issa aktar u aktar b'rati ferm ogħla ta' l-elettriku u l-ilma, nistgħu aħna nnaqqsu r-rati b'xi 30% bħal ma qed niġu mitluba minflok ma' ngħollu ħalli nirkupraw l-ispejjeż?**

Il-kompetizzjoni madwarna hija kbira. Pajjiżi oħra għandhom l-istess sfidi. Aħna rridu noqgħodu ferm attenti, ma nistgħux nintelqu, iżda rridu naħdmu ferm aktar ħalli l-kurrent ma jniżżilniex l-isfel u jġorrna miegħu. F'dawn l-aħħar għaxar snin, grazzi għal proposti w inizjattivi mill-GTA sar żvilupp kbir f'Għawdex. Mhux ser noqgħod insemmi dawn il-proġetti wieħed wieħed, għax kulħadd jista' jara pajjiż aktar modern u attivitajiet li ma kinux isiru qabel.

Iżda rrid nagħmel dawn l-osservazzjonijiet b'sens ta' dover u nippretendi li jiġu meħuda b'aktar rigoriżità mill-awtoritajiet. Il-GTA mill-bidu nett bdiet taħdem fuq tliet binarji li nemmen huma ferm importanti għas-settur turistiku. Dawn huma reklamar u l-promozzjoni tal-Gżira, it-titjib f'aċċessibbiltà kemm b'ajru u l-baħar kif ukoll miljorament fl-infrastruttura u l-prodott inġenerali.

**Nibda mill-ewwel punt, u nistaqsi, kif qed isir ir-reklamar tal-Gżira tagħna?** Prinċipalment niddependu mill-*Marketing Directorate* ta' l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu li l-gvern ċentrali jgħaddilha *budget* sostanzjali għal dan il-għan.

**Għalkemm l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tirreklama 'l Malta bħala destinazzjoni b'mod ġenerali, x'inhi tagħmel sabiex tirreklama lil Għawdex separatament għax jippossiedi karatteristiċi li huma differenti minn ta' Malta? Qed jiġu sfruttati n-niċeċ speċjalizzati t'Għawdex u jingħataw prominenza? Qed jiġu mgħejuna biżżejjed dawk l-operaturi li jinkludu lil Għawdex fil-programmi tagħhom? Qed infittxu swieq ġodda u nħajru operaturi jinkludu lil Għawdex?** Il-*Cruise liners*, l-*Incentive groups* u l-iskejjel tal-lingwi ftit li xejn qed ingawdu minnhom. Nistaqsi wkoll, il-ġurnalisti u l-istazzjonijiet televiżivi li jiġu Malta, qed inwassluhom sa Għawdex biex nuruhom x'toffri differenti din il-gżira?

**Ilkoll naqblu li Għawdex m'għandniex wisa u ma jiflaħx għal massa ta' turisti iżda minn naħa l-oħra, qed jirnexxielna niġbdu numru biżżejjed sabiex nimlew is-sodod li għandna fil-lukandi, *guesthouses*, vilel, *farmhouses* u l-appartamenti?**

Mhux ħa noqgħod insemmi figuri ta' kemm ġew turisti, iżda lkoll nafu li f'pajjiżna l-akbar sfida li għandna hi kif ser nimlew l-istaġun turistiku li tradizzjonalment magħruf fis-sajf, li jibda minn April sa Ottubru. **Illum apparti mix-xhur prinċipali ta' Lulju u Awwissu, ħafna minna qed isibu diffikultà sabiex jimlew ix-xhur l-oħra. Aħseb u ara x-xhur tax-xitwa.**

Grazzi għas-suq domestiku, dan qed jgħin sabiex aħna l-operaturi jirnexxielna ntaffu ftit il-problema kbira fin-nuqqas ta' turisti barranin. Għalhekk irridu nieħdu ħsiebhom ukoll, nagħtuhom valur ta' li jħallsu, u nagħmluha faċli għalihom li jiġu jżuruna aktar frekwenti.

Ngħaddi issa għall-aċċessibbiltà bejn il-gżejjer. Il-GTA ilha mill-bidu nett tinsisti li l-aċċessibbiltà hi l-aktar mezz importanti biex wieħed jasal fid-destinazzjoni. **Mhux biżżejjed it-trasport bil-baħar li f'dawn l-aħħar snin għamel passi kbar 'l quddiem. Iżda rridu li jkun hawn servizz ieħor aktar komdu u faċli li wieħed jasal fid-destinazzjoni fi ftit ħin. Servizz li hawn domanda għalih u kien jeżisti, sa sentejn ilu.**

Huwa fatt, li meta ftit snin ilu Malta ħasset nuqqas ta' turisti, is-soluzzjoni kienet l-introduzzjoni ta' *Low Cost Airlines* u din l-inizjattiva fit-tkabbir ta' l-aċċessibbiltà, immedjatament ħalliet effett pożittiv. Idea li tista' tiġi addattata faċilment sabiex Għawdex itejjeb l-aċċessibbiltà. **L-appell tiegħi hu lil Awtorità biex malajr kemm jista' jkun, tieħu deċiżjoni fuq il-proposta ta' l-*Airstrip*, għax in-nuqqas tagħha qed tinħass ħafna.** Din mhix xi ħaġa ġdida li qed ngħidu, għax meta kien hawn l-operazzjoni bl-ajru, f'sena waħda laħqet ġarret mas-sebgħin elf persuna.

Intant, għalkemm semmejt li sar progress fit-trasport bil-baħar, nemmen li hemm lok għal titjib fl-operat. Huwa fatt li matul il-ġurnata l-vjaġġi huma frekwenti u adekwati, mhux daqshekk nistgħu ngħidu matul il-lejl. Illum bosta ajruplani jidħlu Malta tard fil-għaxija u mal-lejl u għaldaqstant hemm bżonn li t-turist destinat għal Għawdex ma nħalluhx jistenna sigħat f'*terminal* li jinsab fi stat primittiv u jieħu l-ewwel impressjoni ħażina ta' pajjiżna.

**Intant, meta ngħaddi għall-prodott, inħoss li għalkemm sar titjib, għad hemm bosta xi jsir speċjalment fir-rigward: tal-bajjiet, il-kampanja, iż-żamma ta' siti storiċi, l-inkonvinjent mill-kostruzzjoni, il-ħsejjes u d-dħaħen mill-inġenji, is-*signs*, it-toroq u l-indafa inġenerali.**

Dawn huma affarijiet bażiċi għat-turist u jistenna li jsibhom kull fejn imur. Inutli li jkollna lukandi u stabbilimenti mill-aqwa. Niftakru li t-turist mhux ser joqgħod il-ħin kollu ġewwa, iżda ħa joħroġ iżur postijiet u jdur madwar il-gżira. Turist li jieħu impressjoni ħażina mhux ser nerġgħu narawh b'għajnejna u hu l-aktar riklam ħażin li nistgħu nagħmlu għal gżiritna.

**Intant, aħna ħadna gost nisimgħu lill-Prim Ministru, ftit xhur ilu jiddikjara lil Għawdex bħala gżira Ekoloġika, għax ilkoll nafu li din ħa ġġib magħha obbligazzjonijiet u inizjattivi favur il-gżira tagħna. Iżda sabiex nilħqu dan il-għan, irridu naħdmu u nirsistu ferm u ferm aktar biex din l-idea tajba mmens tiġi mwettqa a benefiċċju tagħna lkoll.** Żgur li din ser iġġib magħha titjib fil-prodott turistiku u li l-punti li semmejt aktar qabel, speċjalment meljorament fl-ambjent u fl-indafa li kollha nixtiequha u minnha jgawdi magħna wkoll it-turist.

Importanti li l-kultura u t-tradizzjonijiet ta' għejxien inkomplu nsaħħuhom u ntejbuhom. Hawn bilfors irrid insemmi **l-problemi li nqalgħu matul is-sajf li għadda dwar l-imwejjed u s-siġġijiet li l-istabbilimenti tagħna għandhom fil-pjazez u postijiet turistiċi.** Il-GTA mhix favur li operaturi jaħdmu mingħajr il-permessi neċessarji, iżda bħal kull ħaġa oħra, **rridu naraw sistema faċli u ġusta,** mingħajr dewmien ta' snin biex wieħed jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu.

Jien qed insemmi din il-problema partikulari għax jidhirli u naħseb li lkoll naqblu, li r-ristoranti u l-*bars* tagħna tradizzjonalment kienu jservu barra u minflok il-banketti, bankijiet u mwejjed żgħar li konna nsibu, fiż-żminijiet tal-lum għandna għamara ta' barra aktar addattata.

Illum stedinna magħna uffiċjali mill-awtoritajiet responsabbli mill-permessi, sabiex jispjegawlna u jiċċaraw il-proċeduri neċessarji. Ħudu din l-okkażjoni u nispera li kulħadd jifhem tajjeb u kull min għandu xi diffikultà jfittex jikklarifika ma' dawn l-uffiċjali. Intant, **il-GTA ser tkompli tinsisti ma' l-Awtoritajiet sabiex ikun hawn entità waħda responsabbli mill-ħruġ tal-permessi u dawn jinħarġu fi żmien raġjonevoli u mhux itulu s-snin.**

Sadattant, meta nara dawn l-isfidi quddiem għajnejja, inkun aktar konvint mill-proposta tal-GTA li ressqet lill-partiti politiċi qabel l-aħħar elezzjoni ġenerali, li Għawdex għandu jkollu entità partikulari li jieħu ħsieb is-settur turistiku Għawdxi. Dak iż-żmien il-partiti wkoll qablu ma' proposta bħal din. Niftakru, **li l-problemi reġjonali ta' Għawdex huma totalment differenti minn ta' Malta, għalhekk għandhom jiġu indirizzati separatament.** Ma nistgħux noqgħodu aktar passivi, iżda rridu li tittieħed azzjoni mmedjata jekk lil Għawdex irriduh ma jaqgħax lura u jimxi maż-żminijiet progressivi tal-lum.

Qabel intemm dan il-messaġġ, nitlobkom tkomplu ssostnu u temmnu fil-GTA. Bħal ma għidt fil-bidu, għaddew għaxar snin u għalkemm il-ħidma tagħna hi fuq bażi volontarja, b'sodisfazzjon nista' ngħid li rnexxielna nwettqu ħafna xogħol u proġetti siewja, u hemm ippjanati diversi inizjattivi interessanti għax-xhur u s-snin li ġejjin. Biżżejjed ngħidilkom **li applikajna għall-fondi mill-Unjoni Ewropea għal tliet proġetti ambizzjużi li huma, l-*Web Portal* fejn il-membri jkollhom l-oppurtunità li jillinkjaw u jirċievu l-*bookings* dirett; *Tourism Surveys* minn ditta ta' Awdituri li jsiru darbtejn fis-sena sabiex ikollna f'idejna figuri u stampa ċara kif ikun sejjer is-settur turistiku f'Għawdex; kif ukoll il-produzzjoni ta' DVD biex jintuża speċifikament għall-promozzjoni t'Għawdex fuq l-ajruplani ta' l-*Air Malta*.** Iżda sabiex dawn jitwettqu u jirnexxu, apparti l-finanzi, għandna bżonn insaħħu l-għaqda u l-kooperazzjoni ta' bejnietna. Ma jistax ikun li ġejna għal din il-laqgħa ġenerali u l-anqas hawn nominazzjonijiet biżżejjed biex jiġi ffurmat kunsill sħiħ. **Faċli li wieħed jikkritika, iżda possibbli l-anqas hawn min hu dispost joffri servizz għal ġid ta' settur li qed jgħajjixna?**

Irrid ukoll nappella lill-awtoritajiet sabiex ikomplu jgħinu u jsostnu aktar lil din l-Assoċjazzjoni. Mingħajr l-għajnuna ma jkunx possibbli għalina li ntejbu s-servizzi tagħna. **Fil-fatt hemm bżonn tissaħħaħ l-amministrazzjoni jekk irridu l-inizjattivi jirnexxu u nkomplu nagħtu kontribut għal ġid ta' pajjiżna.**

Finalment ħajr lil kull min sostna u għen għas-suċċess ta' din l-assoċjazzjoni. Minn qalbi ngħid ukoll grazzi lill-membri li servew f'dan il-kunsill, tal-ħin u l-impenn. Ħajr lill-amministratur ta' l-uffiċċju s-sinjura Joanne Formosa, ċ-*Chief Executive* s-sur George Borg, il-kaxxier is-sur Ludgard Gatt u l-*Viċi Chairman* s-sur Amand Veranemman u mhux l-inqas s-segretarju ġenerali s-sur Joe Muscat, tad-dedikazzjoni u l-impenn, li wettaqtu matul is-sena kollha. Grazzi!

*Għawdex Qabel ir-Ritratti (13)* *minn* **JOHN CREMONA**

# *L-ewwel turisti fil-Ġgantija*



L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika llum hija meħuda mill-atti tas-Soċjetà ta' l-Antikwarji ta' Londra u li ġiet stampata f' *Archaeologia: or Miscellaneous Tracts relating to Antiquity* u ġġib id-data tat-23 ta' April 1829. Din l-inċiżjoni takkumpanja żewġ inċiżjonijiet oħra li diġà tkellimt dwarhom fl-artiklu numru 2 ta' din is-sensiela.

L-inċiżjoni turi t-tempju l-kbir tal-Ġgantija magħruf bħala tat-tramuntana li kien għadu kif ġie skavat jew aħjar imnaddaf mit-terrapien. Fiha jidher ukoll bosta ġebel maħdum u dekorat f'diversi postijiet fit-tempju u li sfortunatament ġie meqrud matul is-snin. F'din l-inċiżjoni naraw li t-tempju ż-żgħir li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tempju l-kbir kien għadu ma ġiex imnaddaf u fil-fatt tidher biss tumbata b'xi ġebel kbir ħiereġ minn fuq. Interessanti wkoll il-fatt li jidher il-passaġġ li kien iwassal għat-tempju minn qalb l-għelieqi kif ukoll il-knisja l-qadima tax-Xagħra u l-mitħna li għadha magħna sal-lum. Jidhru wkoll żewġ Għawdxin bl-ilbies tradizzjonali tal-kampanja; ir-raġel bil-qalziet u s-sidrija tal-qoton u bil-ħorġa fuq spalltu u bil-barjola f'rasu, filwaqt li l-mara liebsa ċ-ċulqana u filwaqt li ġġorr tagħbija fuq rasha għandha wkoll tarbija f'idejha. Din hija x'aktarx l-ewwel veduta li teżisti tal-Ġgantija wara li kienet ġiet imnaddfa fil-bidu tas-seklu dsatax.

L-awtur ta' din il-veduta huwa Captain William Henry Smyth li wara laħaq ammirall fil-flotta Ingliża u li għamel diversi studji f'Malta u Għawdex fil-bidu tas-seklu dsatax. Sfortunatament in-noti u l-qisien li ħa fuq il-post kien tahom lil Kurunell John Otto Bayer li kien il-Gvernatur residenti ta' Għawdex u li miet qabel laħaq ippubblika din l-informazzjoni. Għaldaqstant Smyth ippubblika tliet veduti interessanti ħafna tax-Xagħra imma mingħajr ebda dettall. F'dan in-nuqqas ser ikolli nirreferi għall-kitbiet ta' viżitatur ieħor li żar lil Għawdex fl-istess żmien u li ħalla deskrizzjoni interessanti. Dan kien il-vjaġġatur u kittieb Ġermaniż il-Prinċep Herman Pückler-Muscau li kien ukoll viċi-konslu fi Tripli. Se nġib parti milli kiteb kelma b'kelma għaliex hija interessanti ferm u titfa' dawl fuq l-istorja bikrija tal-iskav tal-Ġgantija:

*"Ħafna mill-iskavi saru bejn l-1821 u l-1823 bit-taħbit tas-Sur Somerville (*) il-forma tal-binja hija unita u huwa kkalkulat li għandha medda ta' 1600 pied kwadru. Sfortunatament wieħed dejjem ikollu jwaħħal fil-gvern li minħabba l-viżjoni qasira dwar l-ekonomija tiegħu, ix-xogħol ma tkompliex u dan kellu effetti diżastrużi; dan it-tempju, monument li l-qies tiegħu m'hawn imkien bħalu, diġà insteraqlu ħafna mit-tiżjin tiegħu, ħafna ġebel kbir ittieħed min-nies tal-lokal u ġie mkisser fi bċejjeċ żgħar biex bihom jibnu l-griebeġ tagħhom. Li kieku dan kollu ġara f'xi stat tal-Ġermanja wieħed kien forsi jasal biex jagħlaq għajn waħda, iżda f'pajjiż mmexxi mill-Gran Brittanja, x'misthija!"*

L-inċiżjoni hija intitolata Tribuna *of the "Tempio dei Giganti"*. Hija mmarkata bħala Plate XXII u ġiet imnaqqxa minn James Basire. Il-qisien tagħha huma 176mm x 245mm.

*(*) James Somerville kien it-tieni maġistrat Ingliż li ġie appuntat għal Għawdex u fi żmien iż-żjara ta' Pückler-Muscau kien l-awtorità ewlenija tal-gżira ta' Għawdex.*

Għawdex 300 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 172
Riċerka ta' Joseph Bezzina © 2009

# Flus foloz f'Għawdex?

**Id-dokument numru mija u tnejn u sebgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex hija ittra mibgħuta min-Nutar Giuseppe Fenech lill-ġurati ta' l-Università ta' Għawdex dwar ħlasijiet li kienu saru. L-ittra hija ddatata 18 ta' Marzu, 1709. Tinsab fil-għaxar volum ta' l-*Acta* ta' l-*Universitas Gaudisii,* il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavalieri ta' San Ġwann (1530–1798), manetta (1708–1709), folju 58r (NAG, UG, *Acta,* 10/1708–1709, f. 58r).**

Din hi t-traskrizzjoni ta' l-ittra:

*Riceverei hieri da Pronotario Giacomo Magro li Scudi cinquecento sessanta sette, tari tre, e grani sedici che Vostre Signorie nella loro favoritissima in data delli sedici cadente mi significano dei quali ho restituito al medesimo Pronotario Scudi due dei quali havevo havuto qualche sospetto per cambiarli costi e mi riportai di nuovo, e procurerò di fare li dovuti pagamenti a' questi Signori partecipanti di codesta massa mentre da alcuni di loro sin oggi mi furono fatte più e più instanze per havere i loro dovuti pagamenti per altro non proprii, ma come procuratori et esatori e perchè tutta la moneta la maggior consiste in rame ne dubito molto che in conservatoria avevo qualche sinistro incontro nella moneta che la mandino a riconoscere nella zecca con tutto che io selo revistò una per una li Scudi 4; e nel peso dell'oro et argento e del tutto participato alla V.A.S. et in haver finito le solite ricevute li manderò queste e quelle dell'anno passato in note segregate come all'debito mio, che quanto li devo dire su tal particolare et afferendomi sempre pronto a' di loro stimatissimi commandi. Mi confermo...*

Nhar is-16 ta' Marzu, 1709 – tliet mitt sena ilu – il-Ġurati ta' Għawdex bagħtu s-somma ta' 567 Skut, tlieta rbgħajja, u sittax-il ħabba lin-Nutar Giuseppe Fenech. Nafu, minn korrispondenza oħra, li dan kien ħlas għall-*vettovaglie*, jiġifieri oġġetti ta' l-ikel aktarx importati minn Sqallija. In-Nutar Fenech irrisponda lill-Ġurati b'din l-ittra tat-18 ta' Marzu.

In-Nutar għarraf lill-ġurati li l-flus li bagħtulu minn Għawdex permezz tal-Protonotarju Giacomo Magro kienu waslulu u hu kien għoddhom fil-preżenza tiegħu. Waqt il-għadd, ġieħ dubju fuq żewġ muniti ta' skut – muniti li kienu tal-fidda – u, fil-fatt, raddhom lura lil Magro. Aktarx, li dan kif kien il-Belt Valletta irnexxielu jibdilhom x'imkien ma' żewġ muniti oħra simili, għax in-Nutar Fenech kitbilhom li eventwalment ġablu lura żewġ skuti.

In-Nutar Fenech għarraf lill-ġurati li dawk li kellhom jieħdu l-flus, jiġifieri r-rappreżentanti Malta ta' xi esportaturi Sqallin ta' ikel, kienu ħadulu moħħu għall-ħlas. Ma tahomx tort, għax qalilhom, dawn ma kinux flus għalihom iżda għall-esportaturi li fil-fatt kienu jirrappreżentaw. Qalilhom ukoll li ċċekkja waħda waħda hu nnifsu il-muniti tar-ram. Dan għamlu għax kien ċert



li dawk li kienu sejrin jirċievu l-pagamenti kienu huma nnifishom sejrin iż-Żekka tal-Ordni biex jikkontrollawhom huma stess. Għamel attenzjoni speċjali għall-muniti ta' erba' skuti li kienu tal-fidda. Ma riedx li jinqalagħlu xi nkwiet maż-Żekka fuq hekk. Qallilhom ukoll li ċċekkja l-piż tal-muniti kollha tal-fidda u tad-deheb. Muniti ta' ħames skuti jew iktar kienu tad-deheb.

In-Nutar Giuseppe Fenech għamel kollox kif suppost. Kien magħruf li minn żmien għal żmien kienu jiċċirkolaw Malta u Għawdex muniti foloz – b'piż tal-fidda jew deheb nieqes jew imħallat mar-ram. Għalhekk ħa l-prekawzjoni kollha meħtieġa biex ma jkollux inkwiet ma' l-awtorità.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Dun Ġużepp Diacono

## 2. Fundatur tas-Sorijiet ta' l-Istilla



Dun Ġużepp Diacono għen ħafna biex jitwaqqfu s-Sorijiet Franġiskani, magħrufa bħala ta' l-Istilla.

M'iniex ser insemmi l-kronoloġija kollha, peress li huwa impossibbli li f'artiklu qasir issemmi l-ħidma kollha, pass wara ieħor li għamel Dun Ġużepp Diacono. Iżda harsa ħafifa turina kemm dan is-saċerdot huwa fundatur ta' din il-kongregazzjoni.

L-ewwel perijodu. (1880-1883). Grupp ta' xebbiet kienu jinġabru fid-dar ta' Karmena Xerri, ispirati mill-kitbiet ta' Don Gasparre Olmi (1833-1913). Dan kien xerred ix-xewqa tal-Qalb ta' Ġesù lil Santa Margerita Marija Alacoque, li qalilha: *Irrid niġbor madwar qalbi kuruna ta' tnax-il stilla magħmula mis-servi l-aktar maħbuba u l-aktar fidili.*

Dan il-grupp inbeda fir-Rabat minn Patri Pietro Digiorgi, li kien jgħallem fis-Seminarju ta' Għawdex. Dan il-Ġiżwita beda jifforma din il-Kuruna ta' tnax-il Stilla, iżda peress li s-Superjuri tiegħu qalulu li kien ser jispiċċa minn Għawdex, talab lil Dun Ġużepp Diacono biex jibda jieħu ħsieb dan il-grupp. Dun Ġużepp ippresieda l-laqgħa tal-grupp fl-4 ta' Jannar 1878, fejn tkellem dwar l-għanijiet tal-grupp u dwar temi spiritwali. Għamilha ċara li għalkemm huwa qiegħed iħawwel, Alla huwa li jkabbar.

Il-grupp beda jikber u għalhekk beda jlaqqagħhom fil-knisja ta' Savina. Wara li organizzahom sewwa u qasamhom fi gruppi, Dun Ġużepp Diacono beda jinsisti magħhom li jsiru Terzjarji Franġiskani. Din il-kundizzjoni turina li huwa kellu f'moħħu proġett akbar. Issa, billi l-knisja ta' Savina ma kinitx taqdi sewwa l-ħtiġijiet tal-għaqda, kera dar f'Għajn Qatet. Diacono semma din id-dar Casa di Carità – Dar il-Karità. Din id-dar ma kinitx isservi biss għal-laqgħat li bdew isiru aktar spiss, iżda dawn ix-xebbiet kienu jiltaqgħu hemm u jgħidu xi kelma, filwaqt li jaħdmu l-bizzilla. Dun Ġużepp kien ukoll ipittrilhom disinni tal-bizzilla. Mal-bidu tas-sena 1880 il-grupp beda jiltaqa' kuljum.

Imbagħad Dun Ġużepp għamel pass ieħor. Fil-15 ta' Awwissu 1880, nhar il-festa ta' Santa Marija, intgħażlu tmien xebbiet biex jibdew jgħixu ħajja komunitarja. Bħala formalità, għamel rikors lill-Isqof Pietru Pace. L-Isqof approvah nhar l-1 ta' Settembru 1880. Jidher li Diacono kellu f'moħħu li jdaħħal tnax-il xebba biss u t-tnax imwielda f'Għawdex. Fit-18 ta' Ottubru ta' l-istess sena mexxa l-ewwel vestizzjoni, li fiha kien hemm ħdax-il persuna.

F'dan iż-żmien insibu wkoll il-vestizzjoni ta' Virġinia Debrincat jew, kif inhija magħrufa aħjar, Madre Margerita fl-20 ta' Frar 1881. Barra li kienet spiritwali, kellha kapaċitajiet kbar u kienet taf it-Taljan u l-Franċiż. Barra li kienet tgħin f'xogħol ta' kitba, kienet tgħallem il-katekiżmu liż-żgħar u l-bizzilla lill-kbar.

Dun Ġużepp irnexxielu jikseb dar fil-qalba tar-Rabat, fejn illum hemm il-Casa Madre tas-Sorijiet ta' l-Istilla llum, flimkien ma' ġnien kbir magħha. Hawnhekk huwa bena knisja wkoll, li ġiet iddedikata lill-Madonna Reġina tal-Qalb ta' Ġesù.

It-tieni perijodu huwa bejn is-snin 1883-1886. F'dan iż-żmien, il-kongregazzjoni l-ġdida bdiet tgawdi ċerta awtonomija. Il-kisba ta' aktar awtonomija kienet tfisser li l-komunità kellha tkun aktar minn tnax u fiha jkun hemm xebbiet li ma kinux imweldin Għawdex. Dan ifisser li kellu jbiddel il-pjanijiet oriġinali tiegħu.

Sadannittant huwa kien imbiegħed minnhom, billi nħatar kappillan tal-Qala. Iżda xi wħud għeru għalih, xterrdu xi għajdut fuqu, filwaqt li l-Isqof neħħielu kull fakultà spiritwali minn fuq is-Sorijiet. F'ittra li kiteb lill-Madre Margerita wara li kienet eletta superjura għall-ewwel darba fit-22 ta' April 1887, jiktbilha dwar is-sitwazzjoni mwiegħra, iżda fl-istess ħin jgħid li ma kienx iddisjpjaċut.

It-tielet perijodu (1886-1924). Dan kien iż-żmien tal-firda totali. X'aktarx nhar it-8 ta' Ottubru 1887, Diacono bi spirtu ta' qtigħ il-qalb u mgħobbi bid-djun, flimkien mal-imgħaxijiet tagħhom, mar il-Casa Madre u pprova jibgħat is-Sorijiet id-dar tagħhom. Iżda Madre Margerita laħqet ġiet minn Malta tard wara nofsinhar u sabet din ix-xena ma' wiċċha. Iżda hija, b'ton deċiż u umli, waqqfitu milli kien ser jagħmel u ndaħlet hija biex tmexxi l-kongregazzjoni l-ġdida.

Iżda għalkemm tbiegħed mill-kongregazzjoni, din baqgħet f'qalbu u baqa' jħobbha.

**Angelo Xuereb**

*(Din is-sensiela hija bbażata fuq il-ktieb "Dun Ġużepp Diacono", ta' Fr.Joseph Bezzina, kif ukoll il-ktieb "Ġabra ta' xi wħud mill-kitbiet ta' Dun Ġużepp Diacono" u ta' Dokumenti oħra ta' l-ewwel komunità, maħruġ mis-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù).*

Għawdex Online (7)



# Kappelli Għawdxin Online (1)



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfp@mail.global.net.mt

Id-dilettanti tal-*melitensia* llum għandhom biċċa xogħol kbira, għax hemm mijiet ta' websajts li jew iżidu jew jikkumplimentaw din il-kollezzjoni diġà vasta ħafna. Meta qrajt dwar il-websajt www.kappellimaltin.com qatt ma stennejt daqshekk informazzjoni. Il-materjal huwa ppreżentat b'mod attraenti u professjonali. Din hija websajt li żiedet il-valur tal-prodott Malti *online*.

**Interessawni ħafna n-numru ta' kappelli Għawdxin li ġew inklużi fit-taqsima "Il-Kappelli".**

Hawn issib lista twila ta' kappelli, bl-isem tagħhom kif ukoll fil-belt jew raħal fejn jinsabu. U Għawdex huwa rappreżentat b'kappelli f'Għajnsielem, fl-Għarb, fil-Qala, f'Santa Luċija, fix-Xagħra u fix-Xlendi. Qabel ma ngħaddi għal xi tagħrif, nappella lil min hu nkarigat minn xi kappella li mhux qegħda f'din il-websajt biex jikkuntattja lill-awturi biex din ukoll tiġi mdaħħla fis-sit. Dan huwa nkarigu li jistgħu jieħduh il-Kunsilli mingħajr wisq xogħol, għax x'aktarx li fil-websajts tagħhom għandhom informazzjoni dwar il-kappelli u knejjes fir-raħal jew belt tagħhom. Skantajt li l-kappella storika tal-Lunzjata għadha ma sabitx ruħha f'dan is-sit. L-istess nista' ngħid għall-kappella/bażilika tal-Madonna tal-Patroċinju fl-Għasri. Tagħrif qasir dwar dawn il-kappelli jinsab fil-websajt tal-Ministeru għal Għawdex www.gozo.gov.mt. Hemm issib taqsima bl-isem Attrazzjonijiet, fosthom issib Kappelli.

**Il-kappelli f'Għawdex li s'issa qegħdin fil-websajt kappelli Maltin huma dawn: dik ta' Santa Ċeċilja f'Għajnsielem, ta' San Dimitri, Ta' Pinu u ta' San Publju fl-Għarb, dik tal-Kunċizzjoni u ta' l-Immakulata Kunċizzjoni magħrufa bħala Tal-Blat fil-Qala, ta' Santa Luċija f'Santa Luċija, ta' San Anton Abbati fix-Xagħra u tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi.** Dwar kull kappella ssib l-istorja, tagħrif dwar xi leġġenda relatata mal-kappella, ritratt tal-kwadru titulari u fejn hemm xi kwadru jew statwa ta' importanza storika, issib ukoll kummenti minn esperti. La qed insemmi l-esperti ma nistax ma nsemmix is-serje ta' artikli li ssib fl-istess websajt bl-indirizz dirett www.kappellimaltin.com/html/artikli.html. Fi ħsiebni li fix-xhur li ġejjin nidħol aktar fil-fond dwar il-kappelli Għawdxin f'dan is-sit biex flimkien inkomplu niskopru l-valur tal-wirt u t-tradizzjoni li jinsab tant qrib djarna.

Il-websajt għandha wkoll għodda importanti biex tgħin lill-viżitatur jifhem dak li hemm miktub dwar dawn il-kappelli. Issib Glossarju b'ġabra ta' 34 riferenza. Dan huwa importanti ħafna għax hemm termini wżati fil-kummentarji



li llum ma jintużawx. X'uħud minn dawn it-termini jeħdunha lura sekli sħaħ, per eżempju, għal żmien il-piraterija jew għaż-żmien meta l-kenn f'xi kappella kienet iżżomm lil xi kriminal milli jiġi arrestat.

Minn din il-websajt tista' ssib ruħek f'għejun ta' informazzjoni permezz tal-*links* vasti li għandha. Tista' tidħol f'websajts ta' knejjes u kappelli partikulari, baned popolari, għaqdiet tat-tiżjin u l-armar tal-festi u *link* interessanti ħafna dwar l-ikonografija fil-knejjes Maltin. Għal dawk li jixtiequ jagħmlu kuntatt ma' l-awturi ta' din il-websajt dan huwa l-indirizz: webmaster@kappellimaltin.com, fejn tista' wkoll tħalli xi kumment. **Nerġa' nappella għal aktar tagħrif dwar dawk il-kappelli Għawdxin li għadhom mhux imniżżla f'dan is-sit, li żgur huwa ta' importanza kbira kemm għall-istudjużi fir-riċerka tagħhom, kif ukoll għall-prodott Għawdxi, kemm għal Maltin li jiġu jżuruna kif ukoll għall-barranin. Websajt ta' kwalità li turi d-dedikazzjoni ta' dawk kollha responsabbli minnha.**

Sizzlers
A La Carte • Take Away
Fortunato Mizzi Street,
Victoria, Gozo.
Tel: 21 566 599
Mob: 99 90 90 90
99 85 41 76

TIEQA FUQ L-AMBJENT (7)

# Siġar u Arbuxelli fit-toroq ta' Għawdex (1)



*kitba u ritratti ta'* **Joe Sultana**

**Is-siġar u l-arbuxelli, li jiffurmaw parti fundamentali mill-flora, huma ġeneralment assoċjati mal-bijodiversità li nsibu fil-kampanja. Huma parti importanti fl-ekoloġija ta' kull pajjiż. Matul is-snin il-bniedem beda jikkultiva siġar u arbuxelli, għall-bżonnijiet tiegħu, fosthom għall-ikel, iżda wkoll biex iżejjen il-ġonna tiegħu. Inqeda wkoll bihom mhux biss biex iżejjen daru iżda wkoll biex isebbaħ l-inħawi li jgħix fihom, il-bliet, il-pjazez, kif ukoll it-toroq kemm prinċipali kif ukoll sekondarji. Ma kienx kuntent bis-siġar u l-arbuxelli endemiċi jew indiġeni ta' pajjiżu. Ried iżid magħhom, u daħħal minn pajjiżi oħra bosta speċi ta' siġar u arbuxelli minn kull rokna tad-dinja. Mhux hekk biss. Matul il-milja taż-żmien huwa nissel, iġġenera u xettel ħafna varjetajiet ta' kull għamla u ta' kull ġens mill-ispeċi naturali ta' ħafna siġar u arbuxelli. U llum fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi wieħed isib diversi siġar u arbuxelli eżotiċi jżejnu l-inħawi u l-ambjent fejn jgħix il-bniedem. Anke f'Għawdex ġara l-istess.**

Fit-Tokk ir-Rabat, fil-pjazez ta' l-irħula, fil-parkeġġi, u fil-biċċa l-kbira tat-toroq, wieħed jara diversi speċi ta' siġar u arbuxelli jżejnu dawn l-inħawi. Fl-imxietel tal-Gvern f'Għawdex jixxettlu diversi speċi, u fin-nies ukoll bdiet titnissel kultura t'apprezzament lejn dan it-tip ta' tiżjin b'siġar u arbuxelli. Ħafna huma dawk li jħawlu u jkabbru minnhom, mhux biss dawk li għandhom il-ġnien fuq in-naħa ta' barra, iżda ħafna oħrajn li jħawlu xi siġra jew arbuxell f'xi konka jew qasrija biswit il-faċċata tad-dar tagħhom.



*L-Awrekarja f'Tad-Dawwara*

F'din is-sensiela qasira ta' artikli se nagħtu daqqa t'għajn lejn x'uħud minn dawn l-ispeċi li wieħed jiltaqa' magħhom fil-pjazez u fit-toroq t'Għawdex. Ħafna minnhom huma komuni u ilhom magħna għall-bosta snin. Oħrajn huma skarsi u bdew jintużaw relattivament riċenti.

M'hemmx dubju li waħda mis-siġar l-iżjed dominanti li jżejnu t-toroq hija l-**Awrekarja** (l-isem xjentifiku: *Araucaria heterophylla*). Il-pajjiż origini tagħha huwa *Norfolk Island*, u għalhekk bl-Ingliż hija magħrufa bl-isem *Norfolk Island Pine*. F'Għawdex, mhijiex daqshekk komuni, imma nsibuha tikber f'diversi nħawi, fosthom fil-Ġonna Villa Rundle, fil-parkeġġ ħdejn il-kumpless ta' l-iskejjel fit-triq Fortunato Mizzi, u fil-pjazza ta' Sannat. Insibuha wkoll f'numru ta' toroq, bħal fir-*roundabout* ħdejn Ta' l-Imgħajjen, fejn it-toroq tax-Xagħra u tan-Nadur jingħaqdu fi triq waħda għar-Rabat, oħrajn fit-triq li tieħdok mir-Rabat għall-knisja Ta' Pinu, oħra int u tiela' mill-Imġarr għan-Nadur, u f'toroq oħra. Minkejja li hija siġra kbira li togħla ħafna x'uħud għandhom waħda f'biċċa ħamrija quddiem id-dar, filwaqt li oħrajn ħawlu waħda ġo qasrija kbira.

L-**Awrekarja** hija siġra attraenti ħafna. Tgħola saħansitra anke sa 40 metru. Dejjem tħaddar. Il-friegħi jikbru kważi orizzontali minn madwar iz-zokk u jagħtuha dehra ta' forma konika. Il-weraq huma rqaq; dawk tas-siġar maturi jvarjaw minn dawk ta' siġar żgħażagħ, għalhekk xjentifikament tissejjaħ *heterophylla* li tfisser weraq differenti. Meta s-siġra jkollha madwar ħmistax-il sena tibda tipproduċi l-koni nisa (il-frott tas-siġar koniferi), u meta jkollha iżjed minn 40 sena tibda tkabbar il-koni rġiel li jkunu ħafna iżgħar.

Siġra oħra li tikber u tgħola ħafna hija s-siġra tal-**Fikus** tal-weraq folt (l-isem xjentifiku: *Ficus microcarpa*). M'għandhiex isem bil-Malti minkejja li tinstab f'ħafna lokalitajiet. Bl-Ingliż magħrufa b'talanqas ħames ismijiet fosthom *Laurel Fig* u *Indian Laurel*. Din is-siġra tal-**Fikus** hija komuni ħafna f'Għawdex u tinstab matul



*Is-Siġar tal-Fikus fit-Tokk*

numru mhux ħażin ta' toroq u pjazez, fosthom f'Ta' Hamet, It-Taflija, fin-Nadur (wara l-knisja), fit-triq tal-Qala, fil-pjazez f'Għajnsielem, f'ħafna nħawi matul it-toroq li jwassluk minn Għajnsielem sar-Rabat, mir-Rabat sa' Marsalforn, fit-triq prinċipali li tidħol għall-Għasri, kif ukoll fit-Tokk, f'Putirjal u fit-terminus tal-venda fir-Rabat.

Is-siġra tal-**Fikus** oriġinat mill-pajjiżi ta' l-Asja (l-Indja, il-Malasja, il-Gżejjer tal-Paċifiku, u Borneo). Tħaddar is-sena kollha, tikber malajr u tgħola sa 10 metri jew iżjed. Għandha zokk oħxon u b'saħħtu u friegħi li jikbru 'l fuq. Il-qoxra taz-zokk u l-friegħi tkun lixxa u ta' kulur griż. Mill-friegħi joħorġu wkoll għeruq ta' l-arja li ġieli jikbru forma ta' leħja goffa. Il-weraq ovali, kemxejn tawwalin, ta' lewn aħdar skur, ileqqu, u jitwalu sa 12-il ċentimetru. Meta xi zokk jew werqa tinqasam mill-gerħa joħroġ likwidu qisu ħalib dellieki. Twarrad fjuri rqaq numerużi, bħal tat-tin, li jkunu fil-frotta. Il-frott, li jkun tnejn tnejn b'dijametru ta' ċentimetru, u jikber minn fejn joħroġ iz-zokk tal-weraq, ikun tond, u jinbidel minn aħdar għall-vjola skur meta jsir.

Minħabba li s-siġar tal-**Fikus** ikunu miksija b'weraq folt, dawk l-għasafar, bħall-Għasfur tal-Bejt, l-Isturnell u z-Zakak l-Abjad, li jħobbu jinġabru għar-rqad f'numri kbar, jippreferu jużaw dawn it-tip ta' siġar għax joffrulhom l-aħjar kenn u protezzjoni.

Wieħed mill-arbuxelli li jintużaw biex iżejnu t-toroq u xi dawwara f'salib it-toroq hija l-**Lantana** (l-isem xjentifiku: *Lantana camara*). Bl-Ingliż magħrufa b'diversi ismijiet, fosthom *Shrub verbena*, *Bush Lantana* jew *Big Sage*. F'Għawdex mhux daqstant komuni u jinstab f'xi ftit ġnub ta' toroq. Jinstab fit-triq tax-Xagħra wara li tħalli n-niżla tal-Qaċċa, fit-telgħa tan-Nadur mill-Imġarr, int u dieħel fit-triq tal-Qala, u anke fit-triq mir-Rabat għall-Marsalforn.


*Il-Fjuri tal-Lantana*

Il-**Lantana** oriġinat mill-pajjiżi tan-nofs u t'isfel tal-kontinent Amerikan. Tikber b'forma sferika u tgħola minn metru sa tnejn. Għandha weraq xieref u mkemmex, aħdar skur, bit-truf bis-snien, li jkun fih minn 5 sa 10 ċentimetri. Ir-riħa tal-weraq hija qawwija u ma tantx hi pjaċevoli. Ġeneralment twarrad fis-Sajf, għalkemm ġieli twarrad xi ftit is-sena kollha. Il-fjuri huma sbieħ ħafna, irqaq, ifuħu u jikbru f'bukketti żgħar u tondi. Dawn il-fjuri jbidlu l-kulur maż-żmien, minn isfar għall-oranġjo skur u għalhekk kull bukkett ġeneralment ikun bi fjuri rqaq sofor, oranġjo u ħomor. Tinstab ukoll varjetà oħra fejn il-fjuri jkunu roża u vjola. Meta l-fjuri jinxfu, l-frotta tkun qisha tuta ħoxna imma mhux tajjeb għall-ikel. L-arbuxell kollu fih sustanza velenuża, tant hu hekk li l-arbuxell kollu, iz-zkuk, il-weraq, il-fjuri u l-frott, huma velenużi għall-bniedem u l-bhejjem.


*L-arbuxelli tas-Solandra*

Pjanta li mhix komuni u li tħawlet xi snin ilu f'parti mit-Triq ta' Gajdoru fix-Xagħra hija s-**Solandra** (l-isem xjentifiku: *Solandra grandiflora*). Hemm ukoll minnha n-Nadur. Bl-Ingliż magħrufa bl-ismijiet *Cup of Gold*, *Chalice Vine* u *Trumpet Plant*, fost oħrajn. Arbuxell li jixxabbat u jinfirex bi zkuk twal u kemxejn ħoxnin. Dejjem iħaddar b'weraq kbar. Il-fjuri kbar u attraenti, forma ta' qanpiena, ta' kulur isfar dehbi, b'linji vjola minn ġewwa. Jikbru f'waħdiet fit-truf tal-friegħi. Għandhom riħa ħelwa imma mhux daqstant pjaċevoli. M'għandhomx ħajja twila. Il-pajjiżi oriġinali tagħha huma l-Messiku, u xi pajjiżi fl-Amerika t'isfel.


*Il-Fjura tas-Solandra*

*(ikompli)*

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*APPREZZAMENT*

# Kan. Dun Mikiel Camilleri



Nhar it-Tnejn 23 ta' Frar, it-tokki kiebja tal-qanpiena l-kbira tal-Kolleġġjata Bażilka tan-Nadur Għawdex, ħabbret lil Komunità Parrokkjali tan-Nadur li miet il-Kan. Dun Mikiel Camilleri, li fid-29 ta'April li ġej kien ser jiċċelebra il-Ġublew tad-Deheb tal-Ordinazzjoni saċerdotali tiegħu. Imma l-Imgħallem li għażlu għalih matul ħajtu biex jaqdih permezz tal-Ħajja Saċerdotali riedu li jiċċelebra l-Ħamsin Sena tas-Saċerdozju fil-Liturġija tas-Sema, fl-Eternità, ħdejH, l-Imgħallem Ħanin Tiegħu li Dun Mikiel matul il-ħajja saċerdotali twila tiegħu, servih bl-ikbar fedeltà.

Il-Kan.Dun Mikiel Camilleri twieled nhar is-19 ta' Diċembru 1931, bin Ġanni Camilleri u Karmena nee Cassar. Ġie mgħammed fil-21 tax-xahar mill-Arċipriet Ġużeppi Cassar. Mikieli jiġi t-tmien wieħed fost disa' aħwa. Ħa l-edukazzjoni tiegħu primarja fl-Iskola tan-Nadur u wara kompla l-istudji tiegħu sekondarju fis-Seminarju Veskovili t'Għawdex. Wara li spiċċa l-Kors Sekondarju kompla l-istudji tiegħu li wassluh għas-saċerdozju. Ġie ordnat saċerdot fil-Katidral ta' Għawdex minn Monsinjur Isqof Ġużeppi Pace nhar it-12 t'April tas-sena 1959 flimkien ma' sitta oħra. Ta' min jgħid li dakinhar kienu tlieta s-saċerdoti min-Nadur. Mhux ta' b'xejn li fl-imgħoddi n-Nadur kien meqjuż bħala mixtla tas-saċerdoti. Din l-espressjoni jew kliem ieħor simili qalha Mons Isqof Mario Grech li ppresieda l-Konċelebrazzjoni fil-funeral tal-Kan. Mikiel Camilleri flimkien ma' 42 saċerdot ieħor.

L-Ewwel Quddiesa Sollenni ġiet iċċelebrata nhar il-Ħadd 21 ta' Ġunju 1959. Dun Mikiel sar Kanonku tal-Kolleġġjata Insinji u Bażilka tan-Nadur fil-25 ta' Ġunju 1961. Miet nhar it-23 ta' Frar 2009 fl-età ta' 77 sena.

Matul il-ħajja saċerdotali tiegħu, Dun Mikiel ta kontribut siewi lil Parroċċa tan-Nadur. Kien Direttur Spiritwali kważi sa' l-aħħar ġranet tiegħu tal-Praesidja li jġib l-isem ta' *Marija Addolorata*. Kien attiv ħafna u benefattur tas-Soċjetà tal-Museum li tagħha kien soċju qabel ma sar saċerdot. Kien assidwu ħafna għall-Kor, għax kien konvint mill-ħtieġa tat-talb. Kien jagħti s-sehem tiegħu fl-amministrazzjoni tal-qrar kemm fil-parroċċa tagħna kif ukoll f'diversi parroċċi tad-Djoċesi fejn kien jiġi mitlub, speċjalment fil-Parroċċa ta' Sannat li kif qaluli dam madwar tletin sena jagħti s-servizz tiegħu ta' qrar f'din il-Parroċċa. Anke għal bosta snin kien imur l-Italja fiż-żmien il-Milied u l-Għid biex jagħti servizz ta' qrar f'parroċċi ġewwa Verona u Prato. Dun Mikiel ukoll kien iħobb il-Festa tal-Patruni tagħna u dam għal 25 sena bħal Prokuratur tat-Triq Xandriku li matul dawn il-25 sena wettaq diversi opri li komplew isebbħuha kif jixraq lill-Appostli Patruni tagħna San Pietru u San Pawl. Fis-snin sittin, Dun Mikiel ġie elett għal darbtejn wara xulxin ma' erba' oħra bħala membru tal-Kumitat Distrettwali tan-Nadur fid-9 ta' Ġunju 1961 u fit-13 ta' Ġunju 1964 fejn ġie maħtur *Chairman* tal-Kumitat li kien jagħmel parti mill-Kunsill Ċiviku ta' Għawdex.

Fil-funeral tiegħu, Mons. Isqof Mario Grech li ppresieda l-Konċelebrazzjoni semma li s-saċerdot huwa anġlu li jgħin lin-nisrani biex jirbaħ it-tfixkil spiritwali li jista' jiltaqa' miegħu. Is-saċerdot jgħinna permezz tal-predikazzjoni, permezz tat-talb, taċ-ċelebrazzjoni tas-sagrifiċċju tal-quddiesa kif ukoll permezz tal-penitenza li jagħmel kemm għal qdusija tiegħu innifsu kif ukoll għal-erwieħ fdati f'idejh. Dun Mikiel wettaq dawn l-opri kollha matul kważi ħamsin sena ta' saċerdozju, u li issa il-Mulej ir-Ragħaj it-Tajjeb żgur li ser jippremjah. Però jibqa l-fatt li s-saċerdot huwa bniedem ukoll u għalhekk suġġett għan-nuqqasijiet. Għalhekk aħna fid-dmir li nitolbu kemm għal qdusija tas-saċerdoti kif ukoll għas-saċerdoti li ħallew din id-dinja, fosthom ħuna fis-saċerdozju l-Kan. Dun Mikiel.

***Mons. Salv Pace***

**MIX-XENA SPORTIVA F'GĦAWDEX** *minn* **Joe Bajada**



# IN-NISA FL-ISPORT GĦAWDXI

Huwa fatt magħruf li ftit huma dawk l-opportunitajiet għat-tfajliet Għawdxin li jippartecipaw f'xi sport speċjalment fiż-żminijiet tal-lum. Iċ-ċansijiet li kienu maħluqa f'nofs is-snin 70 u li baqgħu jiżdiedu fis-snin 80 u 90, nistgħu ngħidu li huma biss storja għall-isport Għawdxi. Kienu żminijiet ta' furja sportiva għat-tfajliet u n-nisa tagħna. Possibbiltajiet li kienu kkrejati grazzi għall-Assoċjazzjonijiet bħal tal-*Basketballl, Volleyball* u *Football.* Minkejja li kienu żminijiet fejn Għawdex kien prattikament nieqes minn faċilitajiet sportivi, xorta waħda kienu jkunu organizzati kampjonati u kompetizzjonijiet flimkien ma' għadd ġmielu ta' *tournaments* fid-dixxiplini tal-*Basketball* u l-*Volleyball.*

Fil-bidu tas-sena 1990 bosta kienu tal-fehma li kien qed isir pass ferm importanti 'l quddiem bil-bini tal-Kumpless Sportiv fir-Rabat Għawdex. Dan kien meqjuż bħala l-ikbar proġett sportiv li qatt sar f'Għawdex, ħolma li kienet saret realtà meta kellna l-inawgurazzjoni tiegħu fil-5 ta' Marzu 1990 mill-Prim Ministru Eddie Fenech Adami. Din l-inawgurazzjoni mmarkat it-tmiem ta' 18 il-xahar ta' ħidma bla heda biex jitlesta dan il-Kumpless Sportiv, l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu fil-gżejjer Maltin.

Fil-bini ta' dan il-Kumpless Sportiv sar użu mill-ispazju li kien hemm fejn kienu nħolqu diversi faċilitajiet biex ikun jista' jintlgħabu fih diversi tipi ta' sport, bħal *Basketball, Volleyball, Netball, Handball, Badminton, Futsal, Kick Boxing, Karate, Spirit Combat, Aerobics, Squash, Table Tennis*, Tixbit mal-Ħitan, Ġinnastika u *Yoga* fost l-oħrajn. Kienet injezzjoni mill-aqwa għall-isport Għawdxi. Matul is-snin assistejna wkoll għal diversi tipi ta' sport organizzat speċifikament għan-nisa, kemm fuq bażi lokali, kif ukoll b'kompetizzjonijiet u wirjiet internazzjonali. Fost dawn ta' min isemmi li dan il-Kumpless Sportiv intuża fiż-żewġ okkażjonijiet li Malta organizzat il-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar fejn fil-Ħames Edizzjoni li saret f'Mejju/Ġunju 1993 kien sar il-*Judo* fejn hawn Malta kienet rebħet l-ewwel midalja tad-deheb tagħha permezz ta' Jackie Xuereb. Imbagħad fl-Għaxar Edizzjoni li nżammet fl-2003, il-Kumpless Sportiv tar-Rabat kien magħżul biex fih isir it-*Table Tennis*. Kompetizzjoni oħra internazzjonali bis-sehem tan-nisa kien hemm il-*Judo, Basketball, Volleyball, Table Tennis*, Arti Marzjali, Ġinnastika fost l-oħrajn. F'April 1990 kienet saret attività sportiva internazzjonali kbira meta kienet organizzata l-Ewwel Edizzjoni tal-Logħob Ewropej tas-Salesjani.

Iżda minkejja dan kollu, diversi Għaqdiet sportivi Għawdxin bdew jiltaqgħu ma' diffikultajiet fosthom it-trawwim tat-tfajliet żgħar biex jieħdu post dawk stabbiliti. Is-sitwazzjoni attwali kulħadd jafha. Minkejja li qed isiru sforzi permezz ta' diversi skejjel ta' l-isport, ir-riżultati mhux qed ikunu dawk mixtieqa. Mistoqsija komuni li tibqa' mingħajr tweġiba hija li ftit jew ħadd mhux qed ikompli jipprattika l-isport li jkun inklinat għalih u li suppost qed ikun imħarreġ fih. Hemm bżonn li t-taħriġ f'dawn it-tfajliet żgħar ikun fuq bażi professjonali w importanti, wkoll li jkun immoniterjat il-progress tagħhom biex inkunu nistgħu ngħidu li ser nerġgħu nqajmu xi sport partikolari tan-nisa fil-gżira Għawdxija.

Iżda b'dawn il-problemi kollha għall-isport tat-tfajliet f'Għawdex, il-*Gozo Football Association* qed tagħmel sforzi kbar biex ittaffi l-problema ta' nuqqas ta' kompetizzjonijiet sportivi speċifikament għan-nisa. Anke hawn l-*Gozo F.A.* kienet għal darb'oħra innovattiva fejn organizzat għall-ewwel darba fil-gżejjer Maltin Kampjonat tal-*football* tat-Tfajliet għal eta' żgħira. Fil-fatt il-ġurnata tas-Sibt 1 ta' Frar 2009 ser tibqa' data storika għal *football* Għawdxi fejn saru l-ewwel żewġ logħbiet minn dan il-Kampjonat BOV. *Qala St Joseph, Sannat Lions, SK Victoria Wanderers* u *Xagħra United* huma l-erba' timijiet li qed jippartecipaw f'dan il kampjonat.



L-istess ammont ta' erba' timijiet qed jieħdu sehem fil-kampjonat BOV tan-Nisa l-Kbar bil-parteċipazzjoni taċ-*champions Kerċem Ajax, Nadur Youngsters, SK Victoria Wanderers* u *Xagħra United.*

Dan iż-żewġ Kampjonati qed jintlagħbu 7-A-Side fil-grawnd ta' l-Oratorju u huma fuq bażi ta' erba' rawnds. B'din l-organizzazzjoni ta' dawn il-Kampjonati, l-*Gozo F.A.* qed tagħmel minn kollox biex tissalvagwardja u tħares b'ottimiżmu l-*football* tan-Nisa f'Għawdex. Fil-fatt il-logħob tal-*football* tan-Nisa f'Għawdex qed dejjem jikber fl-interess fejn apparti li għaddej il-Kampjonat tal-Kbar, anke t-tim rappreżentattiv Għawdxi qed jaqta' figura ferm tajba f'Malta fejn jinsab jiddomina l-Kampjonat tan-Nisa tat-Tieni Diviżjoni organizzat mill-*Malta FA* fejn s'issa rebħu l-għaxar logħbiet tagħhom u jinsabu fil-quċċata tal-klassifika b'punti massimi.

Irridu nkomplu naħdmu dejjem iktar biex tiżdied il-parteċipazzjoni tan-nisa fl-isport. Illum nistgħu ngħidu kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel għandhom opportunitajiet indaqs fejn tidħol il-prattika ta' l-isport. Kien għalkemm li l-*Gozo Football Association* inkludiet is-settur femminili fil-prattika tad-dixxiplina rispettiva tagħha. Madankollu iżda xorta għadna qed inħossu nuqqas ta' parteċipazzjoni min-nisa Għawdxin fil-livelli kollha, kemm bħala atleti u wisq aktar bħala amministraturi.

NixtieqU naraw iktar nisa jidħlu għall-isport minn età żgħira u jkomplu anke sal-livelli ta' amministrazzjoni. Fil-fatt l-*Gozo FA* mhix tagħmel differenza bejn is-sessi f'dak li huwa logħob tal-*football.* Dan qed isir billi timmotiva iktar tfajliet u nisa biex jersqu lejn l-isport billi jingħataw aktar taħriġ u kuraġġ lit-tfajliet biex jippartecipaw fl-isport sa minn etajiet iżgħar. Nafu wkoll bid-diffikultajiet komuni femminili li jinkludu nuqqas ta' kunfidenza fihom infushom, li jħossuhom intimidati, u l-ħsieb li ma humiex aċċettati minn sħabhom maskili. In-nisa iżda minn naħa l-oħra għandhom bżonn jallokaw aktar mill-ħin liberu tagħhom għall-isport u l-eżerċizzju fiżiku.

# Għawdex max-Xhur

*Versi ta' Fr. Geoffrey G. Attard*
*Ritratti minn diversi sorsi*







## 3. MARZU

*Marzu x-xahar tax-xemx u l-bnazzi*
*meta l-ksieħ ibatti sew*
*jerġgħu sħan il-jiem dawlija*
*ngħidu l-jiem tax-xitwa għaddew.*

*Il-bieb jiftaħ u r-rixtellu*
*terġa' ż-żiffa, jerġa' r-riħ*
*għalkemm isħan il-jiem tiegħu*
*ma jkunx għadu għeb il-ksieħ.*

*Marzu x-xahar tar-raġel twajjeb*
*li l-Mulej għażel għalih*
*biex ħsieb jieħu t'Ibnu ċkejken*
*u mill-gwaj u l-hemm jifdih!*

*F'Marzu wkoll lill-Verġni Mbierka*
*nagħtu qima għax l-anġlu żar*
*biex mis-Sema itarrfilha*
*fost kemm hemm l-ikbar aħbar!*

*Sliem, Marija, Omm u Verġni*
*qallha l-anġlu Gabrijel.*
*Alla fuqek għajnejh xeħet*
*biex jgħattik b'tiegħu d-dell!*

*Marzu qala' mnieħru u qarstu*
*għax ma jridx li jħoss il-ksieħ.*
*Marzu x-xahar tax-xemx li bierda*
*fost ix-xhur l-aktar sabiħ!*







# Djamanti ta' Għawdex

## Ritratti ta' Godfrey Xuereb

## MERAVILJI NATURALI TAL-KOSTA GĦAWDXIJA



Il-Blata taċ-Ċawl



Wied l-Għasri

# Seba' Kotba minn Għawdex għas-Sena Pawlina

## Erbgħa għall-kbar u tlieta għaż-żgħar






*Studju dettaljat ta' Mons. Lawrenz Sciberras. "Xogħol tassew prestiġjuż". €7*




*Xogħol ta' Kevin J. Hanlon dwar l-Ittri ta' San Pawl, Ragħaj li għadu jiggwida l-insara. €4*




*Ktieb klassiku tal-Biblista famuż Mons. Ronald Knox fuq it-tagħlim teoloġiku ta' San Pawl. €5*




*L-Ewwel Ittra lill-Korintin, rigal ta' l-Isqof lill-Għawdxin. Kopji extra b'donazzjoni libera.*




*Ktejjeb ideali għall-kbar u għaż-żgħar, b'qari ħafif, kollu kulur fuq il-ħajja ta' San Pawl. €2*

*Żewġ kotba għat-tfal, wieħed ta' attivitajiet u ieħor għat-tpinġija. €2 u €1.50*







SENA PAWLINA 2008 - 2009

LUMEN CHRISTI PUBLICATIONS